ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 276

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

20 ta' Ottubru 2010

Werrej

I *Atti leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013)** ([1]) ..... 1

★ **Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ..... 11

★ **Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv** ([1]) ..... 22

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi** ([1]) ..... 33

**Prezz: 4 EUR**

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) Nru 911/2010 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-22 ta' Settembru 2010**

**dwar il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 189 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Fil-laqgħa tiegħu tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2001 f'Gothenburg, il-Kunsill Ewropew qabel dwar strateġija għal żvilupp sostenibbli, biex isaħħaħ b'mod reċiproku l-linji politiċi fl-oqsma ekonomiku, soċjali u ambjentali u żied dimensjoni ambjentali fil-proċess ta' Lisbona.

(2) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2007 dwar il-Politika Spazjali Ewropea ([3]) adottata fir-raba' laqgħa konġunta u konkomitanti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kunsill tal-Aġenzija Spazjali Ewropea f'livell ministerjali, stabbilit skont l-Artikolu 8(1) tal-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u l-Aġenzija Spazjali Ewropea ([4]) (il-"Kunsill Spazjali"), il-Kunsill għaraf il-kontribuzzjonijiet attwali u potenzjali permezz ta' attivitajiet spazjali lejn l-Istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi billi jipprovdu teknoloġiji u servizzi favorevoli għas-soċjetà emerġenti Ewropea tal-konoxxenza u jikkontribwixxu għall-koeżjoni Ewropea, u enfasizza li l-ispazju huwa element sinifikanti tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ewropa.

(3) Ir-Riżoluzzjoni tas-26 ta' Settembru 2008, bit-titolu "Il-progress fil-Politika Spazjali Ewropea" ([5]), adottata fil-ħames laqgħa konġunta u konkomitanti tal-Kunsill dwar l-Ispazju enfasizzat il-ħtieġa li jiġu żviluppati strumenti adegwati tal-UE u skemi ta' finanzjament li jqisu l-ispeċifiċitajiet tas-settur spazjali, il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kompetittività ġenerali tagħha u dik tal-industrija tagħha u n-neċessità ta' struttura industrijali bilanċjata; u li jiġi permess investiment tal-Unjoni xieraq għal perjodu fit-tul fir-riċerka relatata mal-ispazju u għall-operazzjoni ta' applikazzjonijiet sostenibbli bbażati fuq l-ispazju għall-benefiċċju tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha, b'mod partikolari billi jiġu eżaminati l-konsegwenzi kollha relatati mal-politika spazjali fil-qafas tal-perspettiva finanzjarja li jmiss.

(4) Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar "Il-politika spazjali Ewropea: Kif nistgħu inqarrbu l-ispazju lejn id-dinja" ([6]) enfasizzat il-ħtieġa li jinstabu strumenti u skemi ta' finanzjament tal-UE adegwati għall-Politika Spazjali Ewropea biex jissupplimentaw l-allokazzjonijiet mis-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) ("is-Seba' Programm Kwadru"), sabiex l-atturi ekonomiċi differenti jkunu jistgħu jippjanaw l-azzjonijiet tagħhom għal perjodu ta' żmien medju u twil u enfasizzat li l-qafas finanzjarju li jmiss għandu jqis strumenti u skemi ta' finanzjament tal-UE adegwati sabiex ikun jista' jsir investiment tal-Unjoni għal perjodu ta' żmien twil fir-riċerka marbuta mal-ispazju u għall-operazzjoni ta' applikazzjonijiet sostenibbli bbażati fuq l-ispazju għall-benefiċċju tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha.

([1]) Opinjoni tal-20 ta' Jannar 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Ġunju 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2010.
([3]) ĠU C 136, 20.6.2007, p. 1.
([4]) ĠU L 261, 6.8.2004, p. 64.
([5]) ĠU C 268, 23.10.2008, p. 1.
([6]) ĠU C 16E, 22.1.2010, p. 57.

(5) Il-Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (GMES) ikkonsista f'inizjattiva, ta' monitoraġġ tad-dinja, immexxija mill-Unjoni u mwettqa bi sħubija mal-Istati Membri u mal-Aġenzija Spazjali Ewropea ("ESA"). L-gan tal-GMES hu li jipprovdi, taħt il-kontroll tal-Unjoni, servizzi ta' informazzjoni, li jagħtu aċċess għal data u informazzjoni preċiżi fil-qasam tal-ambjent u s-sigurtà u li huma mfassla skont il-ħtiġijiet tal-utenti. B'dan il-mod, il-GMES għandu jrawwem sfruttament aħjar tal-potenzjal industrijali tal-linji politiċi ta' innovazzjoni, riċerka u żvilupp teknoloġiku fil-qasam tal-osservazzjoni tad-dinja. Il-GMES għandu jkun, inter alia, għodda ewlenija li tappoġġa l-bijodiversità, l-immaniġġar tal-ekosistema u l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

(6) Sabiex jinkiseb l-għan tal-GMES fuq bażi sostenibbli, jinħtieġ li jiġu kkoordinati l-attivitajiet tad-diversi sħab involuti fil-GMES, u li tiġi żviluppata, stabbilita u mħaddma kapaċità ta' servizz u osservazzjoni li tissodisfa l-eżiġenzi tal-utenti, bla ħsara għar-restrizzjonijiet rilevanti nazzjonali u Ewropej rigward is-sigurtà.

(7) F'dan il-kuntest, kumitat għandu jassisti lill-Kummissjoni fl-iżgurar tal-koordinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-GMES mill-Unjoni, l-Istati Membri u l-aġenziji intergovernattivi, bl-aħjar użu tal-kapaċitajiet eżistenti u bl-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet li jridu jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni. Huwa għandu jgħin ukoll lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni koerenti tal-GMES. Huwa għandu jimmonitorja l-evoluzzjoni tal-politika u jipprovdi l-possibbiltà li jsiru skambji ta' prattika tajba fil-GMES.

(8) Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika tas-sigurtà tal-GMES, megħjuna mill-Kumitat. Għal dan il-għan għandha titwaqqaf konfigurazzjoni speċifika tal-Kumitat (il-"Bord tas-Sigurtà").

(9) Il-GMES għandu jkun immexxi mill-utent, u b'hekk jeħtieġ l-involviment kontinwu u effettiv tal-utenti, partikolarment rigward id-definizzjoni u l-validazzjoni ta' rekwiżiti tas-servizz. Sabiex jiżdied il-valur tal-GMES għall-utenti, il-kontribut tagħhom għandu jiġi mfittex b'mod attiv permezz ta' konsultazzjoni regolari mal-utenti finali mis-setturi pubbliċi u privati. Għandu jiġi stabbilit ukoll Korp iddedikat (il-"User-Forum") sabiex jiffaċilita l-identifikazzjoni tal-ħtiġiet tal-utenti, il-verifika tal-konformità tas-servizz u l-koordinazzjoni tal-GMES mal-utenti tiegħu fis-settur pubbliku.

(10) Sabiex tipprovdi għal qafas li jiżgura aċċess sħiħ u miftuħ għall-informazzjoni prodotta mis-servizzi tal-GMES u għad-data miġbura permezz ta' infrastruttura tal-GMES, filwaqt li tipprovdi għall-protezzjoni neċessarja ta' dik l-informazzjoni u ta' dik id-data, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") fir-rigward tal-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni u tal-liċenzjar għall-utenti tal-GMES u tal-kriterji għar-restrizzjoni tal-aċċess għad-data u l-informazzjoni tal-GMES, filwaqt li tqis il-linji politiċi dwar id-data u dwar l-informazzjoni tal-fornituri tad-data meħtieġa għall-GMES, u mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali u l-proċeduri applikabbli għall-ispazju u l-infrastrutturi in situ taħt il-kontroll nazzjonali. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti.

(11) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tal-atti ta' delega adottati fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament, is-setgħat tal-implimentazzjoni għandhom ikunu konferiti lill-Kummissjoni biex tadotta, fuq il-bażi tal-kondizzjonijiet u l-kriterji stabbiliti mill-atti ta' delega, miżuri speċifiċi biex jirrestrinġu l-aċċess għall-informazzjoni prodotta mis-servizzi tal-GMES u għad-data miġbura permezz tal-infrastruttura dedikata tal-GMES, inklużi miżuri individwali li jqisu s-sensittività tal-informazzjoni u tad-data kkonċernata. Is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom ukoll jiġu konferiti lill-Kummissjoni biex tikkoordina l-kontribuzzjonijiet volontarji tal-Istati Membri u s-sinerġiji potenzjali ma' inizjattivi rilevanti nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali, sabiex tistabbilixxi r-rata massima ta' kofinanzjament għall-għotjiet, tadotta miżuri li jistipulaw ir-rekwiżiti tekniċi sabiex jiġu żgurati l-kontroll u l-integrità tas-sistema fi ħdan il-programm iddedikat tal-komponent spazjali tal-GMES u biex tikkontrolla l-aċċess għal, u l-ġestjoni ta', teknoloġiji li jipprovdu sigurtà għall-programm iddedikat tal-komponent spazjali tal-GMES, u biex tadotta l-programm ta' ħidma annwali tal-GMES.

Skont l-Artikolu 291 tat-TFUE, ir-regoli u l-prinċipji ġenerali li għandhom x'jaqsmu mal-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat implimentattivi tagħha għandhom jiġu stabbiliti minn qabel b'regolament adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Sa meta jiġi adottat dak ir-regolament il-ġdid, tibqa' tapplika d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni [1], bl-eċċezzjoni tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, li mhijiex applikabbli.

(12) Billi l-GMES hija bbażata fuq sħubija bejn l-Unjoni, l-ESA u l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tkompli d-djalogu li ġie stabbilit reċentement mal-ESA u l-Istati Membri li jippossjedu assi spazjali rilevanti.

(13) Is-servizzi tal-GMES huma meħtieġa biex irawmu l-użu ta' sorsi ta' informazzjoni mis-settur privat fuq bażi kontinwa, u b'hekk jiffaċilitaw l-innovazzjoni, b'riżultat ta' valur miżjud, minn fornituri ta' servizzi, li ħafna minnhom huma impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

(14) Il-GMES jinkludi kemm attivitajiet ta' żvilupp kif ukoll operazzjonijiet. Fir-rigward tal-operazzjonijiet, fit-tielet orjentazzjoni tiegħu adottata fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Ispazju fit-28 ta' Novembru 2005, il-Kunsill appoġġa approċċ maqsum f'diversi fażijiet għall-implimentazzjoni tal-GMES imsejjes fuq prijoritajiet identifikati b'mod ċar, billi jibda bl-iżvilupp ta' tliet servizzi rapidi fil-qasam tar-reazzjonijiet ta' emerġenza, il-monitoraġġ tal-art u s-servizzi marittimi.

(15) L-ewwel servizzi operattivi fil-qasam ta' reazzjonijiet ta' emerġenza u ta' monitoraġġ tal-art kienu ffinanzjati bħala azzjonijiet preparatorji skont l-Artikolu 49(6)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) ("ir-Regolament Finanzjarju").

(16) Minbarra l-attivitajiet ta' żvilupp iffinanzjati skont il-qasam tematiku spazjali inklużi fis-Seba' Programm Kwadru, tinħtieġ azzjoni tal-Unjoni fil-perjodu tal-2011-2013 biex tiżgura l-kontinwità mal-azzjonijiet preparatorji u biex tistabbilixxi servizzi operattivi fuq bażi aktar permanenti f'oqsma ta' maturità teknika suffiċjenti b'potenzjal ippruvat għall-iżvilupp ta' servizzi fil-livell suċċessiv.

(17) Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-12 ta' Novembru 2008 bit-titlu "Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (GMES): għal qalbna dinja iżjed protetta", il-Kummissjoni fissret l-approċċ tagħha għat-tmexxija u l-finanzjament tal-GMES u indikat l-intenzjoni tagħha li tiddelega l-implimentazzjoni teknika tal-GMES lil entitajiet speċjalizzati, inkluża l-ESA għall-komponent spazjali tal-GMES minħabba l-pożizzjoni unika u l-konoxxenza esperta tagħha.

(18) Il-Kummissjoni għandha tafda l-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni teknika tas-servizzi tal-GMES, fejn xieraq, lil entitajiet tal-Unjoni jew organizzazzjonijiet intergovernattivi kompetenti, bħall-Aġenzija Ambjentali Ewropea u ċ-Ċentru Ewropew għat-Tbassir tat-Temp fuq Medda Medja.

(19) Is-servizzi operattivi fil-qasam tal-immaniġġar ta' emerġenzi u ta' assistenza umanitarja huma neċessarji biex jikkoordinaw il-kapaċità eżistenti tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex itejbu l-preparazzjoni, ir-reazzjoni u l-irkupru wara diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, li ħafna drabi jkollhom ukoll impatt negattiv fuq l-ambjent. Billi t-tibdil fil-klima jista' jwassal għal żieda fin-numru ta' emerġenzi, il-GMES se jkun essenzjali għall-appoġġ tal-miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Is-servizzi tal-GMES għandhom għalhekk jipprovdu informazzjoni ġeospazjali biex jappoġġaw reazzjonijiet ta' emerġenza u assistenza umanitarji.

(20) Is-servizzi ta' monitoraġġ tal-art huma importanti għall-monitoraġġ tal-bijodiversità u tal-ekosistemi jappoġġaw il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-miżuri ta' adattament u l-ġestjoni ta' firxa wiesgħa ta' riżorsi u linji politiċi, li ħafna minnhom huma marbuta mal-ambjent naturali: il-ħamrija, l-ilma, l-agrikoltura, il-foresti, l-enerġija u l-utilitajiet, iż-żoni mibnija, il-faċilitajiet ta' rikreazzjoni, l-infrastruttura u t-trasport. Is-servizzi operattivi ta' monitoraġġ tal-art huma meħtieġa kemm fil-livell Eworpew kif ukoll f'dak globali, u jridu jiġu żviluppati b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, mal-pajjiżi terzi fl-Ewropa u ma' msieħba barra mill-Ewropa kif ukoll man-Nazzjonijiet Uniti.

(21) Is-servizzi tal-GMES fil-qasam tal-ambjent tal-baħar huma importanti għall-appoġġ ta' kapaċità Ewropea integrata għat-tbassir u l-monitoraġġ tal-oċeani u l-provvista futura ta' Parametri Essenzjali tal-Klima (ECVs). Huma element essenzjali għall-monitoraġġ tat-tibdil fil-klima, il-monitoraġġ tal-ambjent tal-baħar u l-appoġġ tal-linja politika tat-trasport.

(22) Is-servizzi ta' monitoraġġ tal-atmosfera huma importanti għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja, il-kimika u l-kompożizzjoni atmosferika. Huma wkoll element essenzjali għall-monitoraġġ tat-tibdil fil-klima u l-provvista futura ta' ECVs. L-għoti ta' informazzjoni dwar l-istat tal-atmosfera huwa meħtieġ fuq bażi regolari u fil-livelli reġjonali u globali.

(23) Is-servizzi tas-sigurtà jiffurmaw parti importanti fl-inizjattiva GMES. L-Ewropa ser tibbenefika mill-użu tal-ispazju u l-assi in situ bħala appoġġ tal-implimentazzjoni ta' servizzi li jirrispondu għall-isfidi li l-Ewropa qed tiffaċċja fil-qasam tas-sigurtà, b'mod partikolari l-kontroll tal-fruntieri, is-sorveljanza marittima u l-appoġġ għall-azzjonijiet esterni tal-Unjoni.

(24) Il-monitoraġġ tat-tibdil fil-klima għandu jippermetti l-adattament u l-mitigazzjoni tal-effetti tiegħu. Għandu b'mod partikolari jikkontribwixxi għall-provvista ta' ECVs, l-analiżi tal-klima u projezzjonijiet fuq skala rilevanti għall-adattament u l-mitigazzjoni, u l-prestazzjoni tas-servizz rilevanti.

(25) Il-provvediment ta' servizzi operattivi ffinanzjati skont dan ir-Regolament jiddipendi fuq l-aċċess għal data miġbura permezz ta' infrastruttura spazjali kif ukoll faċilitajiet tal-ajru, tal-baħar u tal-art ("infrastruttura in situ") u programmi ta' stħarriġ. B'rispett sħiħ għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, għandu għalhekk jiġi assigurat l-aċċess għad-data meħtieġa u fejn ikun meħtieġ, jista' jiġi appoġġat il-ġbir ta' data in situ b'mod komplementari mal-attivitajiet eżistenti nazzjonali u tal-Unjoni. Jeħtieġ li tiġi żgurata d-disponibbiltà kontinwa tal-ħtiġijiet ta' infrastruttura in situ u tal-osservazzjoni spazjali sottostanti, inkluża infrastruttura spazjali żviluppata speċifikament għall-GMES fil-qafas tal-programm tal-komponent spazjali ESA GMES (is-"Sentinels"). L-ewwel Sentinels għandhom jibdew il-fażi operattiva inizjali tagħhom fl-2012.

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(26) Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-komplementarjetà tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp relatati mal-GMES skont is-Seba' Programm Kwadru, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-operazzjonijiet inizjali tal-GMES, l-attivitajiet tas-shab tal-GMES u l-istrutturi diġà eżistenti, bħaċ-Ċentri ta' Data Ewropej.

(27) L-operazzjonijiet inizjali tal-GMES għandhom jiġu implimentati b'mod konsistenti ma' linji politiċi, strumenti u azzjoni oħra rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-linji politiċi fil-qasam tal-ambjent, is-sigurtà, il-kompetittività u l-innovazzjoni, il-koeżjoni, ir-riċerka, it-trasport, il-kompetizzjoni u l-linji politiċi ta' koperazzjoni internazzjonali, il-programm Ewropew tas-Sistemi Globali għan-Navigazzjoni bis-Satelliti (GNSS) u l-protezzjoni tad-data personali. Barra minn hekk, id-data tal-GMES għandha żżomm il-koerenza mad-data ta' referenza spazjali tal-Istati Membri u tappoġġa l-iżvilupp tal-infrastruttura għall-informazzjoni spazjali fl-Unjoni stabbilita mid-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) ([1]). Il-GMES għandu wkoll jikkomplementa s-Sistema Komuni ta' Informazzjoni Ambjentali (SEIS) u l-attivitajiet tal-Unjoni fil-qasam tar-reazzjonijiet ta' emerġenza.

(28) Il-GMES u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu għandhom jitqiesu bħala kontribuzzjoni Ewropea għall-bini tas-Sistema tas-Sistemi Globali tal-Osservazzjoni tad-Dinja (GEOSS) żviluppata fil-qafas tal-Grupp fuq l-Osservazzjonijiet tad-Dinja (GEO).

(29) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u l-Ftehimiet ta' Qafas mal-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali jistipulaw il-parteċipazzjoni ta' dawn il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni. Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi oħra u organizzazzjonijiet internazzjonali għandha ssir possibbli billi jiġu konklużi ftehimiet internazzjonali għal dan l-għan.

(30) Dan ir-Regolament jistabbilixxi għat-tul kollu tal-operazzjonijiet inizjali tal-GMES, pakkett finanzjarju ta' EUR 107 miljun li jikkostitwixxi l-ewwel referenza, skont it-tifsira tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([2]) ("il-Ftehim Interistituzzjonali") għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali. Huwa mistenni li dan il-pakkett finanzjarju se jiġi kkomplementat b'ammont ta' EUR 209 miljun mit-tema spazjali tas-Seba' Programm Kwadru għal azzjonijiet ta' riċerka li jakkumpanjaw l-operazzjonijiet inizjali tal-GMES li għandhom jiġu ġestiti b'konformità mar-regoli u l-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet applikabbli fis-Seba' Programm Kwadru. Dawn iż-żewġ sorsi ta' finanzjament għandhom jiġu amministrati b'mod koordinat sabiex jiġi żgurat progress konsistenti fl-implimentazzjoni tal- GMES.

(31) Dan il-pakkett finanzjarju huwa kompatibbli mal-limitu għas-subintestatura 1a tal-qafas finanzjarju multiannwali ("MFF") 2007-2013, iżda l-marġni li jibqa' fis-subintestatura 1a għall-2011-2013 huwa żgħir ħafna. Għandu jkun enfasizzat li l-ammont annwali ser jiġi stabbilit matul il-proċedura baġitarja annwali, b'konformità mal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

(32) Il-fond, jekk ikun possibbli, għandu jkompli jiżdied sabiex l-approprjazzjonijiet ta' impenn ikunu jistgħu jiġu allokati għall-komponent spazjali matul l- MFF attwali. F'termini speċifiċi, dan jikkonċerna l-operazzjoni tas-serje A tas-Sentinels u t-tnedija tas-serje B u l-akkwist ta' komponenti kruċjali għas-serje C.

(33) Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha, fil-kuntest tar-reviżjoni intermedja tal-MFF attwali, u qabel tmiem l-2010, teżamina l-possibbiltà ta' finanzjament addizzjonali għall-GMES, fi ħdan il-baġit globali tal-Unjoni matul l-MFF 2007-2013.

(34) L-allokazzjoni ta' kwalunkwe finanzjament addizzjonali għal dan ir-Regolament minbarra l-EUR 107 miljun diġà allokati għandha tiġi kkunsidrata fil-kuntest tad-diskussjoni dwar il-futur tal-politika spazjali tal-Ewropa, b'mod partikolari dwar l-akkwist u l-governanza.

(35) Il-Kummissjoni għandha wkoll tissottometti strateġija ta' finanzjament fit-tul għall-MFF futur matul l-ewwel semestru tal-2011, mingħajr preġudizzju għall-eżitu tan-negozjati dwar l-MFF 2014-2020.

(36) Fl-ippjanar finanzjarju tagħha, il-Kummissjoni għandha tiżgura li tinżamm il-kontinwità tad-data kemm waqt il-perjodu inizjali tal-operazzjoni tal-programm GMES (2011-2013) kif ukoll wara, u li s-servizzi jistgħu jintużaw mingħajr waqfien u mingħajr restrizzjonijiet.

(37) Skont ir-Regolament Finanzjarju, l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi fuq il-bażi ta' ftehimiet xierqa.

(38) L-informazzjoni tal-GMES għandha tkun aċċessibbli b'mod sħiħ u miftuħ, bla ħsara għar-restrizzjonijiet rilevanti tas-sigurtà jew għal-linji politiċi tad-data tal-Istati Membri u organizzazzjonijiet oħra li jikkontribwixxu data u informazzjoni lill-GMES. Dan hu meħtieġ biex jippromwovi l-użu u l-qsim ta' data u informazzjoni tal-osservazzjoni tad-dinja b'konformità mal-prinċipji tas-SEIS, INSPIRE u GEOSS. L-aċċess sħiħ u miftuħ għad-data għandu wkoll iqis il-provvista tad-data kummerċjali eżistenti u għandu jippromwovi swieq tal-osservazzjoni tad-dinja aktar b'saħħithom fl-Ewropa, b'mod partikolari f'setturi downstream, biex jiżdiedu t-tkabbir u l-impjiegi.

([1]) ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1.
([2]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

(39) Skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2009 bit-titlu "Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (GMES): L-Isfidi u l-Passi li Jmiss għall-Komponent Spazjali", għandu jkun hemm linja ta' politika ta' aċċess sħiħ u miftuħ għal data għas-Sentinels permezz ta' skema bla ħlas ta' liċenzji u ta' aċċess online, suġġetta għal kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà. Tali approċċ għandu l-għan li jimmassimizza l-użu vantaġġuż ta' data tas-Sentinels għall-firxa l-aktar wiesgħa ta' applikazzjonijiet u huwa maħsub biex jistimola l-adozzjoni ta' informazzjoni bbażata fuq data ta' osservazzjoni tad-dinja għall-utenti finali.

(40) L-azzjoni ffinanzjata taħt dan ir-Regolament għandha tiġi mmonitorjata u vvalutata biex ikunu jistgħu jsiru dawk l-aġġustamenti meħtieġa mill-ġdid.

(41) Għandhom jittieħdu wkoll miżuri xierqa biex ma jitħallewx iseħħu irregolaritajiet u frodi u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex jiġu rkuprati fondi mitlufa, imħallsa meta mhux dovuti jew użati ħażin, skont ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea [1] u (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni biex tħares l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej mill-frodi u irregolaritajiet oħra [2] u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) [3].

(42) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment tal-programm GMES u tal-operazzjonijiet inizjali tiegħu, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba li l-operazzjonijiet inizjali tal-GMES se jinkludu wkoll il-kapaċità pan-Ewropea u jiddipendu fuq l-għoti kkoordinat ta' servizzi fl-Istati Membri kollha li jrid jiġi kkoordinat fil-livell tal-Unjoni u jista' għalhekk, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan, b'mod speċjali rigward ir-rwol tal-Kummissjoni bħala koordinatur tal-attivitajiet nazzjonali,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja imsejjaħ GMES u jistabbilixxi r-regoli tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet inizjali tiegħu matul il-perjodu 2011-2013.

*Artikolu 2*

**Il-programm GMES**

1. Il-programm GMES għandu jibni fuq l-attivitajiet ta' riċerka mwettqa taħt id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) [4] u l-Programm tal-Komponent Spazjali tal-GMES tal-ESA.

2. Il-programm GMES għandu jinkludi dan li ġej:

(a) komponent tas-servizzi li jiżgura l-aċċess għall-informazzjoni bħala appoġġ għall-oqsma li ġejjin:

— monitoraġġ tal-atmosfera;

— monitoraġġ tat-tibdil fil-klima bħala appoġġ għal-linji politiċi ta' adattament u ta' mitigazzjoni;

— immaniġġar ta' emerġenzi;

— monitoraġġ tal-art;

— monitoraġġ tal-ambjent tal-baħar;

— sigurtà;

(b) komponent spazjali li jiżgura osservazzjonijiet sostenibbli tal-ispazju għall-oqsma tas-servizz msemmija fil-punt (a);

(c) komponent in situ li jiżgura osservazzjonijiet permezz ta' istallazzjonijiet tal-ajru, tal-baħar u tal-art għall-oqsma tas-servizz imsemmija fil-punt (a).

*Artikolu 3*

**L-operazzjonijiet inizjali tal-GMES (2011-2013)**

1. L-operazzjonijiet inizjali tal-GMES għandhom ikopru l-perjodu mill-2011 sal-2013 u jistgħu jinkludu azzjonijiet operattivi fl-oqsma li ġejjin:

(1) l-oqsma tas-servizz imsemmija fl-Artikolu 2(2)(a);

(2) miżuri biex jappoġġjaw l-użu tas-servizzi mill-utenti;

(3) aċċess għal data;

(4) appoġġ għall-ġbir ta' data in situ;

(5) il-komponent spazjali tal-GMES.

2. L-għanijiet tal-azzjonijiet operattivi msemmija fil-paragrafu 1 huma definiti fl-Anness.

---

[1] ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
[2] ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
[3] ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.
[4] ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

*Artikolu 4*

**Arranġamenti ta' organizzazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-koordinazzjoni tal-programm GMES b'attivitajiet fil-livell nazzjonali, fil-livell tal-Unjoni u wkoll fil-livell internazzjonali bħal, b'mod partikolari l-GEOSS. L-implimentazzjoni u l-operazzjoni tal-GMES għandha tkun ibbażata fuq sħubijiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, b'konformità mar-regoli u l-proċeduri rispettivi tagħhom. Il-kontribuzzjonijiet volontarji tal-Istati Membri u s-sinerġiji potenzjali ma' inizjattivi rilevanti nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali għandhom jiġu kkoordinati b'konformità mal-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 16(5).

2. Il-Kummissjoni għandha tamministra l-fondi allokati għall-attivitajiet skont ir-Regolament Finanzjarju u l-proċedura ta' amministrazzjoni imsemmija fl-Artikolu 16(4). Hija għandha tiżgura l-komplementarjetà u l-konsistenza tal-programm GMES ma' linji politiċi, strumenti u azzjonijiet rilevanti oħra tal-Unjoni, relatati b'mod partikolari mal-ambjent, is-sigurtà, il-kompetittività u l-innovazzjoni, il-koeżjoni, ir-riċerka (b'mod partikolari l-attivitajiet tas-Seba' Programm Kwadru marbutin mal-GMES, bla ħsara għad-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE), it-trasport u l-kompetizzjoni, il-koperazzjoni internazzjonali, il-programmi Ewropej tas-Sistemi Globali għan-Navigazzjoni bis-Satelliti (GNSS), il-protezzjoni tad-data personali u drittijiet eżistenti tal-proprjetà intellettwali, id-Direttiva 2007/2/KE, is-Sistema Komuni ta' Informazzjoni Ambjentali (SEIS) u attivitajiet tal-Unjoni fil-qasam tar-reazzjonijiet ta' emerġenza.

3. Billi l-programm GMES huwa inizjattiva mmexxija mill-utent, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ispeċifikazzjonijiet tas-servizz jaqblu mal-ħtiġijiet tal-utenti. Għal dak il-għan, għandha tistabbilixxi mekkaniżmu trasparenti għall-involviment u l-konsultazzjoni regolari tal-utent, li jippermetti l-identifikazzjoni tal-ħtiġiet tal-utent fuq il-livell tal-Unjoni u fuq dak nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiżgura koordinazzjoni ma' utenti rilevanti tas-settur pubbliku fl-Istati Membri, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. Għandhom jiġu stabbiliti ħtiġiet tad-data tas-servizzi b'mod indipendenti mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Forum tal-Utenti.

4. Il-koordinazzjoni teknika u l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali tal-GMES għandha tiġi ddelegata lill-ESA. Dawn għandhom jiddipendu fuq l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Utilizzazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi (EUMETSAT) fejn ikun meħtieġ.

5. Il-Kummissjoni għandha tafda l-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni teknika tas-servizzi tal-GMES, fejn xieraq, lil entitajiet tal-Unjoni jew organizzazzjonijiet intergovernattivi kompetenti.

*Artikolu 5*

**L-għoti tas-servizzi**

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri adegwati sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva fil-provvista ta' servizzi GMES u biex tippromwovi l-parteċipazzjoni tal-SMEs. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-użu tal-għoti tas-servizzi tal-GMES biex jiġi żviluppat is-settur fil-livelli suċċessivi.

2. L-għoti ta' servizzi tal-GMES għandha tkun deċentralizzata, fejn xieraq, biex jiġu integrati fil-livell Ewropew l-inventarji tad-data ta' referenza u in situ u l-kapaċitajiet spazjali eżistenti fl-Istati Membri, u b'hekk tiġi evitata d-duplikazzjoni. L-akkwist ta' data ġdida li tidduplika sorsi eżistenti għandha tiġi evitata sakemm l-użu ta' settijiet eżistenti jew aġġornabbli ta' data mhuwiex teknikament vijabbli jew effettiv meta mqabbel man-nefqa.

3. Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-Forum tal-Utenti, tista' tiddefinixxi jew tivvalida proċeduri xierqa għaċ-ċertifikazzjoni tal-produzzjoni ta' data fil-qafas tal-programm GMES. Dawk il-proċeduri għandhom ikunu trasparenti u verifikabbli biex tiġi żgurata l-awtentiċità, it-traċċabbiltà u l-integrità tad-data għall-utent. Fl-arranġamenti kuntrattwali tagħha mal-operaturi tas-servizz tal-GMES, il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawk il-proċeduri jiġu implimentati.

4. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena dwar ir-riżultati miksuba fl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 6*

**Forom ta' finanzjament mill-Unjoni**

1. Il-finanzjament mill-Unjoni jista' jieħu l-forom legali li ġejjin:

(a) ftehimiet ta' delega;

(b) għotjiet;

(c) kuntratti ta' akkwist pubbliku.

2. Il-kompetizzjoni ġenwina, it-trasparenza u t-trattament ugwali għandhom jiġu żgurati fl-għoti ta' fondi mill-Unjoni. F'każijiet ġustifikati, l-għotjiet tal-Unjoni jistgħu jiġu pprovduti f'forom speċifiċi, inkluż ftehim qafas ta' sħubija, jew kofinanzjament ta' għotjiet operattivi jew ta' azzjoni. L-għotjiet operattivi lil entitajiet li jsegwu l-għanijiet ta' interess ġenerali Ewropew ma għandhomx ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet dwar tnaqqis gradwali fir-Regolament Finanzjarju. Għall-għotjiet, ir-rata massima ta' kofinanzjament għandha tiġi stabbilita skont il-proċedura ta' amministrazzjoni msemmija fl-Artikolu 16(4).

3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-allokazzjoni ta' fondi tal-Unjoni għal kull waħda mill-attivitajiet speċifikati fl-Artikolu 3(1) u dwar il-proċess ta' evalwazzjoni u r-riżultati tas-sejħiet għall-offerti ta' akkwist u tal-kuntratti konklużi fuq il-bażi ta' dan l-Artikolu, wara l-għoti tal-kuntratti.

*Artikolu 7*

**Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi**

Il-pajjiżi li ġejjin jistgħu jipparteċipaw fl-azzjonijiet operattivi msemmija fl-Artikolu 3:

(1) il-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma Partijiet Kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE b'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim taż-ŻEE;

(2) il-pajjiżi kandidati għas-sħubija fl-Unjoni, kif ukoll kandidati potenzjali inklużi fil-proċess ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni skont il-Ftehimiet ta' Qafas, jew taħt Protokoll għal Ftehim ta' Assoċjazzjoni, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni, konklużi ma' dawk il-pajjiżi;

(3) il-Konfederazzjoni Svizzera, pajjiżi terzi oħra mhux imsemmija fil-punti (1) u (2), u organizzazzjonijiet internazzjonali, skont il-ftehimiet konklużi mill-Unjoni ma' dawn il-pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, skont l-Artikolu 218 tat-TFUE, li għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-regoli dettaljati għall-involviment tagħhom.

*Artikolu 8*

**Finanzjament**

1. Il-pakkett finanzjarju allokat għall-azzjonijiet operattivi msemmija fl-Artikolu 3(1) għandu jkun ta' EUR 107 miljun.

2. L-approprjazzjonijiet għandhom jiġu awtorizzati kull sena mill-awtorità baġitarja fil-limiti stabbiliti fl-MFF.

3. Il-pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jipprovdu wkoll finanzjament addizzjonali għall-programm GMES.

Il-finanzjament addizzjonali msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jitqies bħala introjtu assenjat, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 9*

**Il-politika dwar data u informazzjoni tal-GMES**

1. Il-politika dwar id-data u l-informazzjoni għal azzjonijiet iffinanzjati taħt il-programm GMES għandha jkollha l-għanijiet li ġejjin:

(a) jitħeġġeġ l-użu u l-qsim ta' informazzjoni u data tal-GMES;

(b) aċċess sħiħ u miftuħ għall-informazzjoni prodotta mis-servizzi tal-GMES u d-data miġbura permezz tal-infrastruttura tal-GMES, suġġett għal ftehimiet internazzjonali rilevanti, restrizzjonijiet ta' sigurtà u kondizzjonijiet tal-liċenzjar, inklużi r-reġistrazzjoni u l-aċċettazzjoni ta' liċenzji tal-utenti;

(c) it-tisħiħ tas-swieq ta' osservazzjoni tad-dinja fl-Ewropa, b'mod partikolari s-settur fil-livell suċċessiv, bl-għan li jippermetti t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi;

(d) il-kontribuzzjoni lejn is-sostenibbiltà u l-kontinwità tal-għoti ta' data u informazzjoni tal-GMES;

(e) l-appoġġ għall-komunitajiet tar-riċerka, tat-teknoloġija u tal-innovazzjoni tal-Ewropa.

2. Sabiex tipprovdi għal qafas li jiżgura l-kisba tal-informazzjoni tal-GMES u l-objettiv tal-politika tad-data msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 filwaqt li tipprovdi għall-protezzjoni neċessarja tal-informazzjoni prodotta mis-servizzi tal-GMES u tad-data miġbura permezz tal-infrastruttura ddedikata tal-GMES, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' delega skont l-Artikolu 10 u suġġett għall-kondizzjonijiet speċifikati fl-Artikoli 11 u 12, il-miżuri li ġejjin, filwaqt li jitqiesu l-linji politiċi tad-data u tal-informazzjoni tal-fornituri tad-data meħtieġa għall-GMES, u mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali u l-proċeduri applikabbli għall-ispazju u infrastrutturi in situ taħt kontroll nazzjonali:

(a) miżuri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni u tal-liċenzjar għall-utenti tal-GMES;

(b) miżuri li jiddefinixxu l-kriterji ta' restrizzjoni tal-aċċess għall-informazzjoni prodotta mis-servizzi tal-GMES u għal data miġbura permezz tal-infrastruttura ddedikata tal-GMES.

*Artikolu 10*

**L-eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħat għall-adozzjoni tal-atti ta' delega msemmija fl-Artikolu 9(2) għandhom jiġu konferiti lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2013.

2. Hekk kif tadotta att ta' delega, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Is-setgħat għall-adozzjoni ta' atti ta' delega għandhom jiġu konferiti lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 11 u 12.

*Artikolu 11*

**Ir-revoka tad-delega**

1. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 9(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tkun bdiet il-proċedura interna għad-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tiġi rrevokata d-delega tas-setgħat, għandha timpenja ruħha biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed deċiżjoni finali, b'indikazzjoni tad-delega tas-setgħat li tista' tkun suġġetta għal revoka u r-raġunijiet possibbli għal dan.

3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ immedjatament jew f'data aktar tard speċifikata fid-deċiżjoni. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ta' delega li jkunu diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 12*

**Oġġezzjonijiet għall-atti ta' delega**

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att ta' delega fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika.

Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu ta' żmien għandu jiġi estiż b'xahrejn.

2. Jekk, meta jiskadi dan il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att ta' delega, dan għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata fih.

L-atti ta' delega jistgħu jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħlu fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jressqux oġġezzjonijiet.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għall-att ta' delega, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-oġġezzjoni għall-att ta' delega.

*Artikolu 13*

**Miżuri ta' implimentazzjoni dwar il-politika dwar id-data u l-informazzjoniu dwar il-governanza tas-sigurtà tal-komponenti u tal-informazzjoni tal-GMES**

1. Fuq il-bażi tal-kriterji msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 9(2), il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri speċifiċi skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 16(3), għar-restrizzjoni tal-aċċess għall-informazzjoni prodotta mis-servizzi tal-GMES u għad-data miġbura permezz tal-infrastruttura dedikata tal-GMES.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura koordinazzjoni ġenerali rigward is-sigurtà tal-komponenti tal-GMES u s-servizzi, filwaqt li tqis il-ħtieġa ta' monitoraġġ u integrazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-elementi kollha tiegħu, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali u l-proċeduri applikabbli għall-ispazju u infrastrutturi in situ taħt il-kontroll nazzjonali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri, b'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 16(3), li jistabbilixxu r-rekwiżiti tekniċi sabiex jiġu żgurati l-kontroll u l-integrità tas-sistema fi ħdan il-komponent spazjali tal-programm dedikat tal-GMES, u għall-kontroll tal-aċċess għal, u l-immaniġġar ta' teknoloġiji li jipprovdu sigurtà għall-komponent spazjali tal-programm dedikat tal-GMES.

*Artikolu 14*

**Monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorizza u tivvaluta l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet operattivi msemmija fl-Artikolu 3(1).

2. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport ta' valutazzjoni interim sal-31 ta' Diċembru 2012 kif ukoll rapport ta' valutazzjoni ex-post sal-31 ta' Diċembru 2015.

*Artikolu 15*

**Miżuri implimentattivi**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-programm ta' ħidma annwali skont l-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikoli 90 u 166 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjaru li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1] skont il-proċedura ta' amministrazzjoni msemmija fl-Artikolu 16(4) ta' dan ir-Regolament.

2. L-allokazzjoni finanzjarja għall-programm GMES tista' tkopri wkoll spejjeż relatati ma' attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, kontroll, verifika u valutazzjoni li huma meħtieġa direttament għall-ġestjoni tal-programm GMES u l-kisba tal-għanijiet tiegħu, u b'mod partikulari studji, laqgħat, azzjonijiet ta' informazzjoni u pubblikazzjoni, flimkien mal-ispejjeż l-oħra kollha għal għajnuna teknika u amministrattiva li l-Kummissjoni tista' ġġarrab għall-ġestjoni tal-programm GMES.

(1) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

*Artikolu 16*

**Il-Kumitat GMES**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat (il-"Kumitat GMES").

2. Il-Kumitat tal-GMES jista' jiltaqa' f'konfigurazzjonijiet speċifiċi biex jindirizza kwistjonijiet konkreti, notevolment dawk relatati mas-sigurtà (il-"Bord tas-Sigurtà").

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahrejn

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahrejn.

5. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

*Artikolu 17*

**Forum tal-Utenti**

1. Il-Forum tal-Utenti huwa hawnhekk stabbilit bħala korp dedikat. Huwa għandu jagħti pariri lill-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni u l-validazzjoni tal-ħtiġiet tal-utent, u għall-koordinazzjoni tal-programm tal-GMES mal-utenti tiegħu fis-settur pubbliku.

2. Il-Forum tal-Utenti għandu jkun presedut mill-Kummissjoni. Għandu jikkonsisti minn utenti tas-settur pubbliku tal-GMES maħtura mill-Istati Membri.

3. Is-Segretarjat tal-Forum tal-Utenti għandu jiġi pprovdut mill-Kummissjoni.

4. Il-Forum tal-Utenti għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

5. Il-Kumitat tal-GMES għandu jinżamm kompletament infurmat dwar il-parir tal-Forum tal-Utenti għall-implimentazzjoni tal-programm tal-GMES.

*Artikolu 18*

**Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u permezz tal-irkupru tal-ammonti indebitament imħallsa u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, permezz ta' pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi, skont ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95, ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999.

2. Għall-azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati taħt dan ir-Regolament, il-kunċett ta' irregolarità imsemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandu jfisser kull ksur ta' dispożizzjoni ta' liġi tal-Unjoni jew kull nuqqas ta' obbligu kuntrattwali li jirriżulta minn att jew omissjoni minn operatur ekonomiku li għandha jew ikollha, l-effett li tippreġudika l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, minn element ta' spiża mingħajr ġustifikazzjoni.

3. Il-ftehimiet li jirriżultaw taħt dan ir-Regolament, inklużi ftehimiet konklużi ma' pajjiżi terzi parteċipanti u organizzazzjonijiet internazzjonali, għandhom jipprovdu għas-sorveljanza u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni, jew kull rappreżentant awtorizzat minnha, kif ukoll verifiki li jsiru mill-Qorti tal-Awdituri li, jekk ikun meħtieġ, ikunu verifiki fuq il-post.

*Artikolu 19*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-22 ta' Settembru 2010.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | O. CHASTEL |

*ANNESS*

**L-GĦANIJIET TAL-OPERAZZJONIJIET INIZJALI TAL-GMES (2011-2013)**

L-azzjonijiet operattivi msemmija fl-Artikolu 3(1) għandhom jikkontribwixxu għall-għanijiet li ġejjin:

(1) is-servizzi ta' reazzjoni ta' emerġenza, imsejsa fuq attivitajiet eżistenti fl-Ewropa, għandhom jiżguraw li d-data tal-osservazzjoni tad-dinja u l-prodotti derivati jkunu disponibbli għall-benefiċċju tal-parteċipanti fir-reazzjoni ta' emerġenza fil-livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali fir-rigward ta' tipi differenti ta' diżastri, inklużi perikli meteoroloġiċi (inklużi maltempati, nirien u għargħar), perikli ġeofiżiċi (inklużi terremoti, tsunamis, żbroffi ta' vulkani u żerżiq ta' ġebel minn ġnub l-għoljiet), diżastri kkawżati mill-bniedem bi ħsieb jew b'mod aċċidentali u diżastri umanitarji oħra. Billi t-tibdil fil-klima jista' jwassal għal żieda fl-emerġenzi, ir-reazzjoni ta' emerġenza tal-GMES tkun essenzjali biex jappoġġja l-miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima f'dan il-qasam bħala parti mill-attivitajiet ta' prevenzjoni, preparazzjoni, reazzjoni u rkupru fl-Ewropa;

(2) is-servizzi ta' monitoraġġ tal-art għandhom jiżguraw li d-data tal-osservazzjoni tad-dinja u l-prodotti derivati jkunu disponibbli għall-benefiċċju tal-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali u reġjonali responsabbli għall-monitoraġġ ambjentali, minn perspettiva globali sa dik lokali, tal-bijodiversità, ħamrija, ilma, foresti u riżorsi nazzjonali, kif ukoll fl-implimentazzjoni ġenerali tal-linji politiċi ambjentali, il-ġbir ta' informazzjoni ġeografika, l-agrikoltura, l-enerġija, l-ippjanar urban, l-infrastruttura u t-trasport. Is-servizzi ta' monitoraġġ tal-art għandhom jinkludu l-monitoraġġ tal-parametri tat-tibdil fil-klima;

(3) is-servizzi ta' monitoraġġ tal-baħar għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-istat tal-ekosistemi fiżiċi, oċeaniċi u marini, kemm għall-oċeani fuq skala globali kif ukoll għaż-żoni reġjonali Ewropej. L-oqsma ta' applikazzjoni tas-servizzi tal-baħar tal-GMES jinkludu s-sigurtà marittima, l-ambjent tal-baħar u r-reġjuni kostali, ir-riżorsi tal-baħar kif ukoll it-tbassir meteoroloġiku staġonali u l-monitoraġġ tal-klima;

(4) is-servizzi ambjentali tal-atmosfera għandhom jiżguraw il-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja fuq skala Ewropea u tal-kompożizzjoni kimika tal-atmosfera fuq skala globali. Huma għandhom b'mod partikolari jipprovdu informazzjoni għas-sistemi ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-arja fuq l-iskali lokali sa nazzjonali, u għandhom jikkontribwixxu għall-monitoraġġ ta' parametri klimatiċi tal-kimika atmosferika;

(5) is-servizzi tas-sigurtà għandhom jipprovdu informazzjoni utli li tappoġġa l-isfidi li l-Ewropa qed tiffaċċja fil-qasam tas-sigurtà, notevolment il-kontroll tal-fruntieri, is-sorveljanza marittima u l-appoġġ għall-azzjonijiet esterni tal-UE;

(6) il-monitoraġġ tat-tibdil fil-klima għandu jippermetti l-adattament u l-mitigazzjoni tal-effetti tiegħu. Għandu b'mod partikolari jikkontribwixxi għall-provvista ta' ECVs, l-analiżi tal-klima u projezzjonijiet fuq skala rilevanti għall-adattament u l-mitigazzjoni, u l-prestazzjoni tas-servizz rilevanti;

(7) il-miżuri biex jappoġġjaw l-użu tas-servizzi mill-utenti għandhom jinkludu l-implimentazzjoni ta' interfaces tekniċi adattati għall-ambjent, it-taħriġ, il-komunikazzjoni u l-iżvilupp speċifiċi tal-utent tas-settur fil-livell suċċessiv;

(8) l-aċċess għad-data għandu jiżgura li d-data tal-osservazzjoni tad-dinja minn firxa wiesgħa ta' missjonijiet Ewropej u tipi oħra ta' infrastruttura tal-osservazzjoni jinġabru u jkunu disponibbli biex jinkisbu l-għanijiet tal-GMES;

(9) il-komponent in situ għandu jiżgura l-koordinazzjoni tal-ġbir tad-data in situ u l-aċċess għad-data in situ għas-servizzi tal-GMES;

(10) l-operazzjonijiet inizjali tal-GMES għandhom jiżguraw l-operazzjonijiet u l-iżvilupp tal-komponent spazjali tal-GMES, li jikkonsisti f'infrastruttura spazjali ta' osservazzjoni tad-dinja u jimmira li jiżgura l-osservazzjoni ta' subsistemi tad-dinja (inklużi s-superfiċji terrestri, l-atmosfera u l-oċeani). L-operazzjonijiet inizjali tal-GMES għandhom ikunu msejsa fuq infrastruttura spazjali nazzjonali u Ewropea ppjanata u fuq infrastruttura spazjali żviluppata fil-Programm tal-Komponent Spazjali GMES.

# REGOLAMENT (UE) Nru 912/2010 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-22 ta’ Settembru 2010

## li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta’ strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta’ radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 172 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura legislattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) Il-politika Ewropea ta’ radjunavigazzjoni bis-satellita hija bħalissa implimentata permezz tal-programmi EGNOS u Galileo (minn hawn ’il quddiem “il-programmi”).

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 tat-12 ta’ Lulju 2004 dwar l-istabbiliment ta’ strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta’ radjunavigazzjoni bis-satellita [3], stabbilixxa aġenzija Komunitarja msejħa Awtorità ta’ Viġilanza Ewropea GNSS (minn hawn ’il quddiem “l-Awtorità”).

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Lulju 2008 dwar l-implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta’ navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) [4] jiddefinixxi l-qafas il-ġdid għall-governanza pubblika u l-finanzjament tal-programmi. Huwa jistabbilixxi l-prinċipju tad-diviżjoni stretta tar-responsabbiltajiet bejn l-Unjoni Ewropea, ir-rappreżentata mill-Kummissjoni, l-Awtorità u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (minn hawn ’il quddiem “ESA”), u jagħti lill-Kummissjoni r-responsabbiltà tal-ġestjoni tal-programmi u jattribwilha l-kompiti mogħtija oriġinarjament lill-Awtorità. Huwa jistipula wkoll li l-Awtorità, fit-twettiq tal-kompiti fdati lilha, tiżgura li r-rwol tal-Kummissjoni bħala ġestur tal-programmi jkun rispettat u li l-Awtorità taġixxi f’konformità mal-linji gwida maħruġa mill-Kummissjoni.

(4) Fir-Regolament (KE) Nru 683/2008, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stiednu lill-Kummissjoni biex tressaq proposta sabiex l-istrutturi tat-tmexxija tal-programmi kif stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 jiġu jaqblu formalment mar-rwoli l-ġodda tal-Kummissjoni u tal-Awtorità kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 683/2008.

(5) Minħabba l-limitazzjoni tal-attività tagħha, l-Awtorità m’għandhiex tibqa’ tissejjaħ “Awtorità ta’ Viġilanza Ewropea GNSS” iżda “l-Aġenzija Ewropea GNSS” (minn hawn ’il quddiem “l-Aġenzija”). Madankollu, il-kontinwità tal-attivitajiet tal-Awtorità, inkluża l-kontinwità fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi, il-persunal u l-validità ta’ kwalunkwe deċiżjoni meħuda, għandha tiġi żgurata taħt l-Aġenzija.

(6) L-għanijiet u l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 1321/2004 għandhom ikunu aġġustati wkoll sabiex jirriflettu l-fatt li l-Aġenzija m’għadhiex responsabbli għall-ġestjoni tal-interessi pubbliċi relatati mal-programmi tas-Sistema Globali ta’ Navigazzjoni bis-Satellita Ewropea (GNSS) u għar-regolamentazzjoni ta’ tali programmi.

(7) L-istatus legali tal-Awtorità għandu jkun tali li jippermettilha li taġixxi bħala persuna ġuridika fit-twettiq tal-kompiti tagħha.

(8) Huwa importanti wkoll li jiġu mmodifikati l-kompiti tal-Aġenzija u, f’dan ir-rigward, li jiġi żgurat li l-kompiti tagħha jkunu definiti b’konformità ma’ dawk stipulati fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 683/2008, inkluża l-possibbiltà li l-Aġenzija twettaq attivitajiet oħrajn li jistgħu jiġu fdati lilha mill-Kummissjoni, sabiex tappoġġja lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-programmi. F’konformità mal-Artikolu 54(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [5], tali attivitajiet jistgħu jinkludu, per eżempju, segwitu

[1] ĠU C 317, 23.12.2009, p. 103.
[2] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta’ Ġunju 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Settembru 2010.
[3] ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1.
[4] ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1.
[5] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

tal-iżvilupp ta' proċeduri ta' koordinazzjoni u konsultazzjoni fi kwistjonijiet ta' sigurtà, twettiq ta' riċerka li tkun ta' benefiċċju għall-iżvilupp u l-promozzjoni tal-programmi, u provvista ta' appoġġ fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proġett pilota tas-Servizz Pubbliku Regolat (PRS).

(9) Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tagħha, l-għanijiet tagħha u fit-twettiq tal-kompiti tagħha, l-Awtorità għandha tikkonforma b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet li japplikaw għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

(10) Fil-kuntest tar-reviżjoni tagħha ta' nofs it-terminu tal-programm Galileo ppjanata għall-2010 kif imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 683/2008, il-Kummissjoni għandha wkoll tindirizza l-kwistjoni tal-governanza tal-programmi fil-fażi operattiva u ta' esplojtazzjoni u r-rwol tal-Aġenzija f'dan il-kuntest.

(11) Sabiex jiġi żgurat b'mod effettiv it-twettiq tal-kompiti tal-Awtorità, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ikunu rappreżentati fuq Bord Amministrattiv fdat bis-setgħat meħtieġa sabiex jistabbilixxi l-baġit, jivverifika l-eżekuzzjoni tiegħu, jadotta r-regoli finanzjarji xierqa, jistabbilixxi proċeduri tax-xogħol trasparenti għat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-Aġenzija, japprova l-programm tagħha ta' xogħol u jaħtar id-Direttur Eżekuttiv.

(12) Huwa xieraq ukoll li jiġi inkluż rappreżentant tal-Parlament Ewropew fil-Bord Amministrattiv bħala membru mingħajr dritt għall-vot, minħabba l-fatt li r-Regolament (KE) Nru 683/2008 enfasizza l-utilità tal-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

(13) Sabiex jiġi żgurat li l-Aġenzija twettaq il-kompiti tagħha waqt li tirrispetta r-rwol tal-Kummissjoni bħala ġestur tal-programmi, u f'konformità mal-linji gwida maħruġa mill-Kummissjoni, huwa importanti wkoll li jiġi ddikjarat espliċitament li l-Aġenzija għandha titmexxa minn Direttur Eżekuttiv taħt is-sorveljanza tal-Bord Amministrattiv, f'konformità mal-linji gwida maħruġa lill-Aġenzija mill-Kummissjoni. Huwa importanti wkoll li jkun speċifikat li l-Kummissjoni għandu jkollha ħames rappreżentanti fuq il-Bord Amministrattiv u li d-deċiżjonijiet rigward għadd limitat ta' kompiti tal-Bord Amministrattiv ma jistgħux jiġu adottati mingħajr il-vot favorevoli tar-rappreżentanti tal-Kummissjoni.

(14) Il-funzjonament mingħajr problemi tal-Aġenzija jitlob li d-Direttur Eżekuttiv tagħha jkun maħtur fuq il-bażi ta' mertu u kapaċitajiet amministrattivi u ta' tmexxija dokumentati, kif ukoll kompetenza u esperjenza rilevanti, u li hu jaqdi d-dmirijiet tiegħu b'indipendenza u flessibilità totali fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-funzjonament intern tal-Aġenzija. Ħlief fir-rigward ta' ċerti attivitajiet u miżuri relatati mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà, id-Direttur Eżekuttiv għandu jipprepara u jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżgura li l-programm ta' ħidma tal-Aġenzija jiġi kompletat kif jixraq, għandu jipprepara kull sena abbozz ta' rapport ġenerali li għandu jiġi ppreżentat lill-Bord Amministrattiv, għandu jfassal abbozz ta' dikjarazzjoni ta' estimi ta' dħul u nfiq tal-Aġenzija u jimplimenta l-baġit.

(15) Il-Bord Amministrattiv għandu jingħata s-setgħa li jieħu kwalunkwe deċiżjoni li tista' tiżgura li l-Aġenzija ikollha l-ħila twettaq il-kompiti tagħha bl-eċċezzjoni tal-kompiti ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà, li għandhom jiġu fdati f'idejn Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għas-sistemi GNSS Ewropej (minn hawn 'il quddiem "il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà"). Fir-rigward ta' tali kompiti ta' akkreditazzjoni il-Bord Amministrattiv għandu jkun responsabbli biss għall-kwistjonijiet ta' riżorsi u ta' baġit. Il-governanza tajba tal-programmi teħtieġ ukoll li l-kompiti tal-Bord Amministrattiv ikunu konformi mal-missjonijiet il-ġodda assenjati lill-Aġenzija skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 683/2008, speċjalment fir-rigward tal-operat taċ-ċentru ta' sigurtà Galileo u l-istruzzjonijiet mogħtija f'konformità mal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/552/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar aspetti tal-operazzjoni tas-sistema Ewropea tar-radjunavigazzjoni bis-satellita li jaffetwaw is-sigurtà tal-Unjoni Ewropea ([1]).

(16) Il-proċeduri għall-ħatra ta' min jokkupa kariga għandhom ikunu trasparenti.

(17) Fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni tal-kompiti fdati f'idejn l-Aġenzija, li jinkludu l-akkreditazzjoni tas-sigurtà, il-Kumitat Xjentifiku u Tekniku stabbilit skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1321/2004 għandu jitneħħa u l-Kumitat tas-Sigurtà u tas-Sikurezza tas-Sistema stabbilit skont l-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament għandu jiġi sostitwit mill-Bord tal-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, li jkun responsabbli għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà u jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni. Ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-"RGħ") u l-ESA għandu jkollhom rwol ta' osservatur fil-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà.

(18) L-attivitajiet tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà għandhom jitwettqu indipendentement mill-awtoritajiet responsabbli għall-ġestjoni tal-programmi, b'mod partikolari l-Kummissjoni, il-korpi l-oħra tal-Aġenzija, l-ESA, kif ukoll entitajiet oħra responsabbli għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rigward is-sigurtà. Sabiex tiġi żgurata tali indipendenza, il-Bord tal-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jiġi stabbilit bħala l-awtorità ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għas-sistemi GNSS Ewropej (minn hawn 'il quddiem "is-sistemi") u għar-riċevituri li fihom it-teknoloġija tal-PRS. Huwa għandu jkun korp awtonomu li, fi ħdan l-Aġenzija, jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'mod indipendenti u oġġettiv, fl-interess taċ-ċittadini.

([1]) ĠU L 246, 20.7.2004, p. 30.

(19) Peress li l-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 683/2008 tmexxi l-aspetti kollha relatati mas-sistema tas-sigurtà, u biex jiġu żgurati governanza effiċjenti tal-aspetti tas-sigurtà u konformità mal-prinċipju ta' diviżjoni stretta tar-responsabbiltajiet previst f'dak ir-Regolament, huwa essenzjali li l-attivitajiet tal-Bord tal-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà jkunu strettament limitati għall-attivitajiet tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà tas-sistemi u li taħt l-ebda ċirkostanza ma jirkbu fuq il-kompiti fdati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 683/2008.

(20) Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni skont il-proċeduri li jinvolvu l-Kumitat għall-Programmi tal-GNSS Ewropej mhuma se jaffettwaw bl-ebda mod ir-regoli eżistenti dwar kwistjonijiet baġitarji jew il-kompetenza speċifika tal-Istati Membri dwar kwisjonijiet ta' sigurtà.

(21) F'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 683/2008, f'każijiet meta s-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tista' tiġi affetwata bl-operazzjoni tas-sistemi, għandhom japplikaw il-proċeduri stipulati fl-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK. B'mod partikolari, fil-każ ta' theddida għas-sigurtà tal-Unjoni jew ta' Stat Membru li tirriżulta mill-operazzjoni jew l-użu tas-sistemi jew fil-każ ta' theddida għall-operazzjoni tas-sistemi, partikolarment bħala riżultat ta' kriżi internazzjonali, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi unanimament jista' jiddeċiedi dwar l-istruzzjonijiet neċessarji li għandhom jingħataw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni. Kwalunkwe membru tal-Kunsill, ir-RGħ jew il-Kummissjoni jista' jitlob diskussjoni tal-Kunsill sabiex ikun hemm qbil dwar tali istruzzjonijiet.

(22) Fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, id-deċiżjonijiet dwar l-akkreditazzjoni tas-sigurtà, b'segwitu għall-proċess iddefinit fl-istrateġija għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà, għandhom ikunu bbażati fuq deċiżjonijiet lokali dwar l-akkreditazzjoni tas-sigurtà meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà rispettivi tal-Istati Membri.

(23) Sabiex iwettaq l-attivitajiet kollha tiegħu b'mod rapidu u effettiv, il-Bord tal-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jkun jista' jistabbilixxi korpi sekondarji li jaġixxu fuq l-istruzzjonijiet tiegħu. Għaldaqstant għandu jistabbilixxi panel biex jassistih fil-preparazzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu u Awtorità tad-Distribuzzjoni Kriptografika, għall-ġestjoni u l-preparazzjoni ta' kwsitjonijiet ta' materjal kriptografiku, inkluża Unità dwar Kodiċi tat-Titjiriet ddedikata għal kodiċi operattivi tat-titjiriet għall-illanċjar, kif ukoll korpi oħrajn, jekk ikun neċessarju, biex jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi. Meta dan ikun qed isir, għandha tingħata kunsiderazzjoni speċjali fir-rigward tal-kontinwità neċessarja tal-ħidma f'dawk il-korpi.

(24) Huwa importanti wkoll li l-attivitajiet tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà jkunu kkoordinati mal-ħidma tal-awtoritajiet responsabbli mill-ġestjoni tal-programmi kif ukoll entitajiet oħra responsabbli għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà.

(25) Minħabba n-natura speċifika u l-kumplessità tas-sistemi, huwa essenzjali li l-attivitajiet tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà jitwettqu f'kuntest ta' responsabbiltà kollettiva għas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri, billi jsiru sforzi biex jintlaħaq kunsens u billi jiġu involuti l-partijiet kollha b'interess fis-sigurtà, u għal monitoraġġ permanenti tar-riskju. Huwa wkoll imperattiv li l-attivitajiet tal-akkreditazzjoni teknika tas-sigurtà jiġu fdati f'idejn professjonisti, kwalifikati kif jistħoqq fil-qasam tas-sistemi kumplessi tal-akkreditazzjoni u b'livell adegwat ta' awtorizzazzjoni tas-sigurtà.

(26) Sabiex jiġi żgurat li l-Bord tal-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà jkun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu, għandu jkun previst ukoll li l-Istati Membri jfornu lil dak il-Bord bi kwalunkwe dokumentazzjoni meħtieġa, jagħtu aċċess għal informazzjoni klassifikata u għal kwalunkwe żona li tinsab fil-ġurisdizzjoni tagħhom lill-persuni awtorizzati, u li għandhom ikunu responsabbli fil-livell lokali għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà ta' żoni li jinsabu fit-territorju tagħhom.

(27) Is-sistemi stabbiliti fil-qafas tal-programmi huma infrastrutturi li l-użu tagħhom jestendi ferm lil hinn mill-konfini nazzjonali tal-Istati Membri, u li huma infrastrutturi stabbiliti bħala netwerks trans-Ewropej f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 172 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, is-servizzi pprovduti permezz ta' tali sistemi jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej fl-oqsma tal-infrastrutturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija.

(28) Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implikazzjonijiet baġitarji tal-finanzjament tal-Aġenzija għall-intestatura tan-nefqa kkonċernata. Abbażi tal-informazzjoni u mingħajr preġudizzju għall-proċedura legislattiva rilevanti, jeħtieġ li ż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja jiksbu, fil-qafas tal-kooperazzjoni baġitarja, ftehim f'waqtu dwar l-iffinanzjar tal-Aġenzija. Il-proċedura tal-baġit tal-Unjoni hija applikabbli għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni li trid titħallas mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-verifika tal-kontijiet għandha ssir mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri skont it-Titolu VIII tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

(29) L-Aġenzija għandha tapplika l-legislazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti u dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' informazzjoni personali. Għandha wkoll tkun konformi mal-prinċipji tas-sigurtà li japplikaw għall-Kunsill u għas-servizzi tal-Kummissjoni.

(30) Għandu jkun possibbli għall-pajjiżi terzi li jipparteċipaw fl-Aġenzija, sakemm ikunu kkonkludew ftehim minn qabel mal-Unjoni f'dan ir-rigward, b'mod partikolari meta tali pajjiżi kienu involuti fil-fażijiet preċedenti tal-programm Galileo permezz tal-kontribut tagħhom għall-programm Galileosat tal-ESA.

(31) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jistabbilixxi u jiżgura l-funzjonament ta' aġenzija responsabbli, b'mod partikolari, għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà tas-sistemi, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u, għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jeċċedix dak li hu neċessarju biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(32) Peress li l-isem tal-Aġenzija ser jinbidel, ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 għandu jiġi emendat kif meħtieġ.

(33) Ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 ġie emendat preċedentement. Meta wieħed iqis l-emendi li qed jiġu introdotti issa, huwa xieraq, għal finijiet ta' ċarezza, li jitħassar dak ir-Regolament u jiġi sostitwit b'Regolament ġdid,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**SUĠĠETT, KOMPITI, KORPI**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi Aġenzija Komunitarja, imsejħa l-Aġenzija Ewropea GNSS (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija").

*Artikolu 2*

**Kompiti**

Il-kompiti tal-Aġenzija għandhom ikunu kif stabbilit fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 683/2008.

*Artikolu 3*

**Korpi**

Il-korpi tal-Aġenzija għandhom ikunu l-Bord Amministrattiv, il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għas-sistemi tal-GNSS Ewropej u d-Direttur Eżekuttiv. Huma għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom f'konformità mal-linji gwida maħruġa mill-Kummissjoni kif stabbilit fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 683/2008.

*Artikolu 4*

**Status legali, uffiċċji lokali**

1. L-Aġenzija għandha tkun korp tal-Unjoni. Hija għandu jkollha personalità ġuridika.

2. F'kull wieħed mill-Istati Membri, l-Aġenzija għandu jkollha l-kapaċità ġuridika l-aktar estensiva li tingħata lill-persuni ġuridiċi taħt il-liġijiet tagħhom. Hija tista', b'mod partikolari, takkwista jew tiddisponi minn proprjetà mobbli jew immobbli u tkun parti fi proċedimenti legali.

3. L-Aġenzija tista' tiddeċiedi li tistabbilixxi uffiċċji lokali fl-Istati Membri soġġett għall-kunsens tagħhom, jew f'pajjiżi terzi li jkunu qed jieħdu sehem fil-ħidma tal-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 23.

4. Soġġett għall-Artikolu 11(9), l-Aġenzija għandha tkun rappreżentata mid-Direttur Eżekuttiv tagħha.

*Artikolu 5*

**Bord Amministrattiv**

1. B'dan huwa stabbilit Bord Amministrattiv sabiex iwettaq il-kompiti elenkati fl-Artikolu 6.

2. Il-Bord Amministrattiv għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed maħtur minn kull Stat Membru, ħames rappreżentanti maħtura mill-Kummissjoni u rappreżentant wieħed mingħajr dritt għall-vot maħtur mill-Parlament Ewropew. It-tul tal-mandat tal-membri tal-Bord Amministrattiv għandu jkun ta' ħames snin. Il-mandat jista' jiġġedded għal massimu ta' ħames snin. Rappreżentant tar-RGħ u rappreżentant tal-ESA għandhom jiġu mistiedna biex jattendu l-laqgħat tal-Bord Amministrattiv bħala osservaturi.

3. Fejn ikun xieraq, il-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti minn pajjiżi terzi u l-kondizzjonijiet ta' din għandhom ikunu stabbiliti fl-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 23.

4. Il-Bord Amministrattiv għandu jeleġġi President u Deputat President minn fost il-membri tiegħu. Id-Deputat President għandu awtomatikament jieħu post il-President fejn il-President ma jitħalliex iwettaq dmirijietu. Il-mandat tal-President u tad-Deputat President għandu jkun ta' sentejn u nofs, u jkun jista' jiġġedded darba, u għandu jiskadi meta ma jibqgħux membri tal-Bord Amministrattiv.

5. Il-laqgħat tal-Bord Amministrattiv għandhom jissejħu mill-President tiegħu.

Id-Direttur Eżekuttiv għandu normalment jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet, sakemm il-President ma jiddeċidix mod ieħor.

Il-Bord Amministrattiv għandu jkollu laqgħa ordinarja darbtejn fis-sena. Barra minn hekk, hu għandu jiltaqa' fuq l-inizjattiva tal-President tiegħu jew fuq it-talba ta' mhux inqas minn terz tal-membri tiegħu.

Il-Bord Amministrattiv jista' jistieden lil kwalunkwe persuna li l-opinjoni tagħha tista' tkun ta' interess sabiex tattendi l-laqgħat tiegħu bħala osservatur. Il-membri tal-Bord Amministrattiv jistgħu, soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-regoli ta' proċedura tiegħu, jiġu assistiti minn konsulenti jew esperti.

Is-segretarjat tal-Bord Amministrattiv għandu jkun ipprovdut mill-Aġenzija.

6. Ħlief jekk ikun previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, il-Bord Amministrattiv għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu.

7. Kull rappreżentant tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni għandu jkollu vot wieħed. Id-deċiżjonijiet ibbażati fuq l-Artikolu 6(b) u (e) m'għandhomx jiġu adottati mingħajr vot favorevoli tar-rappreżentanti tal-Kummissjoni. Id-Direttur Eżekuttiv ma għandux jivvota.

Ir-regoli ta' proċedura tal-Bord Amministrattiv għandhom jistabbilixxu arranġamenti iktar dettaljati tal-votazzjoni, b'mod partikolari l-kondizzjonijiet sabiex membru jaġixxi f'isem membru ieħor.

*Artikolu 6*

**Kompiti tal-Bord Amministrattiv**

Il-Bord Amministrattiv għandu jiżgura li l-Aġenzija twettaq il-ħidma fdata lilha, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, u għandu jieħu kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa għal dan il-għan. Fir-rigward tal-kompiti tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà u d-deċiżjonijiet previsti fil-Kapitolu III, il-Bord Amministrattiv għandu jkun responsabbli biss għal materji ta' riżorsi u dawk baġitarji. Il-Bord Amministrattiv għandu wkoll:

(a) jaħtar id-Direttur Eżekuttiv skont l-Artikolu 7(2);

(b) jadotta, sal-15 ta' Novembru ta' kull sena, u wara li jirċievi l-opinjoni tal-Kummissjoni, il-programm ta' ħidma tal-Aġenzija għas-sena li jmiss;

(c) iwettaq id-dmirijiet tiegħu b'konnessjoni mal-baġit tal-Aġenzija skont l-Artikoli 13 u 14;

(d) jissorvelja l-operazzjoni taċ-ċentru ta' sigurtà tal-Galileo, (minn hawn 'il quddiem iċ-"Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo" jew il-"GSMC") kif imsemmi fl-Artikolu 16(a)(ii) tar- Regolament (KE) Nru 683/2008;

(e) jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuq id-Direttur Eżekuttiv;

(f) jadotta d-dispożizzjonijiet speċjali meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-Aġenzija, f'konformità mal-Artikolu 21;

(g) jadotta r-rapport annwali dwar l-attivitajiet u l-prospetti tal-Aġenzija u jibagħtu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju, lill-Istati Membri, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew; l-Aġenzija għandha tibgħat lill-awtorità baġitarja l-informazzjoni kollha rilevanti għar-riżultat tal-proċeduri ta' valutazzjoni;

(h) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

*Artikolu 7*

**Direttur Eżekuttiv**

1. L-Aġenzija għandha tiġi amministrata mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, li għandu jwettaq dmirijietu taħt is-sorveljanza tal-Bord Amministrattiv.

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord Amministrattiv, fuq il-bażi ta' mertu u ħiliet amministrattivi u maniġerjali dokumentati, kif ukoll tal-kompetenza u l-esperjenza rilevanti, minn lista ta' mhux inqas minn tliet kandidati proposti mill-Kummissjoni, wara proċedura ta' kompetizzjoni miftuħa, wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' sejħa għal espressjonijiet ta' interess fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u bnadi oħrajn. Il-Bord Amministrattiv għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu għall-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv b'maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri tiegħu.

Il-Bord Amministrattiv għandu jkollu s-setgħa li jkeċċi lid-Direttur Eżekuttiv u għandu jadotta d-deċiżjoni tiegħu għal dak il-għan b'maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri tiegħu.

Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ta' ħames snin. Din il-kariga tista' tiġġedded darba għal perijodu ieħor ta' ħames snin.

3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jitolbu lid-Direttur Eżekuttiv biex jippreżenta rapport dwar il-prestazzjoni tad-doveri tiegħu, u jagħmel dikjarazzjoni quddiem dawk l-istituzzjonijiet.

*Artikolu 8*

**Kompiti tad-Direttur Eżekuttiv**

Id-Direttur Eżekuttiv:

(a) għandu jkun responsabbli li jirrappreżenta lill-Aġenzija, bl-eċċezzjoni tal-attivitajiet u d-deċiżjonijiet meħuda f'konformità mal-Kapitoli II u III, u għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni tagħha;

(b) għandu jħejji l-ħidma tal-Bord Amministrattiv. Huwa għandu jipparteċipa, mingħajr ma jkollu d-dritt tal-vot, fil-ħidma tal-Bord Amministrattiv;

(c) għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija taħt il-kontroll tal-Bord Amministrattiv;

(d) għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa, inkluż l-adozzjoni ta' struzzjonijiet amministrattivi interni u l-pubblikazzjoni ta' avviżi, sabiex jiżgura li l-Aġenzija tiffunzjona f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(e) għandu jfassal estimi tad-dħul u l-infiq tal-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 13, u għandu jimplimenta l-baġit f'konformità mal-Artikolu 14;

(f) għandu jħejji abbozz ta' rapport ġenerali kull sena u jippreżentah lill-Bord Amministrattiv;

(g) għandu jiżgura li l-Aġenzija, bħala l-operatur tal-GSMC, tkun kapaċi tirrispondi għal struzzjonijiet previsti taħt l-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK;

(h) għandu jiddefinixxi l-istruttura tal-organizzazzjoni tal-Aġenzija u jippreżentha lill-Bord Amministrattiv għall-approvazzjoni;

(i) għandu jeżerċita, fir-rigward tal-persunal, is-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 18;

(j) jista' jadotta, wara l-approvazzjoni tal-Bord Amministrattiv, il-miżuri meħtieġa sabiex jistabbilixxi uffiċċji lokali fi Stati Membri f'konformità mal-Artikolu 4;

(k) għandu jiżgura li jkunu provvduti s-segretarjat u r-riżorsi meħtieġa kollha għall-funzjonament xieraq tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà u għall-korpi stabbiliti taħt l-awtorità tiegħu msemmija fl-Artikolu 11(11).

KAPITOLU II

**ASPETTI RELATATI MAS-SIGURITÀ TAL-UNJONI EWROPEA JEW TAL-ISTATI MEMBRI TAGĦHA**

*Artikolu 9*

**Azzjoni Konġunta**

1. F'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 683/2008, kull meta s-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha tista' tiġi affetwata bl-operazzjoni tas-sistemi, għandhom japplikaw il-proċeduri mniżżlin fl-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK.

2. Id-deċiżjonijiet dwar l-akkreditazzjoni tas-sigurtà meħuda f'konformità mal-Kapitolu III, kif ukoll ir-riskji residwi identifikati, għandhom jiġu komunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill għall-informazzjoni.

KAPITOLU III

**AKKREDITAZZJONI TAS-SIGURTÀ GĦAS-SISTEMI TAL-GNSS EWROPEJ**

*Artikolu 10*

**Prinċipji ġenerali**

L-attivitajiet tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà msemmija f'dan il-Kapitolu għandhom jitwettqu f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:

(a) l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet dwar l-akkreditazzjoni tas-sigurtà jittieħdu f'kuntest ta' responsabbiltà kollettiva għas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri;

(b) għandhom isiru sforzi biex id-deċiżjonijiet jittieħdu bil-kunsens u bl-involviment tal-partijiet rilevanti kollha li għandhom interess fi kwistjonijiet ta' sigurtà;

(c) il-kompiti għandhom jitwettqu b'osservanza tar-regoli tas-sigurtà rilevanti applikabbli għall-Kunsill u l-Kummissjoni [1];

(d) proċess ta' monitoraġġ permanenti għandu jiżgura li r-riskji tas-sigurtà jkunu magħrufa, il-miżuri tas-sigurtà jkunu definiti biex jitnaqqsu tali riskji sa livell aċċettabbli f'konformità mal-prinċipji bażiċi u l-istandards minimi jiġu stabbiliti fir-regoli tas-sigurtà applikabbli għall-Kunsill u l-Kummissjoni u li dawn il-miżuri jiġu applikati f'konformità mal-kunċett ta' difiża fil-fond. L-effettività ta' tali miżuri għandha tiġi evalwata kontinwament;

(1) Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li tadotta r-regolamenti tas-sigurtà tal-Kunsill (ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1). Ir-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom tad-29 ta' Novembru 2001 li jemendaw ir-Regoli ta' Proċedura Interni tagħha (ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1).

(e) id-deċiżjonijiet dwar l-akkreditazzjoni tas-sigurtà, b'segwitu għall-proċess iddefinit fl-istrateġija għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà, għandhom ikunu bbażati fuq deċiżjonijiet lokali dwar l-akkreditazzjoni tas-sigurtà meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà rispettivi tal-Istati Membri;

(f) l-attivitajiet tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà teknika għandhom ikunu fdati f'idejn professjonisti, debitament kwalifikati fil-qasam tal-akkreditazzjoni ta' sistemi kumplessi, li jkollhom livell adegwat ta' awtorizzazzjoni ta' sigurtà, li jaġixxu b'mod oġġettiv;

(g) id-deċiżjonijiet tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà għandhom jittieħdu b'mod indipendenti mill-Kummissjoni, mingħajr ħsara għall-Artikolu 3, u għall-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi. Bħala riżultat, awtorità tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà għas-sistemi tal-GNSS Ewropej għandha tkun korp awtonomu, fi ħdan l-Aġenzija, li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'mod indipendenti;

(h) l-attivitajiet tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà għandhom jitwettqu b'rispett għar-rekwiżit għal indipendenza u l-ħtieġa għal koordinazzjoni adegwata, bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà.

*Artikolu 11*

**Bord għall-Akkreditazzjoni tas-sigurtà**

1. Fi ħdan l-Aġenzija għandu jiġi stabbilit Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għas-sistemi tal-GNSS Ewropej (minn hawn 'il quddiem "il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà"). Fir-rigward tas-sistemi tal-GNSS Ewropej, il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jkollu l-kompiti tal-awtorità għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà, kif imsemmi fir-regoli rilevanti dwar is-sigurtà applikabbli għall-Kunsill u l-Kummissjoni.

2. Il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jwettaq il-kompiti fdati lill-Aġenzija fir-rigward tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà skont l-Artikolu 16(a)(i) tar-Regolament (KE) Nru 683/2008 u jieħu "deċiżjonijiet dwar l-akkreditazzjoni tas-sigurtà" kif previst fl-Artikolu preżenti, b'mod partikolari dwar l-approvazzjoni ta' lanċjar ta' satellita, l-awtorizzazzjoni li jitħaddmu s-sistemi fil-konfigurazzjonijiet differenti tagħhom u għad-diversi servizzi, l-awtorizzazzjoni li jopera l-istazzjonijiet tal-art u b'mod partikolari l-istazzjonijiet sensuri li jkunu f' pajjiżi terzi, kif ukoll l-awtorizzazzjoni li jiġu manifatturati riċevituri li jkollhom teknoloġija PRS u l-komponenti tagħhom.

3. L-akkreditazzjoni tas-sigurtà tas-sistemi mill-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandha tikkonsisti mill-istabbiliment ta' konformità tas-sistemi mar-rekwiżiti ta' sigurtà msemmijin fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 683/2008 u f'konformità mar-regoli u regolamenti rilevanti dwar is-sigurtà applikabbli għall-Kunsill u l-Kummissjoni.

4. Abbażi tar-rapporti dwar ir-riskju msemmija fil-paragrafu 11, il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju tiegħu u jipprovdi parir lill-Kummissjoni dwar għażliet għat-trattament ta' riskju residwu għal deċiżjoni partikolari tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà.

5. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà kontinwament infurmat dwar l-impatt ta' kwalunkwe deċiżjoni li l-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà jkun qed jipprevedi dwar it-twettiq xieraq tal-programmi u l-implimentazzjoni ta' pjani għat-trattament ta' riskju residwu. Il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jieħu nota ta' kwalunkwe tali opinjoni tal-Kummissjoni.

6. Id-deċiżjonijiet tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandhom ikunu indirizzati lill-Kummissjoni.

7. Il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru, rappreżentant wieħed mill-Kummissjoni u ieħor mir-RGħ. Għandu jiġi mistieden rappreżentant tal-ESA biex jattendi l-laqgħat tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà bħala osservatur.

8. Il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu u għandu jaħtar il-President tiegħu.

9. Il-President tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jkun responsabbli biex jirrappreżenta l-Aġenzija dment li d-Direttur Eżekuttiv, skont l-Artikolu 8, ma jkunx responsabbli.

10. Il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jkollu aċċess għar-riżorsi umani u materjali kollha meħtieġa biex jipprovdi funzjonijiet ta' appoġġ amministrattiv xieraq u biex ikun jista', flimkien mal-korpi msemmija fil-paragrafu 11, iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod indipendenti, b'mod partikolari meta jittratta fajls, jagħti bidu għal u jissorvelja l-implimentazzjoni ta' proċeduri tas-sigurtà u jwettaq verifiki tas-sigurtà ta' sistema, iħejji deċiżjonijiet u jorganizza l-laqgħat tiegħu.

11. Il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jwaqqaf korpi subordinati speċjali, li jaġixxu fuq l-istruzzjonijiet tiegħu biex jindirizzaw kwistjonijiet speċjali. B'mod partikulari, filwaqt li jiżgura l-kontinwità neċessarja tal-ħidma, għandu jwaqqaf:

— panel biex iwettaq reviżjonijiet ta' analiżi tas-sigurtà u testijiet biex jiġu prodotti r-rapporti rilevanti dwar ir-riskju sabiex jassistih fil-preparazzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu,

— Awtorità tad-Distribuzzjoni Kriptografika (CDA) biex tassisti lill-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kodiċi tat-titjiriet.

12. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens skont il-prinċipji ġenerali msemmijin fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jieħu d-deċiżjonijiet abbażi ta' votazzjoni ta' maġġoranza, kif previst fl-Artikolu 16 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni u r-rappreżentant tar-RGħ m'għandhomx jivvutaw. Il-President tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jiffirma, f'isem il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, id-deċiżjonijiet adottati mill-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà.

13. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill infurmati, mingħajr dewmien bla bżonn, dwar l-impatt tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà fuq it-tmexxija xierqa tal-programmi. Jekk il-Kummissjoni tqis li deċiżjoni meħuda mill-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà jista' jkollha effett sinifikanti fuq it-twettiq xieraq tal-programmi, pereżempju fir-rigward ta' spejjeż u skeda, hija għandha immedjatament tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

14. B'kont meħud tal-fehmiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li għandhom jiġu espressi fi żmien xahar, il-Kummissjoni tista' tadotta kwalunkwe miżura adegwata f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 683/2008.

15. Il-Bord Amministrattiv għandu jiġi informat regolarment dwar l-iżvilupp tal-ħidma tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà.

16. L-iskeda ta' żmien għall-ħidma tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandha tirrispetta l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni dwar il-GNSS.

*Artikolu 12*

**Rwol tal-Istati Membri**

L-Istati Membri għandhom:

(a) jgħaddu lill-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà l-informazzjoni kollha li huma jikkunsidraw rilevanti għall-finijiet tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà;

(b) jippermettu li persuni awtorizzati kif dovut maħturin mill-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà ikollhom aċċess għal kwalunkwe informazzjoni klassifikata u żoni/siti relatati mas-sigurtà tas-sistemi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali tagħhom, u mingħajr kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità, inkluż għall-finijiet tal-verifiki u t-testijiet tas-sigurtà kif deċiż mill-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà;

(c) ikunu responsabbli, kull wieħed minnhom, għat-tfejjija ta' mudell għall-kontroll tal-aċċess, jiġifieri, deskrizzjoni jew lista ta' żoni/siti li għandhom jiġu akkreditati, u li għandha tkun maqbula minn qabel bejn l-Istati Membri u l-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, biex b'hekk jiġi żgurat li l-istess livell ta' aċċess qed jiġi pprovdut mill-Istati Membri kollha;

(d) ikunu responsabbli, fil-livell lokali, għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà taż-żoni li jinsabu fit-territorju tagħhom u li jagħmlu parti miż-żona tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà tas-sistemi tal-GNSS Ewropej, u jirrapportaw, għal dan il-għan, lill-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà.

KAPITOLU IV

**DISPOŻIZZJONIJIET BAĠITARJI U FINANZJARJI**

*Artikolu 13*

**Baġit**

1. Mingħajr preġudizzju għal riżorsi u ħlasijiet dovuti oħra li għad iridu jiġu definiti, id-dħul tal-Aġenzija għandu jinkludi sussidju tal-Unjoni miżjud fil-budget ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġi żgurat bilanċ bejn id-dħul u l-infiq.

2. L-infiq tal-Aġenzija għandu jkopri l-infiq għall-persunal, għall-amministrazzjoni u għall-infrastruttura, l-ispejjeż operazzjonali u l-infiq assoċjat mal-funzjonament tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, inklużi l-korpi msemmija fl-Artikolu 11(11), u l-kuntratti u l-ftehimiet konklużi mill-Aġenzija biex twettaq il-kompiti li ġew fdati lilha.

3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal abbozz ta' dikjarazzjoni tal-estimi ta' dħul u nfiq tal-Aġenzija għas-sena suċċessiva u għandu jibagħtu lill-Bord Amministrattiv, flimkien ma' abbozz ta' pjan ta' stabbiliment.

4. Id-dħul u l-infiq għandhom ikunu bbilanċjati.

5. Kull sena l-Bord Amministrattiv, abbażi tal-abbozz tad-dikjarazzjoni ta' dħul u nfiq, għandu jipproduċi dikjarazzjoni tal-estimi ta' dħul u nfiq għall-Aġenzija għas-sena finanzjarja suċċessiva.

6. Din id-dikjarazzjoni tal-estimi, li għandha tinkludi abbozz ta' pjan ta' stabbiliment flimkien mal-programm ta' ħidma proviżorju, għandha tintbagħat sal-31 ta' Marzu mill-Bord Amministrattiv lill-Kummissjoni u lill-pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehimiet f'konformità mal-Artikolu 23.

7. Id-dikjarazzjoni tal-estimi għandha tintbagħat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (minn hawn 'il quddiem "l-awtorità baġitarja") flimkien mal-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

8. Abbażi tad-dikjarazzjoni tal-estimi, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea l-estimi li hi tikkunsidra meħtieġa għall-pjan ta' stabbiliment u l-ammont ta' sussidju li għandu jidħol fil-baġit ġenerali, li hi għandha tressaq quddiem l-awtoritá baġitarja f'konformità mal-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

9. L-awtorità baġitarja għandha tawtorizza l-approprjazzjonijiet għas-sussidju lill-Aġenzija u għandha tadotta l-pjan ta' stabbiliment għall-Aġenzija.

10. Il-baġit għandu jiġi adottat mill-Bord Amministrattiv. Huwa għandu jsir finali wara l-adozzjoni definittiva tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn adatt, huwa għandu jiġi aġġustat kif meħtieġ.

11. Il-Bord Amministrattiv għandu, mill-aktar fis possibbli, jinnotifika lill-awtorità baġitarja dwar l-intenzjoni tiegħu li jimplimenta kwalunkwe proġett li jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikattivi għall-finanzjament tal-baġit, b'mod partikolari kwalunkwe proġett relatat mal-kiri jew ix-xiri ta' bini. Huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

12. Fejn fergħa tal-awtoritá baġitarja tkun innotifikat l-intenzjoni tagħha li tagħti opinjoni, hi għandha tibgħat l-opinjoni tagħha lill-Bord Amministrattiv fi żmien sitt ġimgħat mid-data tan-notifika tal-proġett.

*Artikolu 14*

**Implimentazzjoni u kontroll tal-baġit**

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jimplimenta l-baġit tal-Aġenzija.

2. Sal-1 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Aġenzija għandu jikkomunika l-kontijiet proviżorji lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, flimkien ma' rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja. L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għandu jikkonsolida l-kontijiet proviżorji tal-istituzzjonijiet u l-korpi deċentralizzati f'konformità mal-Artikolu 128 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

3. Sal-31 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għandu jibgħat il-kontijiet proviżorji tal-Aġenzija lill-Qorti tal-Awdituri, flimkien ma' rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja. Ir-rapport għandu wkoll jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

4. Meta jaslu l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet proviżorji tal-Aġenzija skont l-Artikolu 129 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal il-kontijiet finali tal-Aġenzija taħt ir-responsabbilità tiegħu stess u jippreżentahom lill-Bord Amministrattiv għal opinjoni.

5. Il-Bord Amministrattiv għandu joħroġ opinjoni dwar il-kontijiet finali tal-Aġenzija.

6. Id-Direttur Eżekuttiv, sal-1 ta' Lulju ta' wara kull sena finanzjarja, għandu jibgħat il-kontijiet finali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, flimkien mal-opinjoni tal-Bord Amministrattiv.

7. Il-kontijiet finali għandhom jiġu ppubblikati.

8. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat lill-Qorti tal-Awdituri tweġiba għall-osservazzjonijiet tagħha sat-30 ta' Settembru. Huwa għandu jibgħat din it-tweġiba lill-Bord Amministrattiv ukoll.

9. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jippreżenta lill-Parlament Ewropew, fuq it-talba ta' dan tal-aħħar, l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiġi applikata bla xkiel il-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja inkwistjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 146(3) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

10. Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel it-30 ta' April tas-sena N + 2, jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena N.

*Artikolu 15*

**Dispożizzjonijiet finanzjarji**

Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija għandhom jigu adottati mill-Bord Amministrattiv wara li l-Kummissjoni tkun ġiet ikkonsultata. Huma ma jistgħux jitbiegħdu mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1] ħlief meta tali tbegħid ikun speċifikament meħtieġ għall-operat tal-Aġenzija u l-Kummissjoni tkun tat il-kunsens tagħha minn qabel.

[1] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

KAPITOLU V

**DISPOŻIZZJONIJIET MIXXELANJI**

*Artikolu 16*

**Miżuri kontra l-frodi**

1. Sabiex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) [1] għandhom japplikaw mingħajr restrizzjoni.

2. L-Aġenzija għandha taderixxi mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) [2] u għandha toħroġ, mingħajr dewmien, dispożizzjonijiet adatti applikabbli għall-persunal kollu tal-Aġenzija.

3. Id-deċiżjonijiet relatati mal-finanzjament u l-ftehimiet u l-istrumenti implimentattivi li jirriżultaw minnhom għandhom jistipulaw b'mod espliċitu li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu, fejn meħtieġ, jagħmlu kontrolli fuq il-post fuq dawk li jirċievu finanzjament tal-Aġenzija u l-aġenti responsabbli li jallokawh.

*Artikolu 17*

**Privileġġi u immunitajiet**

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea għandu japplika għall-Aġenzija.

*Artikolu 18*

**Persunal**

1. Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kondizzjonijiet ta' impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Unjoni Ewropea u r-regoli adottati konġuntament mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dawk ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonjiet ta' impjieg, għandhom japplikaw għall-persunal tal-Aġenzija. Il-Bord Amministrattiv, bi ftehim mal-Kummissjoni, għandu jadotta r-regoli dettaljati meħtieġa ta' applikazzjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8, is-setgħat konferiti fuq l-awtorità nominanti mir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet ta' impjieg ta' ħaddiema oħra għandhom jiġu eżerċitati mill-Aġenzija fir-rigward tal-persunal tagħha.

3. Il-persunal tal-Aġenzija għandu jikkonsisti minn ħaddiema reklutati mill-Aġenzija kif meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħha, iżda jista' jinkludi wkoll uffiċjali, bl-awtorizzazzjoni adatta li jkunu ġew assenjati jew issekondati mill-Kummissjoni jew l-Istati Membri fuq bażi temporanja.

4. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 3 għandhom japplikaw ukoll għall-persunal tal-GSMC.

*Artikolu 19*

**Responsabbiltà**

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali tal-Aġenzija għandha tiġi rregolata mil-liġi applikabbli għall-kuntratt inkwistjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni li tagħti sentenza skont kwalunkwe klawsola ta' arbitraġġ li tkun f'kuntratt konkluż mill-Aġenzija.

2. Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Aġenzija għandha, skont il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, tagħmel tajjeb għal kull ħsara kkawżata mid-dipartimenti tagħha jew mill-ħaddiema tagħha fit-twettiq ta' dmirijiethom.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni fi kwalunkwe tilwim relatat ma' kumpens għal dannu kif imsemmi fil-paragrafu 2.

4. Ir-responsabbiltà personali lejn l-Aġenzija tal-ħaddiema tagħha għandha tkun irregolata bid-disposizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal jew fil-Kondizzjonijiet ta' impjieg applikabbli għalihom.

*Artikolu 20*

**Lingwi**

1. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea [3] għandhom japplikaw għall-Aġenzija.

2. Is-servizzi ta' traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-Aġenzija għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 21*

**Aċċess għal dokumenti u protezzjoni ta' data ta' natura personali**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni [4] għandu japplika għal dokumenti miżmumin mill-Aġenzija.

---

[1] ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.
[2] ĠU L 136, 31.5.1999, p. 15.
[3] ĠU 17, 6.10.1958, p. 385/58.
[4] ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

2. Il-Bord Amministrattiv għandu jadotta arranġamenti għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fi żmien sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Deċiżjonijiet meħudin mill-Aġenzija skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jkunu s-suġġett ta' ilment lill-Ombudsman jew ta' azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikoli 228 u 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rispettivament.

4. Meta tkun qed tipproċessa data relatata ma' individwi, l-Aġenzija għandha tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data ([1]).

*Artikolu 22*

**Regoli ta' sigurtà**

L-Aġenzija għandha tapplika l-prinċipji ta' sigurtà li jinsabu fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom. Dan għandu jkopri, fost oħrajn, dispożizzjonijiet għall-iskambju, it-trattament u l-ħażna ta' informazzjoni klassifikata.

*Artikolu 23*

**Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi**

1. L-Aġenzija għandha tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, li jkunu daħlu fi ftehimiet mal-Unjoni Ewropea f'dan ir-rigward.

2. Skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawn il-ftehimiet, għandhom jiġu żviluppati arranġamenti li jispeċifikaw, b'mod partikolari, ix-xorta, safejn u l-mod kif dawn il-pajjiżi ikunu ser jieħdu sehem fil-ħidma tal-Aġenzija, inklużi dispożizzjonijiet relatati mal-parteċipazzjoni fl-inizjattivi meħuda mill-Aġenzija, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u l-persunal.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 24*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 683/2008**

Fir-Regolament (KE) Nru 683/2008 kollu, il-kliem "Awtortità Superviżorja Ewropea GNSS" u "Awtorità" għandhom jiġu sostitwiti b' "Aġenzija Ewropea GNSS" u "Aġenzija" rispettivament.

*Artikolu 25*

**Tħassir u validità tal-miżuri meħuda**

Ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 huwa b'dan imħassar. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament. Kwalunkwe miżura adottata abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1321/2004 għandha tibqa' valida.

*Artikolu 26*

**Evalwazzjoni**

Il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ta' dan ir-regolament sal-2012, partikolarment fir-rigward tal-kompiti tal-Aġenzija stabbiliti fl-Artikolu 2 u, jekk ikun meħtieġ, tippreżenta proposti.

*Artikolu 27*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-22 ta' Settembru 2010.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | O. CHASTEL |

([1]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

# REGOLAMENT (UE) Nru 913/2010 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Settembru 2010

## dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [3],

Billi:

(1) Fil-qafas tal-Istrateġija ġdida tal-Unjoni Ewropea għall-impjiegi u t-tkabbir, il-ħolqien ta' suq ferrovjarju intern, b'mod partikolari għat-trasport tal-merkanzija, huwa element essenzjali tal-progress lejn il-ħolqien ta' mobilità sostenibbli.

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità [4] u d-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji [5] kienu passi importanti fil-ħolqien tas-suq ferrovjarju intern.

(3) Sabiex ikunu kompetittivi ma' mezzi oħra ta' trasport, is-servizzi ferrovjarji internazzjonali u nazzjonali tal-merkanzija, miftuħa għall-kompetizzjoni mill-1 ta' Jannar 2007, għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn infrastruttura ferrovjarja ta' kwalità tajba u ffinanzjata b'mod suffiċjenti, jiġifieri li tippermetti l-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija taħt kondizzjonijiet tajbin f'dawk li huma veloċità kummerċjali u ħin tal-vjaġġ u jkunu affidabbli, jiġifieri li s-servizz li jipprovdu jikkorrispondi mal-impenji kuntrattwali li jkunu daħlu għalihom l-operaturi ferrovjarji.

(4) Għalkemm il-ftuħ tas-suq tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija għamilha possibbli għal operaturi ġodda li jidħlu fin-netwerk tat-trasport ferrovjarju, il-mekkaniżmi tas-suq, la kienu u lanqas huma biżżejjed biex jorganizzaw, jirregolaw u jagħmlu sikur it-traffiku tal-merkanzija bil-ferrovija. Sabiex jiġi ottimizzat l-użu tan-netwerk u tiġi żgurata l-affidabbiltà tiegħu, huwa utli li jiġu introdotti proċeduri addizzjonali sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar l-allokazzjoni ta' mogħdijiet ferrovjarji internazzjonali għall-ferroviji tal-merkanzija bejn il-ġesturi tal-infrastruttura.

(5) F'dan il-kuntest, l-istabbiliment ta' kurituri ferrovjarji internazzjonali għal netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport tal-merkanzija kompetittiv li fuqu l-ferroviji tal-merkanzija jkunu jistgħu jiċċirkolaw taħt kondizzjonijiet tajbin u jgħaddu faċilment minn netwerk nazzjonali għal ieħor jippermetti li jitjiebu l-kondizzjonijiet tal-użu tal-infrastruttura.

(6) Sabiex jiġu stabbiliti l-kurituri ferrovjarji internazzjonali għal netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport tal-merkanzija kompetittiv, l-inizjattivi diġà meħuda f'termini ta' infrastruttura ferrovjarja juru li l-istabbiliment ta' kurituri internazzjonali, li jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' wieħed jew bosta setturi tas-suq tat-trasport tal-merkanzija identifikati b'mod ċar, jirrappreżenta l-metodu l-aktar xieraq.

(7) Dan ir-Regolament, ħlief jekk jiġi previst mod ieħor, għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-ġesturi tal-infrastruttura stipulati fid-Direttiva 91/440/KEE u d-Direttiva 2001/14/KE u, fejn rilevanti, għall-korpi ta' allokazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2001/14/KE. Dawk l-atti jibqgħu fis-seħħ, inkluż rigward dispożizzjonijiet li jaffettwaw il-kurituri tal-merkanzija.

(8) It-twaqqif ta' kuritur tal-merkanzija għandu jqis, fejn ikun il-każ, il-ħtieġa ta' interkonnessjonijiet aħjar mal-infrastruttura ferrovjarja ta' pajjiżi terzi Ewropej.

[1] ĠU C 317, 23.12.2009, p. 94.
[2] ĠU C 79, 27.3.2010, p. 45.
[3] Posizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 (ĠU C 184 E, 8.7.2010, p. 354), pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tat-22 ta' Frar 2010 (ĠU C 114 E, 4.5.2010, p. 1), pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2010 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2010.
[4] ĠU L 237, 24.8.1991, p. 25.
[5] ĠU L 75, 15.3.2001, p. 29.

(9) It-tfassil ta' kurituri tal-merkanzija għandu jfittex li jiżgura l-kontinwità tul il-kurituri billi jippermetti l-interkonnessjonijiet meħtieġa bejn l-infrastrutturi ferrovjarji eżistenti.

(10) L-implimentazzjoni ta' kurituri ferrovjarji internazzjonali tal-merkanzija li jiffurmaw netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport tal-merkanzija kompetittiv għandha titwettaq b'mod konsistenti man-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport ("TEN-T") u/jew mal-kurituri tas-Sistema ta' Tmexxija tat-Traffiku Ferrovjarju Ewropew ("ERTMS"). Għal dak il-għan, huwa meħtieġ żvilupp koordinat tan-netwerks, u b'mod partikolari għal dik li hija l-integrazzjoni tal-kurituri internazzjonali għat-trasport tal-merkanzija mat-TEN-T eżistenti u mal-kurituri tal-ERTMS. Barra minn hekk, għandhom jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni regoli armonizzati relatati ma' dawk il-kurituri tal-merkanzija. Proġetti li jkollhom l-għan li jnaqqsu l-istorbju minn ferroviji ta' merkanzija għandhom ikunu mħeġġa. Jekk ikun meħtieġ, l-istabbiliment ta' dawk il-kurituri għandu jiġi appoġġat finanzjarjament fil-qafas tal-programmi TEN-T, tal-programmi ta' riċerka u tal-programmi Marco Polo, u fil-qafas ta' linji politiċi u fondi oħrajn tal-Unjoni, bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jew il-Fond ta' Koeżjoni, kif ukoll il-Bank Ewropew għall-Investiment.

(11) Fil-qafas ta' kuritur tal-merkanzija, għandha tiġi żgurata koordinazzjoni tajba bejn l-Istati Membri u l-ġesturi tal-infrastruttura kkonċernati, għandha tingħata prijorità suffiċjenti għat-traffiku tal-merkanzija bil-ferrovija, għandhom jinħolqu komunikazzjonijiet effettivi u adegwati mal-mezzi l-oħra tat-trasport u għandhom jiġu stabbiliti kondizzjonijiet li huma ta' inċentiv għall-iżvilupp tal-kompetizzjoni bejn fornituri ta' servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija.

(12) Minbarra l-kurituri tal-merkanzija stabbiliti skont l-Artikolu 3, l-istabbiliment ta' kurituri tal-merkanzija addizzjonali għandu jiġi eżaminat u approvat fuq il-livell tal-Unjoni skont proċeduri u kriterji definiti b'mod ċar u trasparenti, u li jħallu lill-Istati Membri u lill-ġesturi tal-infrastruttura marġni ta' deċiżjoni u ta' tmexxija biżżejjed biex ikunu jistgħu iqisu l-inizjattivi eżistenti għal kurituri speċjali, pereżempju l-ERTMS, ir-RailNet Europe ("RNE") u t-TEN-T, u biex jiehdu miżuri adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

(13) Sabiex titħeġġeġ il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-ġesturi tal-infrastruttura u sabiex ikun hemm kontinwità tul il-kuritur, għandha tiġi stabbilita struttura ta' tmexxija adatta għal kull kuritur tal-merkanzija, li tqis il-ħtieġa li tiġi evitata d-duplikazzjoni ma' strutturi ta' tmexxija diġà eżistenti.

(14) Sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq, il-metodi għall-istabbiliment ta' kuritur tal-merkanzija għandhom jiġu ppreżentati fi pjan ta' implimentazzjoni li għandu jinkludi l-identifikazzjoni u l-istabbiliment ta' skeda għall-miżuri li jtejbu l-prestazzjoni tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat li l-miżuri ppjanati jew implimentati għat-twaqqif ta' kuritur tal-merkanzija jissodisfaw il-ħtiġijiet jew l-aspettattivi tal-utenti kollha tal-kuritur tal-merkanzija, l-applikanti li possibbilment jużaw il-kuritur tal-merkanzija għandhom jiġu kkonsultati regolarment f'konformità ma' proċeduri ddefiniti mill-bord ta' tmexxija.

(15) L-iżvilupp ta' terminali tat-trasport tal-merkanzija intermodali għandu wkoll jitqies neċessarju sabiex jiġi appoġġat it-twaqqif ta' kurituri ta' trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fl-Unjoni.

(16) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza u l-kontinwità tal-kapaċitajiet tal-infrastruttura disponibbli tul il-kuritur għall-merkanzija, għandhom jiġu kkoordinati l-investimenti fuq il-kuritur għall-merkanzija bejn l-Istati Membri u l-amministraturi tal-infrastruttura kkonċernati, kif ukoll, jekk ikun xieraq, bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi Ewropej, u jiġu ppjanati b'mod li jissodisfa, mingħajr preġudizzju għall-vijabilità ekonomika, l-ħtiġijiet tal-kuritur għall-merkanzija. L-iskeda għat-twettiq tal-investiment għandha tkun ippubblikata biex jiġi żgurat li l-applikanti li jistgħu joperaw fil-kuritur ikunu infurmati sewwa. L-investiment għandu jinkludi proġetti relatati mal-iżvilupp ta' sistemi interoperabbli u maż-żieda tal-kapaċità tal-ferroviji.

(17) Għall-istess raġunijiet, ix-xogħlijiet kollha fuq l-infrastruttura u t-tagħmir tagħha li jillimitaw il-kapaċità disponibbli tal-kurituri tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija għandhom ukoll jiġu kkoordinati fil-livell tal-kuritur tal-merkanzija u jkunu s-suġġett ta' pubblikazzjonijiet aġġornati.

(18) Sabiex jiġu ffaċilitati t-talbiet għal kapaċitajiet tal-infrastruttura għas-servizzi ferrovjarji internazzjonali tal-merkanzija, huwa xieraq li jiġi denominat jew stabbilit punt ta' waqfa waħda għal kull kuritur tal-merkanzija. Għal dan, jeħtieġ li wieħed jibbaża ruħu fuq l-inizjattivi li diġà jeżistu, b'mod partikolari dawk imnedija mir-RNE, korp li huwa strument ta' koordinazzjoni tal-ġesturi tal-infrastruttura u li jipprovdi għadd ta' servizzi lill-impriżi tat-trasport tal-merkanzija internazzjonali.

(19) It-tmexxija tal-kurituri tat-trasport tal-merkanzija għandha tinkludi wkoll proċeduri għall-allokazzjoni tal-kapaċità ta' infrastruttura għal ferroviji internazzjonali tal-merkanzija li jiċċirkolaw f'dawn il-kurituri. Dawk il-proċeduri għandhom jirrikonoxxu l-ħtieġa tal-kapaċità għal tipi oħrajn ta' trasport, inkluż it-trasport tal-passiġġieri.

(20) Sabiex jiġi żgurat li l-infrastruttura ferrovjarja tintuża aħjar, l-operat ta' dik l-infrastruttura u t-terminali tul il-kurituri tal-merkanzija jeħtieġ li jkunu kkoordinati.

(21) Regoli prijoritarji jistgħu jfissru wkoll miri prijoritarji skont is-sitwazzjoni fl-Istat Membru rispettiv.

(22) Il-ferroviji tal-merkanzija fil-kurituri tal-merkanzija għandhom ikunu jistgħu jgawdu, safejn huwa possibbli, minn puntwalità suffiċjenti fil-każ ta' tfixkil fir-rigward tal-ħtiġijiet tat-tipi kollha ta' trasport.

(23) Sabiex jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp ta' kompetizzjoni bejn il-fornituri ta' servizzi ta' ġarr tal-merkanzija ferrovjarja fuq il-kuritur tal-merkanzija, applikanti barra mill-operaturi ferrovjarji jew il-gruppi tagħhom għandhom ikunu jistgħu jitolbu kapaċità tal-infrastruttura fuq il-kurituri tal-merkanzija.

(24) Sabiex wieħed ikunu jista' jevalwa b'mod oġġettiv il-benefiċċji tal-miżuri mmirati lejn it-twaqqif tal-kuritur tal-merkanzija, għandha tiġi ssorveljata l-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija tul il-kuritur tal-merkanzija u għandhom jiġu ppubblikati regolarment rapporti ta' kwalità. L-evalwazzjoni tal-prestazzjoni għandha tinkludi l-eżitu ta' stħarriġ tas-sodisfazzjon tal-utenti tal-kurituri tal-merkanzija.

(25) Sabiex jiġi żgurat aċċess mhux diskriminatorju għas-servizzi ferrovjarji internazzjonali, jeħtieġ li tiġi żgurata koordinazzjoni effiċjenti bejn il-korpi regolatorji f'dak li għandu x'jaqsam man-netwerks differenti koperti mill-kuritur tal-merkanzija.

(26) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni rigward l-użu tal-infrastruttura kollha ewlenija fuq il-kuritur tal-merkanzija u jiġi żgurat aċċess mhux diskriminatorju għal dak il-kuritur, il-bord ta' tmexxija għandu jfassal, jaġġorna regolarment u jippubblika dokument li jkun fih din l-informazzjoni kollha.

(27) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport kompetittiv tal-merkanzija magħmul minn kurituri tal-merkanzija, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħidhom u għalhekk minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan.

(28) Għandhom jiddaħħlu regoli ġusti, ibbażati fuq kooperazzjoni bejn il-ġesturi tal-infrastruttura, li għandhom jipprovdu servizz ta' kwalità lill-operaturi tal-merkanzija fil-qafas ta' kuritur ferrovjarju internazzjonali, fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-investimenti u t-tmexxija tal-kapaċitajiet u tat-traffiku.

(29) Minħabba li l-ferroviji internazzjonali jeħtieġu li jużaw itinerarji li jgħaqqdu diversi kurituri, kif definit f'dan ir-Regolament, il-ġesturi tal-infrastruttura ta' diversi kurituri jistgħu wkoll jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom sabiex jiżguraw, fil-kurituri kkonċernati, id-disponibbiltà tal-kapaċità, movimenti bla xkiel u applikazzjoni koerenti ta' regoli prijoritarji għat-tipi differenti ta' traffiku fil-każ ta' tfixkil.

(30) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li tittejjeb l-effiċjenza tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija meta mqabbel ma' modi oħra tat-trasport. Għandu jiġu żgurat li jkun hemm koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-ġesturi tal-infrastruttura sabiex jiġi garantit li jkun hemm tħaddim l-aktar effiċjenti tal-kurituri tal-merkanzija. Biex dan iseħħ, għandhom jittieħdu miżuri operazzjonali id f'id ma' investimenti fl-infrastruttura u f'tagħmir tekniku bħall-ERTMS li għandu jkollhom l-għan li jżidu l-kapaċità u l-effiċjenza tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija.

(31) L-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-istabbiliment u l-modifikazzjoni tal-kurituri tal-merkanzija u dwar l-eżenzjonijiet mogħtija lill-Istati Membri jeħtieġ li titwettaq taħt kondizzjonijiet uniformi sabiex tkun żgurata l-konformità tal-proposti għall-istabbiliment ta' kurituri tal-merkanzija mal-kriterji stipulati f'dan ir-Regolament u għalhekk għandha tiġi konferita lill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-regoli u l-prinċipji ġenerali li jirrigwardaw il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat tal-implimentazzjoni għandhom jiġu stipulati bil-quddiem permezz ta' regolament adottat skont il-proċedura leġislattiva ordinarja. Sakemm ikun adottat dak ir-regolament, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [1] tibqa' tapplika, bl-eċċezzjoni għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, li mhijiex applikabbli,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Għan u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-istabbiliment u l-organizzazzjoni ta' kurituri ferrovjarji internazzjonali għat-trasport tal-merkanzija kompetittiv bil-għan li jiġi żviluppat netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport tal-merkanzija kompetittiv. Huwa jistabbilixxi regoli għall-għażla, l-organizzazzjoni, it-tmexxija u l-ippjanar indikattiv tal-investimenti tal-kurituri tal-merkanzija.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-tmexxija u l-użu ta' infrastruttura ferrovjarja inkluża fil-kurituri tal-merkanzija.

(1) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/14/KE għandhom japplikaw.

2. Flimkien mad-definizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1:

(a) "kuritur tal-merkanzija" għandha tfisser il-linji ferrovjarji denominati kollha, inklużi l-linji ta' laneċ ferrovjarji, fuq it-territorju tal-Istati Membri, jew bejn l-Istati Membri, u, fejn xieraq, pajjiżi terzi Ewropej, li jgħaqqdu żewġ terminali jew aktar, tul rotta prinċipali u, fejn ikun il-każ, rotot u taqsimiet ta' diversjoni li jikkollegawhom, inkluża l-infrastruttura ferrovjarja u t-tagħmir tagħha, u s-servizzi ferrovjarji rilevanti skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/14/KE;

(b) "pjan ta' implimentazzjoni" tfisser dokument li jippreżenta l-mezzi u l-istrateġija li l-partijiet kkonċernati bi ħsiebhom jimplimentaw sabiex jiżviluppaw matul perijodu speċifikat il-miżuri li huma meħtieġa u suffiċjenti biex jiġi stabbilit il-kuritur tal-merkanzija;

(c) "terminal" tfisser l-installazzjoni pprovduta tul il-kuritur tal-merkanzija li ġiet mgħammra b'mod speċjali biex tippermetti t-tagħbija u/jew il-ħatt ta' oġġetti għal ġol-/mill-ferroviji tal-merkanzija, u l-integrazzjoni tas-servizzi ferrovjarji tal-merkanzija mas-servizzi stradali, marittimi, tax-xmajjar u tal-ajru, u l-formazzjoni jew il-modifikazzjoni tal-kompożizzjoni tal-ferroviji tal-merkanzija; u, fejn meħtieġ, it-twettiq ta' proċeduri tal-fruntieri fil-fruntieri ma' pajjiżi terzi Ewropej.

KAPITOLU II

**DENOMINAZZJONI U GOVERNANZA TAL-KURITURI FERROVJARJI INTERNAZZJONALI GĦAL TRASPORT TAL-MERKANZIJA KOMPETITTIV**

*Artikolu 3*

**Denominazzjoni ta' kurituri inizjali tal-merkanzija**

L-Istati Membri msemmijin fl-Anness għandhom jagħmlu operazzjonali, sad-dati fih stipulati, il-kurituri tal-merkanzija inizjali stabbiliti fl-Anness. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment tal-kurituri tal-merkanzija.

*Artikolu 4*

**Kriterji għal aktar kurituri tal-merkanzija**

L-għażla ta' aktar kurituri tal-merkanzija msemmijin fl-Artikolu 5 u l-modifika tal-kurituri ta' merkanzija msemmijin fl-Artikolu 6 għandhom iqisu dawn il-kriterji:

(a) il-qsim permezz tal-kuritur tal-merkanzija tat-territorju ta' mhux inqas minn tliet Stati Membri, jew ta' żewġ Stati Membri jekk id-distanza ta' bejn it-terminali ferrovjarji moqdija mill-kuritur tal-merkanzija tkun ta' aktar minn 500 kilometru;

(b) il-konsistenza tal-kuritur tal-merkanzija mal-kurituri tat-TEN-T, tal-ERTMS u/jew mal-kurituri definiti mir-RNE;

(c) l-integrazzjoni ta' proġetti prijoritarji tat-TEN-T ([1]) fil-kuritur tal-merkanzija;

(d) il-bilanċ bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji soċjo-ekonomiċi li joħorġu mill-istabbiliment tal-kuritur tal-merkanzija;

(e) il-konsistenza tal-kurituri tal-merkanzija kollha proposti mill-Istati Membri sabiex jiġi stabbilit netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport tal-merkanzija kompetittiv;

(f) l-iżvilupp ta' traffiku ferrovjarju tal-merkanzija u ta' flussi ewlenin ta' kummerċ u ta' traffiku ta' merkanzija tul il-kuritur;

(g) jekk xieraq, interkonnessjonijiet aħjar bejn Stati Membri u pajjiżi terzi Ewropej;

(h) l-interess tal-applikanti fil-kuritur tal-merkanzija;

(i) l-eżistenza ta' interkonnessjonijiet tajbin ma' modi oħra tat-trasport, b'mod partikolari permezz ta' netwerk adegwat ta' terminali, inkluż fil-portijiet marittimi u dawk interni.

*Artikolu 5*

**Għażla ta' aktar kurituri tal-merkanzija**

1. Kull Stat Membru bi fruntiera ferrovjarja ma' Stat Membru ieħor għandu jieħu sehem fl-istabbiliment ta' mill-inqas kuritur tal-merkanzija wieħed, ħlief jekk dan l-obbligu diġà ġie ssodisfatt taħt l-Artikolu 3.

2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom, fuq talba minn Stat Membru, jieħdu sehem fl-istabbiliment tal-kuritur tal-merkanzija kif imsemmi f'dak il-paragrafu jew fit-titwil ta' kuritur eżistenti, sabiex jippermettu li Stat Membru ġar jissodisfa l-obbligu tiegħu taħt dak il-paragrafu.

([1]) Ara l-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network tat-trasport trans-Ewropew (ĠU L 204, 5.8.2010, p. 1).

3. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 91/440/KEE, meta Stat Membru, wara li jkun wettaq analiżi soċjoeknomika, iqis li l-istabbiliment ta' kuritur tal-merkanzija ma jkunx fl-interess tal-applikanti li aktarx jużaw il-kuritur tal-merkanzija jew ma jġibx benefiċċji soċjoekonomiċi sinifikanti jew li jikkawża piż sproporzjonat, l-Istat Membru kkonċernat m'għandux ikun obbligat jipparteċipa kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, soġġett għal deċiżjoni tal-Kummissjoni li taġixxi skont l-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikoli 21(2).

4. Stat Membru m'għandux ikun obbligat jipparteċipa kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 jekk huwa għandu netwerk ferrovjarju li għandu track gauge li jkun differenti minn dak tan-netwerk ferrovjarju prinċipali fl-Unjoni.

5. L-istabbiliment ta' kuritur tal-merkanzija għandu jiġi propost mill-Istati Membri kkonċernati. Għal dan il-għan, huma għandhom jibagħtu b'mod konġunt lill-Kummissjoni ittra ta' intenzjoni li tinkludi proposta mfassla wara konsultazzjoni mal-ġesturi tal-infrastruttura u l-applikanti kkonċernati, b'kunsiderazzjoni għall-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4.

Sabiex jissodisfaw l-obbligu skont il-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri konċernati għandhom jibagħtu b'mod konġunt lill-Kummissjoni ittra ta' intenzjoni sat-10 ta' Novembru 2012.

6. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-proposti għall-istabbiliment ta' kuritur tal-merkanzija kif imsemmi fil-paragrafu 5 u, b'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 21(3), tadotta deċiżjoni dwar il-konformità ta' tali proposta ma' dan l-Artikolu sa mhux aktar tard minn disa' xhur wara l-preżentazzjoni tal-proposta.

7. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jistabbilixxu l-kuritur tal-merkanzija sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 6.

*Artikolu 6*

**Modifika ta' aktar kurituri tal-merkanzija**

1. Il-kurituri tal-merkanzija msemmijin fl-Artikolu 5 jistgħu jiġu modifikati abbażi ta' proposta konġunta mill-Istati Membri kkonċernati lill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-ġesturi tal-infrastruttura u l-applikanti kkonċernati.

2. Il-Kummissjoni għandha, skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 21(3), tadotta deċiżjoni dwar il-proposta, b'kont meħud tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4.

*Artikolu 7*

**Rikonċiljazzjoni**

Meta żewġ Stati Membri jew aktar ikkonċernati ma jaqblux dwar l-istabbiliment jew il-modifika ta' kuritur tal-merkanzija, u dwar l-infrastruttura ferrovjarja li tinsab fit-territorju tagħhom, il-Kummissjoni, fuq talba ta' wieħed mill-Istati Membri kkonċernati, għandha tikkonsulta lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21 dwar din il-kwistjoni. L-opinjoni tal-Kummissjoni għandha tintbagħat lill-Istati Membri kkonċernati. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkunsidraw din l-opinjoni sabiex isibu soluzzjoni u għandhom jieħdu deċiżjoni abbażi ta' kunsens reċiproku.

*Artikolu 8*

**Tmexxija ta' kurituri tal-merkanzija**

1. Għal kull kuritur tal-merkanzija, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jistabbilixxu bord eżekuttiv responsabbli għad-definizzjoni tal-objettivi ġenerali tal-kuritur tal-merkanzija, is-sorveljanza u t-teħid ta' miżuri kif previst espressament fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, u fl-Artikoli 9 u 11, l-Artikolu 14(1) u l-Artikolu 22. Il-bord eżekuttiv għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-Istati Membri kkonċernati.

2. Għal kull kuritur tal-merkanzija, il-ġesturi tal-infrastruttura kkonċernati u, fejn rilevanti, il-korpi ta' allokazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2001/14/KE, għandhom jistabbilixxu bord ta' tmexxija responsabbli biex jieħu l-miżuri kif espressament previsti fil-paragrafi 5, 7, 8 u 9 ta' dan l-Artikolu, u fl-Artikoli 9 sa 12, l-Artikolu 13(1), l-Artikolu 14(2), (6) u (9), l-Artikolu 16(1), l-Artikolu 17(1) u l-Artikoli 18 u 19 ta' dan ir-Regolament. Il-bord ta' tmexxija għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-ġesturi tal-infrastruttura.

3. L-Istati Membri u l-ġesturi tal-infrastruttura li għandhom x'jaqsmu ma' kuritur tal-merkanzija għandhom jikkooperaw fil-bordijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 sabiex jiżguraw li l-kuritur tal-merkanzija jiżviluppa skont il-pjan ta' implimentazzjoni tiegħu.

4. Il-bord eżekuttiv għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu abbażi ta' kunsens reċiproku tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-Istati Membri kkonċernati.

5. Il-bord ta' tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu, inklużi deċiżjonijiet rigward l-istatus ġuridiku tiegħu, l-istabbiliment tal-istruttura organizzattiva tiegħu, ir-riżorsi u l-persunal, abbażi ta' kunsens reċiproku tal-ġesturi tal-infrastruttura kkonċernati. Il-bord ta' tmexxija jista' jkun entità ġuridika indipendenti. Jista' jieħu l-forma ta' grupp Ewropew ta' interess ekonomiku fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2137/85 tal-25 ta' Lulju 1985 dwar il-Grupp Ewropew ta' Interess Ekonomiku (EEIG) [1].

[1] ĠU L 199, 31.7.1985, p. 1.

6. Ir-responsabbiltajiet tal-bord eżekuttiv u l-bord ta' tmexxija għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-indipendenza tal-ġesturi tal-infrastruttura kif previst fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 91/440/KEE.

7. Il-bord ta' tmexxija għandu jistabbilixxi grupp konsultattiv magħmul minn ġesturi u sidien tat-terminali tal-kuritur tal-merkanzija, inklużi, fejn meħtieġ, portijiet tal-baħar u portijiet ta' mogħdijiet fuq l-ilma interni. Dan il-grupp konsultattiv jista' joħroġ opinjoni dwar kwalunkwe proposta tal-bord ta' tmexxija li għandha konsegwenzi diretti għall-investiment u t-tmexxija tat-terminali. Huwa jista' wkoll joħroġ opinjonijiet fuq l-inizjattiva tiegħu stess. Il-bord ta' tmexxija għandu jieħu kont ta' kwalunkwe waħda minn dawn l-opinjonijiet. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-bord ta' tmexxija u l-grupp konsultattiv, dan tal-aħħar jista' jirreferi l-kwistjoni lill-bord eżekuttiv. Il-bord eżekuttiv għandu jaġixxi bħala medjatur u jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien utli. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija għandha tittieħed mill-bord ta' tmexxija.

8. Il-bord ta' tmexxija għandu jistabbilixxi grupp konsultattiv ieħor magħmul minn impriżi ferrovjarji interessati li jużaw il-kuritur tal-merkanzija. Dan il-grupp konsultattiv jista' joħroġ opinjoni dwar kwalunkwe proposta tal-bord ta' tmexxija li għandha konsegwenzi diretti fuq dawn l-impriżi. Huwa jista' wkoll joħroġ opinjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess. Il-bord ta' tmexxija għandu jqis kwalunkwe waħda minn dawn l-opinjonijiet.

9. Il-bord ta' tmexxija għandu jikkoordina skont il-pjani ta' implimentazzjoni nazzjonali u Ewropej l-użu ta' applikazzjonijiet tal-IT interoperabbli jew soluzzjonijiet alternattivi li jistgħu isiru disponibbli fil-ġejjieni, sabiex jittratta talbiet għal passaġġi ferrovjarji u l-operazzjoni tat-traffiku internazzjonali fuq il-kuritur tal-merkanzija.

*Artikolu 9*

**Miżuri għall-implimentazzjoni tal-pjan tal-kuritur tal-merkanzija**

1. Il-bord ta' tmexxija għandu jfassal pjan ta' implimentazzjoni sa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel jagħmel il-kuritur tal-merkanzija operazzjonali u għandu jippreżentah għall-approvazzjoni lill-bord eżekuttiv. Dan il-pjan għandu jinkludi:

(a) deskrizzjoni tal-karatteristiċi tal-kuritur tal-merkanzija, inklużi l-punti ta' konġestjoni, u l-programm ta' miżuri meħtieġa għall-ħolqien tal-kuritur tal-merkanzija;

(b) l-elementi essenzjali tal-istudju msemmi fil-paragrafu 3;

(c) l-objettivi tal-kurituri tal-merkanzija, b'mod partikolari fir-rigward tal-prestazzjoni tal-kuritur tal-merkanzija espressa bħala l-kwalità tas-servizz u l-kapaċità tal-kuritur tal-merkanzija b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19;

(d) il-pjan ta' investiment imsemmi fl-Artikolu 11; u

(e) il-miżuri għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 12 sa 19.

2. Il-bord ta' tmexxija għandu jirrevedi perjodikament il-pjan ta' implimentazzjoni filwaqt li jieħu kont tal-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tiegħu, fis-suq tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija tul il-kuritur tal-merkanzija u fil-prestazzjoni mkejla skont l-objettivi msemmijin fil-punt (c) tal-paragrafu 1.

3. Il-bord ta' tmexxija għandu jwettaq u jaġġorna perjodikament studju dwar is-suq tat-trasport fir-rigward tal-bidliet osservati u dawk mistennija fit-traffiku fuq il-kuritur tal-merkanzija, b'konsegwenza tat-twaqqif tiegħu, li jkopri t-tipi differenti ta' traffiku, kemm fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija kif ukoll tat-trasport ta' passiġġieri. Dan l-istudju għandu wkoll janalizza, fejn ikun meħtieġ, l-ispejjeż u l-benefiċċji soċjo-ekonomiċi li joħorġu mill-istabbiliment tal-kuritur tal-merkanzija.

4. Il-pjan ta' implimentazzjoni għandu jqis l-iżvilupp ta' terminali biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tat-tħaddim ta' ferroviji tal-merkanzija tul il-kuritur tal-merkanzija, b'mod partikolari billi jaġixxu bħala perni intermodali tul il-kurituri tal-merkanzija.

5. Il-bord ta' tmexxija għandu, fejn ikun xieraq, jadotta miżuri sabiex jikkoopera ma' amministraturi reġjonali u/jew lokali dwar il-pjan ta' implimentazzjoni.

*Artikolu 10*

**Konsultazzjoni mal-applikanti**

Il-bord ta' tmexxija għandu jintroduċi mekkaniżmi ta' konsultazzjoni bil-ħsieb tal-parteċipazzjoni adegwata tal-applikanti li x'aktarx jużaw il-kuritur tal-merkanzija. B'mod partikolari, huwa għandu jiżgura li l-applikanti jiġu kkonsultati qabel ma l-pjan ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 9 jiġi ppreżentat lill-bord eżekuttiv.

KAPITOLU III

**INVESTIMENTI FIL-KURITUR TAL-MERKANZIJA**

*Artikolu 11*

**Ippjanar tal-investiment**

1. Il-bord ta' tmexxija għandu jfassal u jirrevedi perjodikament pjan ta' investiment, li jinkludi dettalji tal-investiment indikattiv fuq żmien medju u fit-tul fl-infrastruttura fil-kuritur tal-merkanzija, u għandu jippreżentah lill-bord eżekuttiv għall-approvazzjoni. Dan il-pjan għandu jinkludi:

(a) il-lista tal-proġetti previsti għall-estensjoni, it-tiġdid jew il-mobilizzazzjoni mill-ġdid ta' infrastruttura ferrovjarja u t-tagħmir tagħha tul il-kuritur tal-merkanzija u r-rekwiżiti finanzjarji rilevanti u s-sorsi ta' finanzjament;

(b) pjan ta' mobilizzazzjoni relatat mas-sistemi interoperabbli tul il-kuritur tal-merkanzija li jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà applikabbli għan-netwerk kif definit fid-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità ([1]). Dan il-pjan ta' mobilizzazzjoni għandu jkun ibbażat fuq analiżi tal-infiq meta mqabbel mal-benefiċċju tal-użu ta' sistemi interoperabbli;

(c) pjan għat-tmexxija tal-kapaċità tal-ferroviji tal-merkanzija li jistgħu jiċċirkolaw fuq il-kuritur tal-merkanzija, li jinkludi t-tneħħija ta' mkejjen ta' konġestjoni identifikati. Dan il-pjan jista' jkun ibbażat fuq it-titjib fl-immaniġġar tal-veloċità u fuq iż-żieda fit-tul, fid-daqs tat-tagħbija, u fit-tagħbija mgħobbija jew fit-tagħbija tal-fus awtorizzati għall-ferroviji li jiċċirkolaw fuq il-kuritur tal-merkanzija; u

(d) fejn applikabbli, referenza għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni prevista taħt programmi finanzjarji tal-Unjoni.

2. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri rigward l-ippjanar u l-finanzjament ta' infrastruttura ferrovjarja.

*Artikolu 12*

**Koordinazzjoni tal-ħidma**

Il-bord ta' tmexxija għandu jikkoordina u jiżgura l-pubblikazzjoni f'post wieħed, b'mod u f'perijodu ta' żmien xierqa, tal-iskeda ta' żmien għat-twettiq tax-xogħol kollu fuq l-infrastruttura u t-tagħmir tagħha li jkun jillimita l-kapaċità disponibbli fil-kuritur tal-merkanzija.

KAPITOLU IV

**TMEXXIJA TAL-KURITUR TAL-MERKANZIJA**

*Artikolu 13*

**Punt ta' waqfa waħda applikabbli għall-kapaċità ta' infrastruttura**

1. Il-bord ta' tmexxija għal kuritur tal-merkanzija għandu jinnomina jew iwaqqaf korp konġunt biex l-applikanti jagħmlu talbiet u jirċievu tweġibiet, f'post wieħed u b'operazzjoni waħda, dwar kapaċità ta' infrastruttura għal ferroviji tal-merkanzija li jaqsmu mill-inqas fruntiera waħda tul il-kuritur tal-merkanzija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "punt ta' waqfa waħda").

2. Il-punt ta' waqfa waħda għandu, bħala għodda ta' koordinazzjoni, jipprovdi wkoll informazzjoni bażika rigward l-allokazzjoni tal-kapaċità ta' infrastruttura, inkluża l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 18. Huwa għandu juri l-kapaċità tal-infrastruttura disponibbli fil-ħin tat-talba u l-karatteristiċi tagħha skont parametri definiti minn qabel, bħall-veloċità, it-tul, id-daqs tat-tagħbija jew it-tagħbija tal-fus awtorizzata, għal ferroviji li jiċċirkolaw fuq il-kuritur tal-merkanzija.

3. Il-punt ta' waqfa waħda għandu jieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal mogħdijiet ferrovjarji maqbulin minn qabel speċifikati fl-Artikolu 14(3) u għall-kapaċità ta' riserva msemmija fl-Artikolu 14(5). Huwa għandu jalloka l-kapaċità b'konformità mar-regoli dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità kif stabbilit fid-Direttiva 2001/14/KE. Huwa għandu jinforma lill-ġesturi tal-infrastruttura kompetenti b'dawn l-applikazzjonijiet u d-deċiżjoni għandha tittieħed mingħajr dewmien.

4. Għal kwalunkwe talba ta' kapaċità tal-infrastruttura li ma tistax tiġi sodisfatta skont il-paragrafu 3, il-punt ta' waqfa waħda għandu jibgħat l-applikazzjoni għal kapaċità ta' infrastruttura mingħajr dewmien lill-ġesturi tal-infrastruttura kompetenti u, fejn hu rilevanti, lill-korpi ta' allokazzjoni kif imsemmijin fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2001/14/KE, li għandhom jieħdu deċiżjoni dwar dik l-applikazzjoni skont l-Artikolu 13 u l-Kapitolu III ta' dik id-Direttiva u jgħarrfu b'dan lill-punt ta' waqfa waħda sabiex dan jipproċessa ulterjorment.

5. L-attivitajiet tal-punt ta' waqfa waħda għandhom jitwettqu b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Għal dan l-iskop, għandu jinżamm reġistru li għandu jkun disponibbli b'mod ħieles għall-atturi kollha interessati. Fih għandhom jitniżżlu d-dati tat-talbiet, l-ismijiet tal-applikanti, id-dettalji tad-dokumenti ppreżentati u tal-inċidenti li seħħew. Dawn l-attivitajiet għandhom ikunu soġġetti għall-kontroll tal-korpi regolatorji f'konformità mal-Artikolu 20.

*Artikolu 14*

**Kapaċità allokata għall-ferroviji tal-merkanzija**

1. Il-bord eżekuttiv għandu jiddefinixxi l-qafas għall-allokazzjoni tal-kapaċità ta' infrastruttura fuq il-kuritur tal-merkanzija b'konformità mal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2001/14/KE.

2. Il-bord ta' tmexxija għandu jevalwa l-ħtieġa għal kapaċità li għandha tiġi allokata lill-ferroviji tal-merkanzija li jgħaddu mill-kuritur tal-merkanzija b'kont meħud tal-istudju tas-suq dwar it-trasport imsemmi fl-Artikolu 9(3) ta' dan ir-Regolament, it-talbiet għall-kapaċità ta' infrastruttura relatati mal-iskedi ta' xogħol tal-imgħoddi u ta' issa u l-ftehimiet qafas.

3. Abbażi tal-evalwazzjoni speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-ġesturi tal-infrastruttura tal-kuritur tal-merkanzija għandhom konġuntament jiddefinixxu u jorganizzaw mogħdijiet ferrovjarji internazzjonali maqbulin minn qabel għal ferroviji tal-merkanzija billi jsegwu l-proċedura msemmija fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2001/14/KE filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa għal kapaċità ta' tipi oħrajn ta' trasport, inkluż it-trasport ta' passaġġieri. Huma għandhom jiffaċilitaw il-ħinijiet tal-vjaġġi, il-frekwenzi, il-ħinijiet tat-tluq u d-destinazzjoni u rotot xierqa għas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-għan li jiżdied it-trasport ta' merkanzija bil-ferroviji tal-merkanzija li jużaw il-kuritur tal-merkanzija. Dawn il-mogħdijiet ferrovjarji maqbulin minn qabel għandhom jiġu ppubblikati mhux aktar minn tliet xhur qabel id-data finali għall-preżentazzjoni ta' talbiet għal kapaċità msemmija fl-Anness III għad-Direttiva 2001/14/KE. Il-ġesturi tal-infrastruttura ta' diversi kuritjuri tal-merkanzija jistgħu, jekk meħtieġ, jikkoordinaw mogħdijiet ferrovjarji internazzjonali maqbulin minn qabel li joffru kapaċità fuq il-kuritjuri tal-merkanzija kkonċernati.

([1]) ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1.

4. Dawn il-mogħdijiet ferrovjarji maqbulin minn qabel għandhom jiġu allokati l-ewwel lil ferroviji tal-merkanzija li jaqsmu mill-inqas fruntiera waħda.

5. Il-ġesturi tal-infrastruttura għandhom, jekk dan ikun iġġustifikat mill-ħtieġa tas-suq u l-evalwazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jiddefinixxu konġuntament il-kapaċità ta' riserva għal ferroviji internazzjonali tal-merkanzija li jgħaddu mill-kurituri tal-merkanzija filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa għal kapaċità ta' tipi oħrajn ta' trasport, inkluż it-trasport ta' passaġġieri u jżommu din ir-riserva disponibbli fl-iskedi ta' żmien finali tagħhom biex tippermetti risposta rapida u adegwata għal talbiet ad hoc għal kapaċità kif imsemmi fl-Artikolu 23 tad-Direttiva 2001/14/KE. Din il-kapaċità għandha tkun riservata sal-limitu ta' żmien qabel iż-żmien skedat tagħha kif deċiż mill-bord ta' tmexxija. Dan il-limitu ta' żmien m'għandux jisboq is-60 jum.

6. Il-bord ta' tmexxija għandu jippromwovi l-koordinazzjoni ta' regoli prijoritarji relatati mal-allokazzjoni ta' kapaċità fil-kuritur tal-merkanzija.

7. L-amministraturi tal-infrastruttura jistgħu jinkludu fil-kondizzjonijiet tagħhom tal-użu, ħlas għal mogħdijiet ferrovjarji li jkunu ġew allokati imma fl-aħħar mill-aħħar ma jintużawx. L-ammont ta' dan il-ħlas għandu jkun xieraq, dissważiv u effettiv.

8. Ħlief fil-każ ta' force majeure, inkluż xogħol urġenti u li ma jistax jitbassar u li jkun kritiku għas-sikurezza, mogħdija ferrovjarja allokata għal operazzjoni tal-merkanzija skont dan l-Artikolu ma tistax titħassar inqas minn xahrejn qabel il-żmien skedat tagħha fl-iskeda ta' żmien stabbilita jekk l-applikant ikkonċernat ma jagħtix l-approvazzjoni tiegħu għal tali tħassir. F'tali każ il-ġestur tal-infrastruttura kkonċernat għandu jagħmel sforz biex jipproponi lill-applikant mogħdija ferrovjarja ta' kwalità u affidibbiltà ekwivalenti li l-applikant għandu d-dritt li jaċċetta jew li jirrifjuta. Din id-disposizzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt li l-applikant jista' jkollu taħt ftehim bħal dak imsemmi fl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2001/14/KE. F'kull każ, l-applikant jista' jirreferi l-kwistjoni quddiem il-korp regolatorju msemmi fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament.

9. Il-bord ta' tmexxija tal-kuritur tal-merkanzija u l-grupp konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 8(7) għandhom jistabbilixxu proċeduri biex jiżguraw l-aħjar koordinazzjoni tal-allokazzjoni ta' kapaċità bejn il-ġesturi tal-infrastruttura, kemm għal talbiet kif imsemmi fl-Artikolu 13(1) kif ukoll għal talbiet ippreżentati lill-ġesturi tal-infrastruttura kkonċernati. Dan għandu jqis wkoll l-aċċess għat-terminali.

10. Fil-paragrafi 4 u 9 ta' dan l-Artikolu, ir-referenzi għall-ġesturi tal-infrastruttura għandhom jinkludu, fejn hu rilevanti, il-korpi ta' allokazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2001/14/KE.

*Artikolu 15*

**Applikanti awtorizzati**

Minkejja l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2001/14/KE, applikanti oħra minbarra l-impriżi ferrovjarji u l-gruppi internazzjonali li dawn jikkostitwixxu, bħal shippers, burdnara u operaturi kombinati tat-trasport, jistgħu jitolbu l-mogħdijiet ferrovjarji internazzjonali maqbulin minn qabel speċifikati fl-Artikolu 14(3) u l-kapaċità ta' riserva msemmija fl-Artikolu 14(5). Sabiex jużaw tali mogħdija ferrovjarja għat-trasport tal-merkanzija fuq il-kuritur tal-merkanzija dawn l-applikanti għandhom jaħtru impriża ferrovjarja sabiex tagħmel ftehim mal-ġestur tal-infrastruttura skont l-Artikolu 10(5) tad-Direttiva 91/440/KEE.

*Artikolu 16*

**Tmexxija tat-traffiku**

1. Il-bord ta' tmexxija tal-kuritur tal-merkanzija għandhom jistabbilixxu proċeduri għall-koordinazzjoni tat-tmexxija tat-traffiku tul il-kuritur tal-merkanzija. Il-bordijiet ta' tmexxija ta' kurituri tal-merkanzija konnessi għandhom jimplimentaw proċeduri biex jikkoordinaw it-traffiku tul kurituri tal-merkanzija ta' dan it-tip.

2. Il-ġesturi tal-infrastruttura tal-kuritur tal-merkanzija u l-grupp konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 8(7) għandhom jistabbilixxu proċeduri biex jiżguraw l-aħjar koordinazzjoni possibbli bejn l-operat tal-infrastruttura ferrovjarja u t-terminali.

*Artikolu 17*

**Tmexxija tat-traffiku fil-każ ta' tfixkil**

1. Il-bord ta' tmexxija għandu jadotta miri komuni għal-puntwalità u/jew linji gwida għat-tmexxija tat-traffiku fil-każ ta' tfixkil tal-movimenti ta' ferrovija fil-kuritur tal-merkanzija.

2. Kull ġestur tal-infrastruttura kkonċernat għandu jfassal regoli prijoritarji għat-tmexxija bejn it-tipi differenti ta' traffiku fil-parti tal-kuritur tal-merkanzija li huma r-responsabbiltà ta' dak il-ġestur tal-infrastruttura skont il-miri komuni u/jew il-linji gwida msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk ir-regoli prijoritarji għandhom jiġu ppubblikati fid-dikjarazzjoni tan-netwerk imsemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/14/KE.

3. Il-prinċipji għall-istabbiliment tar-regoli prijoritarji għandhom mill-inqas jipprevedu li l-mogħdija ferrovjarja m-semmija fl-Artikolu 14(3) u (5) allokata għall-ferroviji tal-merkanzija li jikkonformaw mal-ħin skedat tagħhom fl-iskeda ta' żmien stabbilita m'għandhomx jiġu modifikati, safejn ikun possibbli. Il-prinċipji għall-istabbiliment tar-regoli prijoritarji għandhom jimmiraw li jimminimizzaw il-ħin ta' rkupru ġenerali tan-netwerk fir-rigward tal-ħtieġijiet tat-tipi kollha ta' trasport. Għal dan il-għan, il-ġesturi tal-infrastruttura jistgħu jikkoordinaw it-tmexxija bejn it-tipi differenti ta' traffiku tul diversi kurituri tal-merkanzija.

*Artikolu 18*

**Informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet tal-użu tal-kuritur tal-merkanzija**

Il-bord ta' tmexxija għandu jfassal, jaġġorna regolarment u jippubblika dokument li jkun fih:

(a) l-informazzjoni kollha li tinsab fid-dikjarazzjoni tan-netwerk għal netwerks nazzjonali rigward il-kuritur tal-merkanzija, imfassla skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/14/KE;

(b) il-lista u l-karatteristiċi tat-terminali, b'mod partikolari informazzjoni rigward il-kondizzjonijiet u l-metodi ta' aċċess għat-terminali;

(c) l-informazzjoni rigward il-proċeduri msemmijin fl-Artikoli 13 sa 17 ta' dan ir-Regolament; u

(d) il-pjan ta' implimentazzjoni.

*Artikolu 19*

**Kwalità tas-servizz fuq il-kuritur tal-merkanzija**

1. Il-bord ta' tmexxija tal-kuritur tal-merkanzija għandu jippromwovi l-kompatbilità bejn l-iskemi ta' prestazzjoni tul il-kuritur tal-merkanzija, kif imsemmi fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/14/KE.

2. Il-bord ta' tmexxija għandu jissorvelja l-prestazzjoni ta' servizzi ferrovjarji tal-merkanzija fuq il-kuritur tal-merkanzija u jippubblika r-riżultati ta' din is-sorveljanza darba fis-sena.

3. Il-bord ta' tmexxija għandu jorganizza stħarriġ ta' sodisfazzjon tal-utenti tal-kuritur tal-merkanzija u għandu jippubblika r-riżultati tal-istħarriġ tiegħu darba fis-sena.

*Artikolu 20*

**Korpi regolatorji**

1. Il-korpi regolatorji msemmijin fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2001/14/KE għandhom jikkooperaw fl-issorveljar tal-kompetizzjoni fil-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija. B'mod partikolari, huma għandhom jiżguraw aċċess mhux diskriminatorju għall-kuritur u għandhom ikunu l-korpi ta' appell previsti fl-Artikolu 30(2) ta' dik id-Direttiva. Huma għandhom jiskambjaw l-informazzjoni meħtieġa miksuba mill-ġesturi tal-infrastruttura u partijiet rilevanti oħrajn.

2. Sabiex titrawwem kompetizzjoni ħielsa u ġusta fuq il-kurituri tal-merkanzija, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jistabbilixxu livell komparabbli ta' kontroll. Il-korpi regolatorji għandhom ikunu aċċessibbli faċilment għall-atturi fis-suq u għandhom ikunu f'pożizzjoni li jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom b'mod indipendenti u effiċjenti.

3. Fil-każ li jkun hemm ilment lil korp regolatorju minn applikant rigward servizzi ferrovjarji internazzjonali tal-merkanzija, jew fil-qafas ta' investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess, dan il-korp regolatorju għandu jikkonsulta lill-korpi regolatorji tal-Istati Membri l-oħra kollha li minnhom tgħaddi l-mogħdija ferrovjarja internazzjonali tal-ferroviji tal-merkanzija u jitlobhom l-informazzjoni kollha meħtieġa qabel ma jieħu d-deċiżjoni tiegħu.

4. Il-korpi regolatorji kkonsultati taħt il-paragrafu 3 għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha li huma stess għandhom id-dritt jitolbu taħt il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom lill-korp regolatorju kkonċernat. Din l-informazzjoni tista' tintuża biss biex jiġu trattati l-ilment jew l-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.

5. Il-korp regolatorju li jkun irċieva l-ilment jew li jkun beda l-investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess għandu jittrasferixxi l-informazzjoni rilevanti lill-korp regolatorju responsabbli sabiex dak il-korp jieħu miżuri rigward il-partijiet ikkonċernati.

6. Kwalunkwe rappreżentant assoċjat ta' ġesturi tal-infrastruttura kif imsemmi fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2001/14/KE għandu jiżgura l-għoti, mingħajr dewmien, tal-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġu trattati l-ilment jew l-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u mitluba mill-korp regolatorju tal-Istat Membru li fih ikun jinsab ir-rappreżentant assoċjat. Dan il-korp regolatorju għandu jkun intitolat li jittrasferixxi tali informazzjoni rigward il-mogħdija ferrovjarja internazzjonali kkonċernata lill-korpi regolatorji msemmijin fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

KAPITOLU V

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 21*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 11a tad-Direttiva 91/440/KEE.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

*Artikolu 22*

**Sorveljanza tal-implimentazzjoni**

Kull sentejn mill-mument tal-istabbiliment ta' kuritur tal-merkanzija, il-bord eżekuttiv imsemmi fl-Artikolu 8(1) għandu jippreżenta lill-Kummissjoni r-riżultati tal-pjan ta' implimentazzjoni għal dak il-kuritur. Il-Kummissjoni għandha tanalizza dawk ir-riżultati u tinnotifika lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21 bl-analiżi tagħha.

*Artikolu 23*

**Rapport**

Il-Kummissjoni għandha teżamina perjodikament l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Hija għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, għall-ewwel darba sal-10 ta' Novembru 2015, u kull tliet snin wara dan.

*Artikolu 24*

**Miżuri tranżizzjonali**

Dan ir-Regolament m'għandux japplika għar-Repubblika ta' Ċipru u għal Malta sakemm ma tiġi stabbilita l-ebda sistema ferrovjarja fit-territorju tagħhom.

*Artikolu 25*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-22 ta' Settembru 2010.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | O. CHASTEL |

*ANNESS*

**Lista ta' kurituri inizjali tal-merkanzija**

| | Stati Membri | Rotot prinċipali (¹) | Stabbiliment ta' kurituri tal-merkanzija: |
|---|---|---|---|
| 1. | NL, BE, DE, IT | Zeebrugge-Anversa/Rotterdam-Duisburg-[Basel]-Milan-Genova | Sal-10 ta' Novembru 2013 |
| 2. | NL, BE, LU, FR | Rotterdam-Anversa-Lussemburgu-Metz-Dijon-Lyon/[Basel] | Sal-10 ta' Novembru 2013 |
| 3. | SE, DK, DE, AT, IT | Stokkolma-Malmö-Kopenħagen-Ħamburg-Innsbruck-Verona-Palermo | Sal-10 ta' Novembru 2015 |
| 4. | PT, ES, FR | Sines-Lisbona/Leixões<br>— Madrid-Medina del Campo/Bilbao/San Sebastian-Irun-Bordeaux-Paris/Le Havre/Metz<br>Sines-Elvas/Algeciras | Sal-10 ta' Novembru 2013 |
| 5. | PL, CZ, SK, AT, IT, SI | Gdynia-Katowice-Ostrava/Žilina-Bratislava/Vjenna/Klagenfurt-Udine-Venezja/Trieste/Bologna/Ravenna/<br>Graz-Maribor-Ljubljana-Koper/Trieste | Sal-10 ta' Novembru 2015 |
| 6. | ES, FR, IT, SI, HU | Almería-Valencia/Madrid-Zaragoza/Barcelona-Marseille-Lyon-Turin-Milan-Verona-Padua/Venezja-Trieste/Koper-Ljubljana-Budapest-Zahony (fruntiera bejn l-Ungerija u l-Ukrajna) | Sal-10 ta' Novembru 2013 |
| 7. | CZ, AT, SK, HU, RO, BG, EL | — Bucharest-Constanta<br>Praga-Vjenna/Bratislava-Budapest<br>— Vidin-Sofia-Thessaloniki-Ateni | Sal-10 ta' Novembru 2013 |
| 8. | DE, NL, BE, PL, LT | Bremerhaven/Rotterdam/Anversa-Aachen/Berlin-Varsavja-Terespol (fruntiera bejn il-Polonja u l-Belarus)/Kaunas | Sal-10 ta' Novembru 2015 |
| 9. | CZ, SK | Praga-Horní Lideč-Žilina-Košice-Čierna nad Tisou (fruntiera bejn is-Slovakkja u l-Ukrajna) | Sal-10 ta' Novembru 2013 |

(¹) "/" tfisser rotot alternattivi. Bi qbil mal-proġetti prijoritarji tat-TEN-T, l-itinerarji 4 u 6 għandhom, fil-ġejjieni, jiġu kkompletati mill-Proġett 16 fuq l-assi ferrovjarja tal-merkanzija Sines/Algeciras-Madrid-Paris, li jinkludi l-passaġġ ċentrali tal-Pirenej minn ġo mina ta' altitudini baxxa.

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2010/63/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-22 ta' Settembru 2010**

**dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) Fl-24 ta' Novembru 1986 il-Kunsill adotta d-Direttiva 86/609/KEE [3] sabiex jelimina n-nuqqas ta' qbil bejn il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-annimali użati għal skopijiet sperimentali u skopijiet xjentifiċi oħra. Sa minn l-adozzjoni ta' dik id-Direttiva, ħarġu aktar differenzi bejn l-Istati Membri. Ċerti Stati Membri adottaw miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi filwaqt li Stati Membri oħrajn japplikaw biss ir-rekwiżiti minimi stabbiliti fid-Direttiva 86/609/KEE. Dawn id-differenzi jistgħu jikkostitwixxi ostakoli għall-kummerċ fi prodotti u sustanzi li l-iżvilupp tagħhom jinvolvi esperimentazzjoni fuq l-annimali. Għaldaqstant, din id-Direttiva għandha tipprovdi għal regoli aktar dettaljati sabiex dawn id-differenzi jitnaqqsu permezz ta' approssimazzjoni tar-regoli applikabbli f'dak il-qasam u sabiex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

(2) It-trattament xieraq tal-annimali huwa valur tal-Unjoni li huwa inkorporat fl-Artikolu 13 għat-Trattat.

(3) Fit-23 ta' Marzu 1998 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 1999/575/KE dwar il-konklużjoni mill-Komunità tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni ta' annimali vertebrati użati għal skopijiet sperimentali u oħrajn xjentifiċi [4]. Meta saret parti għal dik il-Konvenzjoni, il-Komunità rrikonoxxiet l-importanza tal-protezzjoni u t-trattament xieraq tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi fuq livell internazzjonali.

(4) Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2002 dwar id-Direttiva 86/609/KEE talab lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għar-reviżjoni ta' dik id-Direttiva, b'miżuri aktar stretti u trasparenti fil-qasam tal-esperimentazzjoni fuq l-annimali.

(5) Fil-15 ta' Ġunju 2006, ir-Raba' Konsultazzjoni Multilaterali tal-Partijiet tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tal-annimali vertebrati li jintużaw għal għanijiet sperimentali u għal għanijiet xjentifiċi oħra adottat l-Appendiċi A rivedut għal dik il-Konvenzjoni, li jistipula l-linji gwida għaż-żamma u l-kura tal-annimali li jintużaw f'esperimenti. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/526/KE tat-18 ta' Ġunju 2007 dwar linji gwida għaż-żamma u l-kura ta' annimali użati għal għanijiet sperimentali u għal għanijiet xjentifiċi oħra [5] kienet tinkorpora dawk il-linji gwida.

(6) Huwa disponibbli għarfien xjentifiku ġdid fir-rigward tal-fatturi li jinfluwenzaw it-trattament xieraq tal-annimali kif ukoll il-kapaċità tal-annimali li jħossu u jesprimu l-uġigħ, it-tbatija, l-iskonfort u l-ħsara dejjiema. Għaldaqstant, huwa meħtieġ titjib fit-trattament xieraq tal-annimali li jintużaw fi proċessi xjentifiċi billi jittejbu l-istandards minimi għall-protezzjoni tagħhom skont l-aħħar żviluppi xjentifiċi.

(7) L-attitudnijiet lejn l-annimali jiddependu wkoll fuq il-perċezzjonijiet nazzjonali u f'ċerti Stati Membri hemm domanda li jinżammu regoli aktar estensivi dwar it-trattament xieraq tal-annimali minn dawk miftiehma fil-livell tal-Unjoni. Fl-interessi tal-annimali, u bil-kondizzjoni li ma jkunx affettwat il-funzjonament tas-suq intern, huwa adatt li l-Istati Membri tingħatalhom ċerta flessibbiltà biex iżommu regoli nazzjonali mmirati lejn protezzjoni aktar estensiva tal-annimali sakemm huma jkunu kompatibbli mat-Trattat.

(1) ĠU C 277, 17.11.2009, p. 51.
(2) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2009 (ĠU C 212E, 5.8.2010, p. 170) u Pożizzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2010 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2010 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)
(3) ĠU L 358, 18.12.1986, p. 1.
(4) ĠU L 222, 24.8.1999, p. 29.
(5) ĠU L 197, 30.7.2007, p. 1.

(8) Minbarra l-annimali vertebrati, inklużi ċ-ċiklostomi, iċ-ċefalopodi għandhom ikunu wkoll inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, minħabba li hemm evidenza xjentifika tal-abbiltà tagħhom li jesperjenzaw l-uġigħ, it-tbatija, l-iskonfort u l-ħsara dejjiema.

(9) Din id-Direttiva għandha tkopri wkoll il-forom fetali tal-mammiferi vertebrati, peress li teżisti evidenza xjentifika li turi li meta dawn il-forom jilħqu l-aħħar terz tal-perijodu tal-iżvilupp tagħhom ikunu f'riskju akbar li jesperjenzaw l-uġigħ, it-tbatija u l-iskonfort, u dan jista' jaffettwa b'mod negattiv lill-iżvilupp sussegwenti tagħhom. L-evidenza xjentifika turi wkoll li l-proċessi imwettqa fuq forom embrijoniċi u fetali fi stadju aktar bikri tal-iżvilupp tagħhom jistgħu jwasslu għal uġigħ, tbatija, skonfort u ħsara dejjiema, f'każ li dawn il-forom li jkunu għadhom qed jiżviluppaw jitħallew jgħixu għal aktar mit-tieni terz tal-iżvilupp tagħhom.

(10) Filwaqt li jkun tajjeb jekk l-użu ta' annimali ħajjin fi proċessi jiġi ssostitwit b'metodi oħrajn li fihom ma jintużawx annimali ħajjin, l-użu ta' annimali ħajjin għadu meħtieġ għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent. Madankollu, din id-Direttiva tirrappreżenta pass importanti lejn il-kisba tal-għan finali li jiġu sostitwiti kompletament il-proċessi fuq annimali ħajjin għal raġunijiet xjentifiċi u edukattivi hekk kif ikun xjentifikament possibbli li dan isir. Għal dak il-għan, hija tipprova tiffaċilita u tippromwovi l-avvaz ta' approċċi alternattivi. Hija tipprova wkoll tiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-annimali li għad hemm ħtieġa li jintużaw fi proċessi. Din id-Direttiva għandha tiġi riveduta regolarment fid-dawl tal-evoluzzjoni xjentifika u l-miżuri dwar il-protezzjoni tal-annimali.

(11) Il-kura u l-użu tal-annimali ħajjin għal għanijiet xjentifiċi huma rregolati minn prinċipji stabbiliti internazzjonalment tas-sostituzzjoni, it-tnaqqis u r-raffinament. Sabiex jiġi żgurat li l-mod li bih l-annimali jiġu mrobbija, ikkurati u użati fi proċessi fi ħdan l-Unjoni jkun konsistenti ma' dak ta' standards nazzjonali u internazzjonali oħrajn applikabbli barra mill-Unjoni, il-prinċipji tas-sostituzzjoni, it-tnaqqis u r-raffinament għandhom jitqiesu sistematikament fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Fl-għażla tal-metodi, il-prinċipji tas-sostituzzjoni, it-tnaqqis u r-raffinament għandhom ikunu implimentati permezz ta' ġerarkija stretta tar-rekwiżit li jintużaw metodi alternattivi. Meta ma jkunx hemm metodu alternattiv rikonoxxut mil-leġislazzjoni tal-Unjoni, l-għadd tal-annimali li jintużaw jista' jitnaqqas permezz ta' metodi oħrajn u permezz tal-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' ttestjar, bħall-użu ta' metodi *in vitro* u metodi oħrajn li jnaqqsu u jirraffinaw l-użu tal-annimali.

(12) L-annimali għandhom valur intrinsiku li jrid jiġi rrispettat. Barra minn hekk, il-pubbliku ġenerali juri tħassib ta' natura etika fir-rigward tal-użu tal-annimali fi proċessi. Għaldaqstant, l-annimali dejjem għandhom jiġu ttrattati bħala kreaturi senzjenti u l-użu tagħhom fi proċessi għandu jkun ristrett għal oqsma li jistgħu fl-aħħar mill-aħħar ikunu ta' benefiċċju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali, jew għall-ambjent. L-użu ta' annimali għal skopijiet xjentifiċi jew edukattivi għandu għalhekk ikun ikkunsidrat biss fejn ma jkun hemm l-ebda alternattiva li ma tinvolvix l-użu ta' annimali. L-użu tal-annimali fi proċessi xjentifiċi f'oqsma oħra li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni għandu jiġi pprojbit.

(13) L-għażla tal-metodi u l-ispeċijiet li għandhom jintuzaw tħalli impatt dirett kemm fuq l-għadd tal-annimali li jintużaw kif ukoll fuq it-trattament xieraq tagħhom. Għalhekk, il-proċedura tal-għażla tal-metodi għandha tiżgura l-għażla ta' dak il-metodu li jagħti r- riżultati l-aktar soddisfaċenti u li x'aktarx jikkawża l-inqas uġigħ, tbatija jew skonfort. Il-metodi magħżula għandhom jużaw l-anqas għadd ta' annimali meħtieġ għal riżultati li wieħed jista' joqgħod fuqhom u jeħtieġu l-użu ta' speċijiet bl-inqas kapaċità li jesperjenzaw uġigħ, tbatija, skonfort jew ħsara dejjiema li jkunu l-aktar adatti għall-estrapolazzjoni fi speċijiet fil-mira.

(14) Kemm jista' jkun, il-metodi magħżula għandhom jevitaw il-mewt bħala tmiem minħabba t-tbatija kbira esperjenzata waqt il-perjodu qabel il-mewt. Meta jkun possibbli, dan it-tmiem għandu jkun sostitwit bi tmiem inqas krudili permezz tal-użu ta' sinjali kliniċi li jiddeterminaw l-imminenza tal-mewt u b'hekk l-annimal ikun jista' jinqatel mingħajr ma jbati aktar.

(15) L-użu ta' metodi mhux adatti għall-qtil ta' annimal jista' jikkawża uġigħ, skonfort u tbatija sinifikanti lill-annimal. Il-livell ta' kompetenza tal-persuna li qed iwettaq din l-operazzjoni huwa ugwalment importanti. Għalhekk, l-annimali għandhom jinqatlu biss minn persuni kompetenti u bl-użu ta' metodu li huwa adatt għal dawk l-ispeċijiet.

(16) Huwa meħtieġ li jkun żgurat li l-użu tal-annimali fi proċessi ma jkunx ta' theddida għall-bijodiversità. Għalhekk, l-użu ta' speċijiet f'periklu fi proċessi għandu jkun limitat għal minimu strett.

(17) Meta wieħed jikkunsidra l-istat attwali ta' għarfien xjentifiku, l-użu ta' primati mhux umani fi proċessi xjentifiċi għadu meħtieġ għar-riċerka bijomedika. Minħabba l-prossimità ġenetika tagħhom għall-bnedmin u minħabba l-kapaċitajiet soċjali żviluppati ħafna li għandhom, l-użu ta' primati mhux umani fi proċessi xjentifiċi joħloq problemi speċifiċi prattiċi u ta' natura etika rigward ir-rispett għall-ħtiġijiet tagħhom ta' mġiba, ambjentali u soċjali meta jkunu f'ambjent ta' laboratorju. Barra minn hekk, l-użu ta' primati mhux umani hija kwistjoni tal-akbar tħassib għall-pubbliku. Għalhekk l-użu ta' primati mhux umani għandu jkun permess biss f'dawk l-oqsma

bijomediċi essenzjali għall-benefiċċju tal-bnedmin, li għalihom għad ma hemm disponibbli l-ebda metodu alternattiv ta' sostituzzjoni. L-użu tagħhom għandu jiġi permess biss għar-riċerka bażika, il-preservazzjoni tal-ispeċijiet ta' primati mhux umani rispettivi jew meta x-xogħol, inkluż il-ksenotrapjant, jitwettaq fir-rigward ta' kondizzjonijiet li potenzjalment ipoġġu ħajjet il-bniedem fil-periklu jew fir-rigward ta' każijiet li għandhom impatt sostanzjali fuq il-funzjonament ta' kuljum tal-persuna, jiġifieri kondizzjonijiet debilitanti.

(18) L-użu tax-xadini kbar, peress li huma l-eqreb speċi għall-bniedem u li għandhom l-aktar kapaċitajiet soċjali u ta' mġiba avvanzati, għandu jiġi permess biss għall-finijiet ta' riċerka intenzjonata għall-preservazzjoni ta' dawk l-ispeċijiet u meta tkun meħtieġa azzjoni relatata ma' kondizzjoni li tista' ddgħajjef jew tpoġġi l-ħajja tal-bniedem fil-periklu tal-mewt, u meta ma tkun tista' tintuża ebda speċi oħra jew ma jkun jista' jintuża ebda metodu alternattiv biex jintlaħqu l-għanijiet tal-proċess. L-Istat Membru li jindika li jeħtieġ dan għandu jipprovdi l-informazzjoni neċessarja biex il-Kummissjoni tkun tista' tieħu deċiżjoni.

(19) Il-qbid ta' primati mhux umani mill-ambjent naturali joħloq tensjoni kbira lill-annimali kkonċernati u jinvolvi riskju akbar li dawn l-annimali jindarbu jew isofru l-uġigħ waqt il-qbid jew it-trasport tagħhom. Sabiex jintemm il-qbid ta' annimali mill-ambjent naturali għal skopijiet ta' tnissil, għandhom jintużaw fil-proċessi dawk l-annimali biss li huma mnissla minn annimali li trabbew fil-magħluq, jew li ġejjin minn kolonji awtosuffiċjenti, wara perijodu transitorju adatt. Għal dak il-għan, għandu jitwettaq studju ta' fattibbiltà u jiġi adottat il-perijodu transitorji jekk meħtieġ. Għandu jkun eżaminat l-għan aħħari dwar il-fattibbiltà li jinġiebu biss primati mhux umani minn kolonji awtosuffiċjenti biss.

(20) Ċerti speċijiet ta' annimali vertebrati li jintużaw fi proċessi jeħtieġ li jiġu mnissla speċifikament għal dak il-għan, sabiex il-persuni li jwettqu l-proċessi jkunu jafu sew dwar l-isfond ġenetiku, bijoloġiku u ta' mġiba tagħhom. Dan l-għarfien iżid il-kwalità xjentifika u l-kredibbiltà tar-riżultati kif ukoll inaqqas il-varjabbiltà, u dan iwassal għal tnaqqis fl-għadd ta' proċessi u ta' annimali użati. Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' trattament xieraq u konservazzjoni tal-annimali, l-użu ta' annimali li jinqabdu mill-ambjent naturali fil-proċessi għandu jiġi limitat għal każijiet fejn l-għan tal-proċessi ma jistax jinkiseb bl-użu ta' annimali mnissla speċifikament għall-użu fi proċessi.

(21) Peress li l-ambjent minn fejn ġejjin annimali ta' speċijiet domestiċi li jgħixu fit-triq u slavaġ ma jkunx magħruf, u l-qbid u t-tqegħid tagħhom fi stabbilimenti jżidilhom l-iskonfort, bħala regola ġenerali, dawn m'għandhomx jintużaw fi proċessi.

(22) Biex tiżdied it-trasparenza, titħaffef l-awtorizzazzjoni tal-proġetti u jinħolqu għodod għall-monitoraġġ tal-konformità, għandha tiġi stabbilita klassifikazzjoni tal-proċessi bbażata fuq stima tal-livell ta' uġigħ, tbatija, skonfort u ħsara dejjiema kkawżata lill-annimali.

(23) Mil-lat ta' etika, għandu jiġi stabbilit limitu massimu li m'għandux jinqabeż għal dawk li huma wġigħ, tbatija u skonfort l-annimali jiġu soġġetti għalihom waqt il-proċessi xjentifiċi. Għal dak il-għan, it-twettiq ta' proċessi li jwasslu għal ħafna wġigħ, tbatija jew skonfort u li x'aktarx huwa probabbli li jkollhom effett li jdum u li ma jistax jittaffa, għandhom jiġu pprojbiti.

(24) Fl-iżvilupp ta' format komuni għal skopijiet ta' rappurtar, għandha titqies is-severità tal-uġigħ, it-tbatija, l-iskonfort u l-ħsara dejjiema li jħossu l-annimali realment, u mhux is-severità mbassra waqt it-twettiq tal-evalwazzjoni tal-proġett.

(25) L-għadd ta' annimali li jintużaw fi proċessi jista' jitnaqqas billi l-istess annimal jintuża aktar minn darba, sakemm dan ma jmurx kontra l-għan xjentifiku jew jirriżulta fi trattament ħażin tal-annimali. Madankollu, il-benefiċċju tal-użu ripetut tal-annimali għandu jiġi bilanċat kontra kwalunkwe effett negattiv għat-trattament xieraq tagħhom, b'konsiderazzjoni tal-esperjenza tul il-ħajja tal-annimal individwali. Bħala riżultat ta' dan il-konflitt potenzjali, l-użu ripetut ta' annimali għandu jiġi kkunsidrat skont il-każ.

(26) Fi tmiem il-proċess, għandha tittieħed l-aktar deċiżjoni adatta dwar il-futur tal-annimal, abbażi tat-trattament xieraq tal-annimal u tar-riskji potenzjali għall-ambjent. Għandhom jinqatlu dawk l-annimali li t-trattament xieraq tagħhom ikun fil-periklu. F'ċerti każijiet, minħabba li jeżisti livell għoli ta' tħassib fost il-pubbliku dwar id-destin ta' dawk l-annimali, l-annimali għandhom jiġu rritornati f'abitat jew f'sistema ta' trobbija adatti, jew inkella f'każ ta' annimali bħall-klieb u l-qtates, dawn għandha tinstabilhom sistemazzjoni ġdida ma' familja. Jekk l-Istati Membri jippermettu t-tqegħid lura fi djar, huwa essenzjali li min irabbi, il-fornitur jew l-utent ikollu skema stabbilita biex tingħata s-soċjalizzazzjoni adatta għal dawk l-annimali sabiex ikun żgurat li t-tqegħid lura tagħhom fi djar ikun b'suċċess u sabiex ikun evitat ukoll skonfort bla bżonn lill-annimali u biex tkun garantita s-sikurezza pubblika.

(27) It-tessuti u l-organi tal-annimali jintużaw għall-iżvilupp ta' metodi *in vitro*. Sabiex ikun promoss il-prinċipju ta' tnaqqis, l-Istati Membri għandhom, fejn adatt, jiffaċilitaw l-istabbiliment ta' programmi għall-kondiviżjoni tal-organi u t-tessuti ta' annimali li jkunu nqatlu.

(28) It-trattament xieraq tal-annimali li jintużaw fi proċessi jiddependi ħafna fuq il-kwalità u l-kompetenza professjonali tal-persunal li jissorvelja l-proċessi, kif ukoll ta' dawk li jwettqu l-proċessi jew li jissorveljaw lil dawk li jieħdu ħsieb l-annimali kuljum. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz ta' awtorizzazzjoni jew b'mezzi oħra, li l-persunal ikollu livell adegwat ta' edukazzjoni, taħriġ u kompetenza. Barra minn hekk, huwa importanti li l-persunal ikun issorveljat sakemm ikun kiseb u wera l-kompetenza rikjesta. Linji gwida mhux vinkolanti fil-livell tal-Unjoni dwar il-ħtiġijiet edukattivi, fuq perijodu fit-tul, jippromwovu l-moviment liberu tal-persunal.

(29) L-istabbilimenti ta' min irabbi, il-fornituri u l-utenti għandu jkollhom installazzjonijiet u tagħmir adegwati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti taż-żamma tal-ispeċijiet tal-annimali kkonċernati u biex jippermettu li l-proċessi jitwettqu b'mod effiċjenti u jikkawżaw l-inqas skonfort possibbli lill-annimali. Min irabbi, il-fornituri u l-utenti għandhom joperaw biss jekk huma jkunu awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti.

(30) Sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ kontinwu tal-ħtiġijiet tat-trattament xieraq tal-annimali, għandu jkun hemm kura veterinarja adatta disponibbli l-ħin kollu, u wieħed mill-membri tal-persunal għandu jingħata r-responsabbiltà għall-kura u t-trattament xieraq tal-annimali f'kull stabbiliment.

(31) It-trattament xieraq tal-annimali għandu jingħata l-ogħla prijorità fil-kuntest taż-żamma, it-tnissil u l-użu tal-annimali. Min irabbi, il-fornituri u l-utenti għandhom għalhekk ikollhom stabbilit korp għat-trattament xieraq tal-annimali bil-kompitu ewlieni li jiffoka fuq l-għoti ta' pariri dwar kwistjonijiet ta' trattament xieraq tal-annimali. Il-korp għandu ukoll isegwi l-iżvilupp u l-eżitu ta' proġetti fil-livell ta' stabbiliment, irawwem ambjent ta' kura u jipprovdi l-għodod għall-applikazzjoni prattika u l-implimentazzjoni f'waqtha tal-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi reċenti fir-rigward tal-prinċipji tas-sostituzzjoni, it-tnaqqis u r-raffinament sabiex jittejbu l-esperjenzi tal-annimali matul ħajtu kollha. Il-pariri mogħtija mill-korp għat-trattament xieraq tal-annimali għandhom ikunu ddokumentati tajjeb u miftuħa għal skrutinju waqt l-ispezzjonijiet.

(32) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jimmonitorjaw il-konformità ma' din id-Direttiva, kull min irabbi, fornitur u utent għandu jżomm reġistri preċiżi tal-għadd ta' annimali, l-oriġini u d-destin tagħhom.

(33) Il-primati mhux umani, il-klieb u l-qtates għandu jkollhom fajl personali bl-istorja tagħhom mit-twelid u li jkopri ħajjithom kollha sabiex ikunu jistgħu jirċievu l-kura, iż-żamma u t-trattament li jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-karatteristiċi individwali tagħhom.

(34) Iż-żamma u l-kura tal-annimali għandhom ikunu bbażati fuq il-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull speċi.

(35) Ir-rekwiżiti għaż-żamma u l-kura tal-annimali jvarjaw bejn Stat Membru u ieħor, u dan iżid id-distorsjoni tas-suq intern. Barra minn hekk, xi wħud minn dawn ir-rekwiżiti ma għadhomx jirriflettu l-aktar għarfien reċenti dwar l-impatti tal-kondizzjonijiet taż-żamma u l-kura kemm fuq it-trattament xieraq tal-annimali kif ukoll fuq ir-riżultati xjentifiċi tal-proċessi. Għalhekk jeħtieġ li f'din id-Direttiva jiġu stabbiliti rekwiżiti armonizzati għaż-żamma u l-kura. Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu aġġornati abbażi ta' żvilupp xjentifiku u tekniku.

(36) Sabiex jimmonitorjaw il-konformità ma' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom iwettqu spezzjonijiet regolari ta' min irabbi, il-fornituri u l-utenti fuq bażi ta' riskju. Sabiex tkun żgurata l-fiduċja tal-pubbliku u tiġi promossa t-trasparenza, proporzjon adatt tal-ispezzjonijiet għandu jitwettaq mingħajr avviż minn qabel.

(37) Sabiex tassisti lill-Istati Membri fl-infurzar ta' din id-Direttiva, u abbażi tas-sejbiet fir-rapporti dwar l-operazzjoni tal-ispezzjonijiet nazzjonali, il-Kummissjoni għandha, meta jkun hemm raġuni għal tħassib, twettaq kontrolli tas-sistemi nazzjonali ta' spezzjoni. L-Istati Membri għandhom jindirizzaw kwalunkwe nuqqasijiet li jiġu identifikati fis-sejbiet ta' dawn il-kontrolli.

(38) L-evalwazzjoni komprensiva tal-proġett, b'kont meħud tal-konsiderazzjonijiet ta' natura etika fl-użu tal-annimali, tifforma l-qofol tal-awtorizzazzjoni tal-proġett u għandha tiżgura l-implimentazzjoni tal-prinċipji tas-sostituzzjoni, it-tnaqqis u r-raffinament ta' dawk il-proġetti.

(39) Huwa wkoll essenzjali, kemm fuq bażi etika kif ukoll xjentifika, li jiġi żgurat li kull użu li jsir minn annimal jiġi evalwat għall-validità xjentifika jew edukattiva, l-utilità u r-rilevanza tar-riżultat mistenni ta' dak l-użu. Il-ħsara li x'aktarx ibatu l-annimali għandha tiġi bbilanċjata mal-benefiċċji mistennija tal-proġett. Għalhekk, għandha ssir evalwazzjoni imparzjali tal-proġett ta' dawk involuti fl-istudju bħala parti mill-proċess tal-awtorizzazzjoni tal-proġetti li jinvolvu l-użu ta' annimali ħajjin. L-implimentazzjoni effettiva ta' evalwazzjoni tal-proġett għandha tippermetti wkoll li ssir valutazzjoni adatta tal-użu ta' kwalunkwe teknika xjentifika sperimentali ġdida hekk kif titfaċċa.

(40) Minħabba n-natura tal-proġett, it-tip ta' speċijiet li jintużaw u l-probabbiltà li jinkisbu l-għanijiet mixtieqa tal-proġett, jista' jkun meħtieġ li titwettaq valutazzjoni retrospettiva. Peress li l-proġetti jistgħu jvarjaw ħafna mil-lat tal-kumplessità, it-tul u l-perijodu ta' żmien sakemm jinkisbu r-riżultati, jeħtieġ li fit-teħid tad-deċiżjoni dwar il-valutazzjoni retrospettiva, dawk l-aspetti jitqiesu sew.

(41) Biex ikun żgurat li l-pubbliku jiġi infurmat, huwa importanti li informazzjoni oġġettiva rigward il-proġetti li fihom jintużaw annimali ħajjin tkun disponibbli għall-pubbliku. Dan m'għandux jikser id-drittijiet proprjetarji jew jikxef informazzjoni kunfidenzjali. Għalhekk, l-utenti għandhom jipprovdu sommarji mhux tekniċi anonimi ta' dawk il-proġetti, li l-Istati Membri għandhom jippubblikaw. Id-dettalji ppublikati m'għandhomx jiksru l-anonimità tal-utenti.

(42) Sabiex tamministra r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u għall-ambjent, il-leġislazzjoni tal-Unjoni tipprevedi li s-sustanzi u l-prodotti jistgħu jiġu kkummerċjalizzati biss wara li tkun ġiet ippreżentata data xierqa dwar is-sikurezza u l-effikaċja tagħhom. Xi wħud minn dawk ir-rekwiżiti jistgħu jiġu ssodisfatti biss permezz ta' ttestjar fuq l-annimali, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ittestjar regolatorju". Jeħtieġ li jiddaħħlu miżuri speċifiċi sabiex jiżdied l-użu ta' approċċi alternattivi u biex tkun eliminata d-duplikazzjoni mhux meħtieġa tal-ittestjar regolatorju. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-validità tad-data tat-testijiet li tirriżulta mill-użu ta' metodi previsti taħt il-leġislazzjoni tal-Unjoni.

(43) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u tittejjeb il-kompetittività tar-riċerka u l-industrija tal-Unjoni, għandha tkun possibbli l-awtorizzazzjoni ta' proġetti ġeneriċi multipli meta jitwettqu bl-użu ta' metodi stabbiliti għal skopijiet ta' ttestjar, djanjostiċi jew tal-produzzjoni permezz ta' awtorizzazzjoni ta' grupp waħda, anke mingħajr l-eżenzjoni ta' kwalunkwe minn dawn il-proċessi mill-evalwazzjoni tal-proġett.

(44) Sabiex isir eżami effettiv tal-applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni u biex tittejjeb il-kompetittività tar-riċerka u l-industrija tal-Unjoni, għandu jiġi stabbilit limitu ta' żmien għall-awtoritajiet kompetenti biex jevalwaw il-proposti għal proġetti u jieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni ta' tali proġetti. Biex il-kwalità tal-evalwazzjoni tal-proġett ma tiġix kompromessa, jista' jkun meħtieġ żmien addizzjonali għal proposti ta' proġetti aktar kumplessi, minħabba n-numru ta' dixxiplini involuti, il-karatteristiċi ġodda u t-tekniki aktar kumplessi tal-proġett propost. Madankollu, l-estensjoni ta' skadenzi għal evalwazzjoni tal-proġett għandha tibqa' biss l-eċċezzjoni.

(45) Minħabba n-natura ta' rutina jew ripetittiva ta' ċerti proċessi, huwa adatt li tkun prevista għażla regolatorja fejn l-Istati Membri ikunu jistgħu jintroduċu proċedura amministrattiva ssimplifikata għall-evalwazzjoni ta' proġetti li fihom tali proċessi, bil-kondizzjoni tal-konformità ma' ċerti rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva.

(46) Id-disponibbiltà ta' metodi alternattivi tiddependi ħafna fuq il-progress li jsir fir-riċerka għall-iżvilupp ta' alternattivi. Il-Programmi Qafas tal-Komunità għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku pprovdew aktar finanzjament għal proġetti bil-għan li jissostitwixxu, inaqqsu u jirraffinaw l-użu tal-annimali fi proċessi. Sabiex tiżdied il-kompetittività tar-riċerka u l-industrija fl-Unjoni u biex jiġi sostitwit, imnaqqas u rraffinat l-użu ta' annimali fi proċessi, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu permezz tar-riċerka u b'mezzi oħra għall-iżvilupp u l-validazzjoni ta' approċċi alternattivi.

(47) Iċ-Ċentru Ewropew għall-Validazzjoni ta' Metodi Alternattivi, azzjoni ta' politika fi ħdan iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni, ikkoordina l-validazzjoni ta' approċċi alternattivi fl-Unjoni sa mill-1991. Madankollu, hemm ħtieġa dejjem tiżdied biex jiġu żviluppati metodi ġodda u biex huma jiġu proposti għall-validazzjoni, u dan jeħtieġ li jiġi stabbilit formalment laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni għall-validazzjoni ta' metodi alternattivi. Dan il-laboratorju għandu jissemma bħala ċ-Ċentru Ewropew għall-Validazzjoni ta' Metodi Alternattivi (ECVAM). Huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tikkoopera mal-Istati Membri meta tistabbilixxi l-prijoritajiet għal tali studji ta' validazzjoni. L-Istati Membri għandhom jassistu lill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni u n-nomina ta' laboratorji adattati biex iwettqu dawn l-istudji ta' validazzjoni. Għal studji ta' validazzjoni li huma simili għal metodi validati preċedentement u fir-rigward ta' liema validazzjoni tirrappreżenta vantaġġ kompetittiv sinifikattiv, l-ECVAM għandha tkun tista' tiġbor ħlas minn dawk li jippreżentaw il-metodi tagħhom għall-validazzjoni. Tali ħlasijiet m'għandhomx ikunu ta' xkiel għal kompetizzjoni b'saħħitha fl-industrija tal-ittestjar.

(48) Jeħtieġ li jiġi żgurat approċċ koerenti għall-istrateġiji ta' evalwazzjoni u l-analiżi tal-proġett f'livell nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kumitati nazzjonali għall-protezzjoni tal-annimali użati għal skopijiet xjentifiċi biex jagħtu parir lill-awtoritajiet kompetenti u lill-korpi għat-trattament xieraq tal-annimali sabiex ikunu promossi l-prinċipji ta' sostituzzjoni, tnaqqis u raffinament. Netwerk ta' kumitati nazzjonali għandu jkollu rwol fl-iskambju tal-aħjar prattiki fil-livell tal-Unjoni.

(49) L-aħħar żviluppi tekniċi u xjentifiċi fir-riċerka bijomedika jistgħu jkunu rapidi, kif ukoll tista' tkun iż-żieda fl-għarfien ta' fatturi li jinfluwenzaw it-trattament xieraq tal-annimali. Għaldaqstant, jeħtieġ li r-reviżjoni ta' din id-Direttiva tiġi prevista. Din ir-reviżjoni għandha teżamina s-sostituzzjoni possibbli tal-użu tal-annimali, u b'mod partikolari dik ta' primati mhux umani, bħala kwistjoni ta' prijorità, u fejn ikun possibbli, b'kont meħud tal-aħħar żviluppi fix-xjenza. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ukoll reviżjonijiet tematiċi perjodiċi rigward is-sostituzzjoni, it-tnaqqis u r-raffinament tal-użu ta' annimali fi proċessi.

(50) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni, għandhom jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni sabiex tadotta linjigwida fil-livell tal-Unjoni dwar ir-rekwiżiti ta' edukazzjoni, taħriġ u kompetenza tal-persunal ta' min irabbi, ta' min jissuplixxi u ta' min juża, sabiex tadotta regiku dettaljati rigward il-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni, l-obbligi u l-kompiti tiegħu u l-ħlasijiet li huwa jista' jiġbor, sabiex tistabbilixxi format komuni għas-sottomissjoni tal-informazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, informazzjoni statistika u informazzjoni speċifika oħra, u għall-applikazzjoni ta' klawsoli ta' salvagwradja. Skont l-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-regoli u l-prinċipji ġenerali rigward il-mekkaniżmi ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni għandhom jiġu stabbiliti bil-quddiem permezz ta' regolament adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Pendenti l-adozzjoni ta' dak ir-regolament ġdid, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jistabblixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni [1] tkompli tapplika, bl-eċċezzjoni tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, li mhijiex applikabbli.

(51) Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward ta' dawn li ġejjin: modifikazzjonijiet tal-lista tal-ispeċi li jaqgħu taħt l-obbligazzjoni li jiġu speċifikament mgħammra għall-użu fi proċeduri; modifikazzjojiet tal-istandards ta' trobbija u akkomodazzjoni; modifikazzjonijiet tal-metodi ta' qtil, inkluż l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom; modifikazzjonijiet tal-elementi li għandhom jintużaw għall-istabbiliment mill-Istati Membri ta' rekwiżiti fir-rigward ta' edukazzjoni, taħriġ u kompetenza tal-persunal ta' min irabbi, ta' min jissuplixxi u ta' min juża; modifikazzjonijiet ta' ċerti elementi obbligatorji tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni; modifikazzjonijiet rigward il-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni, l-obbligi u l-kompiti tiegħu; kif ukoll modifikazzjonijiet tal-eżempji ta' tipi differenti ta' proċeduri assenjati lil kull waħda mill-kategoriji ta' severità fuq bażi ta' fatturi relatati mat-tip ta' proċeudra. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjoni xierqa waqt ix-xogħol preparatorju tagħha inkluż fil-livell tal-esperti.

(52) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawn il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(53) Id-Direttiva 86/609/KEE għandha għaldaqstant tiġi rrevokata. Ċerti modifiki introdotti minn din id-Direttiva għandhom impatt dirett fuq l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem [2]. Għaldaqstant, huwa għalhekk adatt li tiġi emendata dispożizzjoni ta' dak ir-Regolament kif xieraq.

(54) Il-benefiċċji għat-trattament xieraq tal-annimali li jirriżultaw mill-applikazzjoni retrospettiva tal-awtorizzazzjoni tal-proġett, u l-ispejjeż amministrattivi relatati magħhom, jistgħu jiġu ġġustifikati biss f'każijiet ta' proġetti attwali li jieħdu żmien twil biex jitlestew. Għalhekk, jeħtieġ li jiddaħħlu miżuri transitorji għal proġetti attwali li jieħdu żmien qasir jew medju biex jitlestew, sabiex tiġi evitata l-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni retrospettiva b'benefiċji limitati biss.

(55) Skont il-paragrafu 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar leġislazzjoni aħjar, l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom infushom u fl-interessi tal-Unjoni, it-tabelli tagħhom stess, li, sa fejn ikun possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi.

(56) Peress li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni rigward l-użu tal-annimali fi proċessi xjentifiċi, ma jistgħux jintlaħqu b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri, u għalhekk jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dak l-għani,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU 1

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri għall-protezzjoni tal-annimali użati għal skopijiet xjentifiċi jew edukattivi.

Għal dawk il-finijiet, tistipula regoli dwar:

(a) is-sostituzzjoni u t-tnaqqis tal-użu tal-annimali fi proċessi u r-raffinament tat-trobbija, iż-żamma, il-kura u l-użu tal-annimali fi proċessi;

(b) l-oriġini, it-tnissil, l-immarkar, il-kura u ż-żamma u l-qtil ta' annimali;

(c) l-operat ta' min irabbi, fornituri u utenti;

(d) l-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' proġetti li jinvolvu l-użu tal-annimali fi proċessi.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika fejn annimali huma użati jew maħsuba li jintużaw fi proċessi, jew imrobbija sabiex l-organi jew it-tessuti tagħhom jistgħu jintużaw għal skopijiet xjentifiċi.

Din id-Direttiva għandha tapplika sakemm l-annimali msemmija fl-ewwel subparagrafu jkunu nqatlu, imqiegħda fi djar jew f'abitat adatt jew f'sistema ta' trobbija.

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
[2] ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

L-eliminazzjoni ta' wġigħ, tbatija, skonfort jew ħsara dejjiema bl-użu tajjeb ta' anestesija, analġeżija jew metodi oħra ma għandhiex teskludi l-użu ta' annimal fi proċessi mill-ambitu ta' din id-Direttiva.

3. Din id-Direttiva għandha tapplika għal dawn l-annimali:

(a) annimali vertebrati ħajjin mhux umani, inklużi:

i) forom ta' larva li jieklu indipendentement, u

ii) forom ta' fetu ta' mammiferi sa mill-aħħar terz tal-iżvilupp normali tagħhom.

(b) ċefalopodi ħajjin.

4. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-annimali użati fi proċessi, li huma fi stadju aktar bikri ta' żvilupp minn dak imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 3, jekk l-annimal ikun ser jitħalla jgħix lil hinn minn dak l-istadju ta' żvilupp u, b'riżultat tal-proċessi mwettqa, x'aktarx li jesperjenza wġigħ, tbatija, skonfort jew ħsara dejjiema wara li jkun laħaq dak l-istadju ta' żvilupp.

5. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal dawn li ġejjin:

(a) prattiki agrikoli mhux esperimentali;

(b) prattiki veterinarji kliniċi mhux esperimentali;

(c) testijiet kliniċi veterinarji meħtieġa għall-awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott mediku veterinarju;

(d) prattiki mwettqa għal għanijiet ta' trobbija tal-annimali rikonoxxuta;

(e) prattiki mwettqa għall-iskop primarju ta' identifikazzjoni ta' annimal;

(f) prattiki li mhux probabbli jikkawżaw uġigħ, tbatija, skonfort jew ħsara dejjiema ekwivalenti, jew aktar, minn dak li tikkawża l-introduzzjoni ta' labra f'konformità mal-prattika veterinarja tajba.

6. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi [1].

*Artikolu 2*

**Miżuri nazzjonali aktar stretti**

1. L-Istati Membri jistgħu, waqt li josservaw ir-regoli stabbiliti fit-Trattat, iżommu dispożizzjonijiet, fid-9 ta' Novembru 2010, li jkollhom l-għan li jiżguraw protezzjoni aktar estensiva tal-annimali li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva minn dawk li jinsabu f'din id-Direttiva.

Qabel l-1 ta' Jannar 2013 l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar tali dispożizzjonijiet nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħra dwar dawn.

2. Meta jaġixxi skont il-paragrafu 1, Stat Membru m'għandux jipprojbixxi jew jimpedixxi l-provvista jew l-użu ta' annimali mrobbija jew miżmuma fi Stat Membru ieħor f'konformità ma' din id-Direttiva, u lanqas m'għandu jipprojbixxi jew jimpedixxi t-tqegħid fis-suq ta' prodotti żviluppati bl-użu ta' tali annimali f'konformità ma' din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "proċess" tfisser kull użu, invażiv jew mhux invażiv, ta' annimal għal skopijiet sperimentali jew xjentifiċi oħra, b'eżitu magħruf jew mhux magħruf, jew skopijiet edukattivi, li jistgħu jikkawżaw fl-annimal livell ta' wġigħ, tbatija, skonfort jew ħsara dejjiema ekwivalenti għal, jew aktar minn, dak ikkawżat bl-introduzzjoni ta' labra f'konformita' mal-prattika veterinarja tajba.

Dan jinkludi kull azzjoni intenzjonata sabiex, jew li tista', tirriżulta fit-twelid jew it-tfaqqis ta' annimal jew il-ħolqien u l-manteniment ta' razza ta' annimal modifikat ġenetikament fi kwalunkwe kondizzjoni bħal din, iżda bl-esklużjoni tal-qtil ta' annimali biss għall-użu tal-organi jew it-tesssuti tagħhom;

(2) "proġett" tfisser programm ta' ħidma li għandu oġġettiv xjentifiku definit u li jinvolvi proċess wieħed jew aktar;

(3) "stabbiliment" tfisser kwalunkwe istallazzjoni, bini, grupp ta' bini jew postijiet oħra u tista' tinkludi post li mhuwiex kollu magħluq jew kopert u faċilitajiet mobbli;

(4) "min irabbi" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li trabbi annimali msemmija fl-Anness I bil-ħsieb li tużahom fi proċessi jew għall-użu tat-tessut jew l-organi tagħhom għal skopijiet xjentifiċi, jew li trabbi annimali oħra primarjament għal dawk l-iskopijiet, sew jekk għal profitt sew jekk le;

(5) "fornitur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew legali minbarra min irabbi, li jipprovdi annimali bil-ħsieb li jintużaw fi proċessi jew għall-użu tat-tessut jew l-organi tagħhom għal skopijiet xjentifiċi, sew jekk għal profitt sew jekk le;

(6) "utent" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tuża annimali fi proċessi, kemm jekk għal profitt jew le;

(7) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità jew awtoritajiet jew korpi maħtura minn Stat Membru biex twettaq l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

**Prinċipju tas-sostituzzjoni, tnaqqis u rfinar**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta possibbli, għandu jintuża metodu jew strateġija ta' ttestjar xjentifikament sodisfaċenti, li ma teħtieġx l-użu ta' annimali ħajjin, minflok proċess.

[1] ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169. Direttiva mfassla mill-ġdid bir-Regolament (KE) 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59), li tapplika mill-11 ta' Lulju 2013.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għadd ta' annimali li jintużaw fi proġetti jitnaqqas kemm jista' jkun, mingħajr kompromess għall-għanijiet tal-proġett.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ir-raffiniment tat-trobbija, iż-żamma u l-kura, u tal-metodi li jintużaw fi proċessi, sabiex jeliminaw jew inaqqsu kemm jista' jkun kwalunkwe wġigħ, tbatija, skonfort jew ħsara dejjiema possibbli għall-annimali.

4. Dan l-Artikolu għandu, fl-għażla tal-metodi, jiġi implimentat f'konformità mal-Artikolu 13.

*Artikolu 5*

**L-għanijiet tal-proċessi**

Il-proċessi jistgħu jitwettqu għal dawn l-għanijiet biss:

(a) riċerka bażika;

(b) riċerka transnazzjonali jew applikata bi kwalunkwe mill-għanijiet li ġejjin:

(i) għall-evitar, il-prevenzjoni, id-dijanjożi u t-trattament ta' mard, in-nuqqas ta' saħħa jew anormalità oħra jew l-effetti tagħhom fuq il-bniedem, l-annimali jew il-pjanti;

(ii) għall-valutazzjoni, l-individwazzjoni, ir-regolamentazzjoni jew il-modifikazzjoni tal-kondizzjonijiet fiżjoloġiċi tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti; jew

(iii) it-trattament xieraq tal-annimali u t-titjib tal-kondizzjonijiet tal-produzzjoni għal annimali mrobbija għal skopijiet agrikoli

(c) għal kwalunkwe mill-għanijiet fil-punt (b) fl-iżvilupp, il-manifattura jew l-ittestjar tal-kwalità, l-effikaċja u s-sigurtà ta' drogi, affarijiet tal-ikel u għalf u sustanzi jew prodotti oħra;

(d) il-protezzjoni tal-ambjent naturali fl-interessi tas-saħħa jew tat-trattament xieraq tal-bniedem jew tal-annimali;

(e) ir-riċerka intenzjonata għall-preservazzjoni tal-ispeċijiet;

(f) edukazzjoni ogħla, jew taħriġ għall-akkwist, il-manteniment jew it-titjib ta' ħiliet vokazzjonali;

(g) l-inkjesti forensiċi.

*Artikolu 6*

**Metodi ta' qtil**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-annimali jinqatlu b'uġigħ, tbatija u skonfort minimi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-annimali jinqatlu fl-istabbiliment ta' min irabbi, fornitur jew utent, minn persuna kompetenti.

Madankollu, fil-każ ta' studju fuq il-post annimal jista' jinqatel minn persuna kompetenti barra stabbiliment.

3. Fir-rigward tal-annimali koperti mill-Anness IV, għandu jintuża l-metodu adatt ta' qtil kif imsemmi f'dak l-Anness.

4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mir-rekwiżit fil-paragrafu 3:

(a) biex jippermettu l-użu ta' metodu ieħor dment li, fuq il-bażi ta' evidenza xjentifika l-metodu jitqies li ma jkunx aktar krudili; jew

(b) meta, abbażi ta' ġustifikazzjoni xjentifika, l-iskop tal-proċess ma jistax jintlaħaq bl-użu ta' metodu ta' qtil imsemmi fl-Anness IV.

5. Il-paragrafi 2 u 3 ma għandhomx japplikaw meta annimal ikollu jinqatel f'ċirkostanzi ta' emerġenza għal raġunijiet ta' trattament xieraq tal-annimali, saħħa pubblika, sigurtà pubblika, saħħa tal-annimal jew raġunijiet ambjentali.

KAPITOLU II

**DISPOŻIZZJONIJIET DWAR L-UŻU TA' ĊERTI ANNIMALI FI PROĊESSI**

*Artikolu 7*

**Speċi fil-periklu**

1. Kampjuni ta' dawk l-ispeċijiet li huma fir-riskju elenkati fl-Anness A tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom ([1]), li ma jaqgħux fi ħdan l-ambitu tad-derogi fl-Artikolu 7(1) ta' dak ir-Regolament, ma għandhomx jintużaw fi proċessi, għajr f'dawk il-proċessi li jissodisfaw dawn il-kondizzjonijiet:

(a) il-proċess għandu wieħed mill-għanijiet imsemmijin fil-punti (b)(i), (c) jew (e) tal-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva; u

(b) teżisti ġustifikazzjoni xjentifika bl-effett li l-għan tal-proċess ma jistax jintlaħaq bl-użu ta' speċijiet li mhumiex elenkati f'dak l-Anness.

2. Il-paragrafu 1 m 'għandux japplika lil xi speċi ta' primati mhux umani.

*Artikolu 8*

**Primati mhux umani**

1. Soġġett għall-paragrafu 2, kampjuni ta' primati mhux umani ma għandhomx jintużaw fi proċessi, bl-eċċezzjoni ta' dawk il-proċessi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-proċess għandu wieħed mill-iskopijiet imsemmijin fil-

(i) punti (b)(i) jew (c) tal-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva u jitwettaq bil-ħsieb tal-evitar, il-prevenzjoni, id-dijanjosi jew it-trattament ta' kondizzjonijiet kliniċi debilitanti jew li potenzjalment iqiegħdu ħajjet il-bniedem fil-periklu; jew

(ii) punti (a) jew (e) tal-Artikolu 5;

u

(b) hemm ġustifikazzjoni xjentifika b'dak l-effett li l-iskop tal-proċess ma jistax jintlaħaq bl-użu ta' speċi oħra ħlief primati mhux umani.

([1]) ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.

Kondizzjoni klinika debilitanti għall-iskop ta' din id-Direttiva tfisser tnaqqis fil-kapaċità ta' funzjonament fiżiku jew psikoloġiku normali ta' persuna.

2. Kampjuni ta' primati mhux umani, li mhumiex elenkati fl-Anness A għar-Regolament (KE) Nru 338/97, li ma jaqgħux fi ħdan l-ambitu tad-derogi fl-Artikolu 7(1) ta' dak ir-Regolament, ma għandhomx jintużaw fi proċessi, bl-eċċezzjoni ta' dawk il-proċessi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-proċess għandu wieħed mill-iskopijiet imsemmijin fil-

(i) punti (b)(i) jew (c) tal-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva u jitwettaq bil-ħsieb tal-evitar, il-prevenzjoni, id-dijanjosi jew it-trattament ta' kondizzjonijiet kliniċi debilitanti jew li potenzjalment iqiegħdu ħajjet il-bniedem fil-periklu; jew

(ii) punt (e) tal-Artikolu 5;

u

(b) hemm ġustifikazzjoni xjentifika b'effett li l-iskop tal-proċess ma jistax jintlaħaq bl-użu ta' speċi oħra ħlief primati mhux umani u bl-użu ta' speċijiet mhux elenkati f'dak l-Anness; u

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, ma għandhomx jintużaw xadini kbar fi proċessi, soġġett għall-użu tal-klawsola ta' salvagwardja fl-Artikolu 55(2).

*Artikolu 9*

**Annimali li jinqabdu mis-selvaġġ**

1. L-annimali li jinqabdu mill-ambjent naturali ma għandhomx jintużaw fi proċessi.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu eżenzjonijiet minn dak previst fil-paragrafu 1 jekk ikun hemm ġustifikazzjoni xjentifika b'tali mod li l-għan tal-proċess ma jistax jintlaħaq bl-użu ta' annimali li jitrabbew għall-użu fi proċessi.

3. Il-qbid ta' annimali mill-ambjent naturali għandu jsir biss minn persuna kompetenti u bl-użu ta' metodi li ma jikkawżawx lill-annimali uġigħ, tbatija, skonfort jew ħsara dejjiema li jistgħu jiġu evitati.

Kull annimal li jinstab li, fil-mument tal-qabda jew wara, ikun ferut jew fi stat ta' saħħa batut għandu jiġi eżaminat minn veterinarju jew persuna kompetenti oħra u għandha tittieħed azzjoni biex timminimizza t-tbatija tal-annimal. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mir-rekwiżit li tittieħed azzjoni sabiex tiġi minimizzata t-tbatija tal-annimal jekk hemm ġustifikazzjoni xjentifika.

*Artikolu 10*

**Annimali li jitrabbew għall-użu fi proċessi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-annimali tal-ispeċijiet imsemmijin fl-Anness I jistgħu jintużaw biss fi proċessi fejn dawk l-annimali jkunu trabbew għall-użu fi proċessi.

Madankollu, mid-dati stabbiliti fl-Anness II, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-primati mhux umani elenkati fih jistgħu jintużaw fi proċessi biss meta jkunu l-wild ta' primati mhux umani li jkunu trabbew fil-magħluq jew fejn ikunu ġejjin minn kolonji awtosuffiċjenti.

Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, kolonja awtosuffiċjenti tfisser kolonja li fiha l-annimali huma mrobbija biss mill-kolonja jew minn kolonji oħra, iżda mhux meħuda mis-selvaġġ u fejn l-annimali jinżammu f'mod li jiżgura li huma jkunu mdorrija mal-bnedmin.

Il-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet interessati, twettaq studju ta' fattibilità, li għandu jinkludi valutazzjoni tas-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimal, tar-rekwiżit stabbilit fit-tieni subparagrafu. L-istudju għandu jiġi ppubblikat mhux aktar tard mill-10 ta' Novembru 2017. Għandu jkun akkumpanjat, fejn adatt, bi proposti għal emendi għall-Anness II.

2. Il-Kummissjoni għandha żżomm taħt reviżjoni l-użu ta' primati mhux umani li jinġiebu minn kolonji awtosuffiċjenti u, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati, tagħmel studju biex tanalizza l-fattibbiltà li jinġiebu annimali biss minn kolonji awtosuffiċjenti.

L-istudju għandu jiġi ppubblikat mhux aktar tard mill-10 ta' Novembru 2022.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-paragrafu 1 abbażi ta' ġustifikazzjoni xjentifika.

*Artikolu 11*

**Annimali ta' speċijiet domestiċi li jgħixu fit-triq u slavaġ**

1. Annimali ta' speċijiet domestiċi li jgħixu fit-triq u slavaġ ma għandhomx jintużaw fi proċessi.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu biss eżenzjonijiet mill-paragrafu 1 soġġetti għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) hemm ħtieġa essenzjali għal studji li jikkonċernaw is-saħħa u t-trattament xieraq ta' dawk l-annimali jew theddid serju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali, u

(b) hemm ġustifikazzjoni xjentifika b'effett li l-iskop tal-proċess jista' jinkiseb biss bl-użu ta' annimal li jgħix fit-triq jew salvaġġ.

KAPITOLU III

**PROĊESSI**

*Artikolu 12*

**Proċessi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li proċessi jitwettqu fi stabbilmenti ta' utent.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu eżenzjoni minn dak previst fl-ewwel subparagrafu, jekk ikun hemm ġustifikazzjoni xjentifika.

2. Il-proċessi jistgħu jitwettqu fl-ambitu tal-proġett biss.

*Artikolu 13*

**Għażla tal-metodi**

1. Mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi ċerti tipi ta' metodi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li proċess ma jitwettaqx jekk il-leġislazzjoni tal-Unjoni tirrikonoxxi metodu jew strateġija ta' ttestjar għall-ksib tar-riżultat imfittex, u ma jinvolvix l-uzu ta' annimal ħaj.

2. F'għażla bejn proċessi, għandhom jintgħażlu dawk li jissodisfaw sal-għola livell ir-rekwiżiti li ġejjin, jiġifieri:

(a) jużaw l-inqas għadd ta' annimali,

(b) jinvolvu annimali bl-inqas kapaċità li jħossu wġigħ, tbatija, skonfort jew ħsara dejjiema,

(c) jikkawżaw l-inqas uġigħ, tbatija, skonfort jew ħsara dejjiema,

u l-aktar li x'aktarx jipprovdu riżultati sodisfaċenti.

3. Il-mewt bħala l-punt ta' tmiem ta' proċess għandha tiġi evitata kemm jista' jkun u tinbidel għal punti ta' tmiem bikrin u mhux krudili. Meta l-mewt bħala l-punt ta' tmiem tkun inevitabbli, il-proċess għandu jitfassal sabiex:

(a) jirriżulta fl-imwiet ta' kemm jista' jkun ftit annimali; u

(b) inaqqas id-dewmien u l-intensità tat-tbatija għall-annimal għall-inqas possibbli, u kemm jista' jkun, jiżgura mewt bla wġigħ.

*Artikolu 14*

**Anestesija**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sakemm ma jkunx inadegwat, il-proċessi jitwettqu taħt anestesija ġenerali jew lokali, u lu l-analġesiku jew metodu adegwat ieħor jintuża biex jiġi żgurat li l-uġigħ, it-tbatija u l-iskonfort jinżammu f'minimu.

Proċessi li jinvolvu ferimenti serji li jistgħu jikkawżaw uġigħ gravi m'għandhomx jitwettqu mingħajr anestesija.

2. Meta ssir deċiżjoni dwar l-adegwatezza li tintuża l-anestesija għandu jittieħed kont ta' dan li ġej:

(a) jekk l-anestesija titqiesx li hija aktar trawmatika għall-annimal milli l-proċess innifsu; u

(b) jekk l-anestesija hijiex inkompatibbli mal-iskop tal-proċess.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-annimali ma jingħatawx prodotti farmaċewtiċi li jwaqqfuhom jew jirrestrinġuhom milli jesprimu l-uġigħ tagħhom mingħajr ma jkunu suġġetti għal livell adegwat ta' anastesija jew analġeżija.

F'każijiet bħal dawk, ikun meħtieġ li tingħata ġustifikazzjoni xjentifika, flimkien mad-dettalji tal-metodu anestetiku jew analġeżiku.

4. Annimal li jista' jbati minn uġigħ ladarba jkun għadda l-effett tal-anestesija għandu jingħata trattament b'analġeżiċi preventivi u post-operattivi jew metodi oħrajn adatti li jtaffu l-uġigħ sakemm dan ikun kompatibbli mal-iskop tal-proċess.

5. Malli l-iskop tal-proċess jinkiseb għandha tittieħed azzjoni adatta biex tiġi minimizzata t-tbatija tal-annimal.

*Artikolu 15*

**Klassifikazzjoni tas-severità tal-proċessi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċessi kollha jiġu kklassifikati bħala "mingħajr irkupru", "ħafif", "moderat", jew "sever" fuq bażi ta' każ b'każ bl-użu tal-kriterji ta' assenjazzjoni li jinsabu fl-Anness VIII.

2. Soġġett għall-użu tal-klawsola ta' salvagwardja fl-Artikolu 55(3), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li proċess ma jitwettaqx jekk jinvolvi uġigħ sever, tbatija jew skonfort li x'aktarx idum żmien twil u ma jistax jittaffa.

*Artikolu 16*

**Użu ripetut**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li annimal li jkun intuża diġà fi proċess wieħed jew aktar, meta jista' jintuża wkoll annimal differenti li qabel ma kien twettaq ebda proċess fuqu, ma jerġax jintuża fi proċess ġdid ħlief jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-severità reali tal-proċessi preċedenti kienet "ħafifa" jew "moderata";

(b) jintwera li l-istat tas-saħħa ġenerali tal-annimal u t-trattament xieraq ġie restawrat kollu;

(c) il-proċess ulterjuri huwa klassifikat bħala "ħafif", "moderat" jew "mingħajr irkupru"; u

(d) huwa f'konformità mal-parir veterinarju b'kont meħud tal-esperjenza tul il-ħajja tal-annimal.

2. F'ċirkostanzi speċjali, b'deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 1, u wara eżami veterinarju tal-annimal, l-awtorità kompetenti, tista' tippermetti l-użu ripetut ta' annimal, sakemm l-annimal ma jkunx intuża aktar minn darba fi proċess li jinvolvi uġigħ sever, skonfort jew tbatija ekwivalenti.

*Artikolu 17*

**Tmiem tal-proċess**

1. Proċess għandu jitqies li jintemm meta ma jkunux ser isiru aktar osservazzjonijiet għal dak il-proċess jew, fir-rigward ta' razez ta' annimali ġodda ġenetikament modifikati, meta l-frieħ ma jibqgħux osservati jew mistennija jħossu wġigħ, tbatija, skonfort jew ħsara dejjiema ekwivalenti għal, jew aktar minn, dik ikkawżata mill-introduzzjoni ta' labra.

2. Fit-tmiem ta' proċess, deċiżjoni biex l-annimal jinżamm ħaj għandha tittieħed minn veterinarju jew minn persuna kompetenti oħra. Annimal għandu jinqatel meta x'aktarx jibqa' f'uġigħ, tbatija, skonfort jew ħsara dejjiema moderata jew severa.

3. Meta annimal ikun ser jinżamm ħaj, għandu jirċievi l-kura u ż-żamma adatta għall-istat tas-saħħa tiegħu.

*Artikolu 18*

**Skambju ta' organi u tessuti**

L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw, meta jkun adatt, l-istabbiliment ta' programmi għall-iskambju ta' organi u tessuti tal-annimali maqtula.

*Artikolu 19*

**Il-ħelsien tal-annimali jew it-tqegħid tagħhom fi djar**

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li annimali użati jew maħsuba li jintużaw fi proċessi jitqiegħdu lura fi djar, jew jintbagħtu lura f'abitat adatt jew sistema ta' trobbija adatta għall-ispeċi dment li jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kondizzjoni ta' saħħet l-annimali tkun tippermetti li jsir hekk;

(b) ma jkun hemm l-ebda periklu għas-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimal jew l-ambjent; u

(c) ikunu ttieħdu miżuri adatti biex jissalvagwardjaw it-trattament xieraq tal-annimal.

KAPITOLU IV

**AWTORIZZAZZJONI**

Taqsima 1

***Rekwiżiti għal min irabbi, il-fornituri u l-utenti***

*Artikolu 20*

**Awtorizzazzjoni ta' min irabbi, il-fornituri u l-utenti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk kollha li jrabbu, il-fornituri u l-utenti huma awtorizzati minn u rreġistrati mal-awtorità kompetenti. Tali awtorizzazzjoni tista' tingħata għal perijodu limitat.

Għandha tingħata awtorizzazzjoni biss jekk min irabbi, il-fornitur jew l-utent u l-istabbiliment tiegħu ikun f'konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

2. L-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika l-persuna responsabbli għall-iżgurar tal-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u l-persuna jew persuni msemmija fl-Artikolu 24(1) u fl-Artikolu 25.

3. Għandu jkun meħtieġ it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għal kull bidla ta' sinifikat fl-istruttura jew il-funzjoni ta stabbiliment ta' min irabbi, tal-fornitur jew tal-utent li tista' taffettwa negattivament it-trattament xieraq tal-annimali.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tiġi nnotifikata bi kwalunkwe tibdiliet tal-persuna jew persuni msemmija fil-paragrafu 2.

*Artikolu 21*

**Sospensjoni u rtirar tal-awtorizzazzjoni**

1. Meta min irabbi, il-fornitur jew l-utent ma jibqax jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva, l-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni adatta ta' rimedju, jew tirrikjedi li tittieħed tali azzjoni, jew tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni tagħha.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-awtorizzazzjoni tkun ġiet sospiża jew irtirata, it-trattament xieraq tal-annimali miżmumin fl-istabbiliment ma jintlaqatx ħażin.

*Artikolu 22*

**Rekwiżiti għall-installazzjonijiet u t-tagħmir**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istabbilimenti kollha ta' min irabbi, ta' fornitur jew ta' utent ikollhom stallazzjonijiet u tagħmir adatti għall-ispeċi ta' annimali miżmuma u, meta jitwettqu proċessi, għat-twettiq tal-proċessi.

2. Id-disinn, il-kostruzzjoni u l-metodu tal-iffunzjonar talistallazzjonijiet u t-tagħmir imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw li l-proċessi jitwettqu b'mod kemm jista' jkun effettiv, u jimmiraw li jiksbu riżultati affidabbli billi jużaw l-iżgħar għadd ta' annimali u jikkawżaw l-inqas uġigħ, tbatija, skonfort jew ħsara dejjiema.

3. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti rilevanti kif jinsabu fl-Anness III.

*Artikolu 23*

**Kompetenza tal-persunal**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull min irabbi u kull fornitur u utent ikollhom biżżejjed persunal fil-post.

2. Il-persunal għandu jkollu livell adegwat ta' edukazzjoni u taħriġ qabel ma jwettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet li ġejjin:

(a) twettiq ta' proċessi fuq annimali;

(b) tfassil ta' proċessi u proġetti;

(c) jieħu ħsieb l-annimali; jew

(d) qtil ta' annimali.

Il-persuni li jwettqu l-funzjonijiet imsemmijin fil-punt (b) għandhom ikunu rċevew tagħlim f'dixxiplina xjentifika rilevanti għax-xogħol li qed jitwettaq u għandu jkollhom konoxxenza speċifika dwar l-ispeċi.

Il-persunal li jwettaq il-funzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (c) u (d) għandu jiġi sorveljat fit-twettiq tal-kompiti tiegħu sakemm ikun wera l-kompetenza rikjesta.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz ta' awtorizzazzjoni jew b'mezzi oħra, li r-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu huma sodisfatti.

3. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw, abbażi tal-elementi mniżżlin fl-Anness VI, rekwiżiti minimi fir-rigward tal-edukazzjoni, it-taħriġ u r-rekwiżiti għall-kisba, iż-żamma u l-wiri tal-kompetenza meħtieġa għall-funzjonijiet imniżżlin fil-paragrafu 2.

4. Linji gwida mhux vinkolanti fil-livell tal-Unjoni dwar ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2 jistgħu jiġu adottati skont il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija mal-Artikolu 56(2).

*Artikolu 24*

**Rekwiżiti speċifiċi għall-persunal**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull min irabbi, kull fornitur u kull utent ikollhom persuna jew diversi persuni fuq il-post li għandhom:

(a) ikunu responsabbli biex jissorveljaw it-trattament xieraq u l-kura tal-annimali fl-istabbiliment;

(b) jiżguraw li l-persunal li jittratta mal-annimali jkollu aċċess għall-informazzjoni speċifika dwar l-ispeċi miżmumin fl-istabbiliment;

(c) ikunu responsabbli biex jiżguraw li l-persunal ikun edukat adegwatament, kompetenti u mħarreġ kontinwament u li jkun sorveljat sakemm juri l-kompetenza rikjesta.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni speċifikati fl-Artikolu 40(2)(b) għandhom:

(a) jiżguraw li kwalunkwe uġigħ, tbatija, skonfort jew ħsara dejjiema bla bżonn li tiġi eżerċitata fuq annimali matul proċess titwaqqaf;

(b) jiżguraw li l-proġetti jitwettqu f'konformità mal-awtorizzazzjoni tal-proġett jew, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 42, f'konformità mal-applikazzjoni mibgħuta lill-awtorità kompetenti jew kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-awtorità kompetenti u jiżguraw li fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-miżuri adatti biex jirrettifikawha jittieħdu u jiġu rreġistrati.

*Artikolu 25*

**Veterinarju maħtur**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull min irabbi, kull fornitur u kull utent ikollu veterinarju maħtur b'kompetenza fil-mediċina laboratorja dwar l-annimali, jew espert kwalifikat adatt meta jkun aktar adatt, li jingħatawlu doveri konsultattivi fir-rigward tal-benessri u t-trattament tal-annimali.

*Artikolu 26*

**Korp dwar it-trattament xieraq tal-annimali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull min irabbi, kull fornitur u kull utent jistabbilixxi korp dwar it-trattament xieraq tal-annimali.

2. Il-korp dwar it-trattament xieraq tal-annimali għandu jinkludi mill-anqas il-persuna jew persuni responsabbli għat-trattament xieraq u l-kura tal-annimali u, fil-każ ta' utent, membru xjentifiku. Il-korp dwar it-trattament xieraq tal-annimali għandu jirċievi wkoll kontribut mill-veterinarju maħtur jew l-espert imsemmi fl-Artikolu 25.

3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li entitajiet żgħar li jrabbu kif ukoll fornituri u utenti żgħar iwettqu l-kompiti stipulati fl-Artikolu 27(1) b'mezzi oħra.

*Artikolu 27*

**Kompiti tal-korp dwar it-trattament xieraq tal-annimali**

1. Il-korp dwar it-trattament xieraq tal-annimali għandu mill-inqas iwettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) jagħti pariri lill-persunal li jieħu ħsieb l-annimali dwar kwistjonijiet relatati mat-trattament xieraq tal-annimali rigward l-akkwist, iż-żamma, il-kura u l-użu tagħhom;

(b) jagħti pariri lill-persunal dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżit tas-sostituzzjoni, it-tnaqqis u l-irfinar, u żżommu infurmat bl-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi reċenti rigward l-applikazzjoni ta' dak ir-rekwiżit;

(c) jistabbilixxi u janalizza proċessi operazzjonali interni fir-rigward tal-monitoraġġ, ir-rappurtar u s-segwitu f'dak li għandu x'jaqsam mat-trattament xieraq tal-annimali miżmumin jew użati fl-istabbiliment;

(d) isegwi l-iżvilupp u l-eżitu tal-proġetti b'kont meħud tal-effett fuq l-annimali użati, u jidentifika u jagħti pariri rigward l-elementi li jikkontribwixxu għal aktar sostituzzjoni, tnaqqis u rfinar; u

(e) jagħti pariri dwar skemi għal tqegħid fi djar, inkluż is-soċjalizzazzjoni adatta tal-annimali li jkunu ser jitqiegħdu fi djar.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri ta' kwalunkwe parir mogħti mill-korp dwar it-trattament xieraq tal-annimali u d-deċiżjonijiet meħudin rigward il-parir jinżammu għal mill-inqas tlett snin.

Fuq talba, ir-reġistri għandhom isiru disponibbli għall-awtorità kompetenti.

*Artikolu 28*

**Strateġija għat-tnissil tal-primati mhux umani**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li min irabbi primati mhux umani jkollu strateġija stabbilita biex iżid il-proporzjon ta' annimali li jkunu l-wild ta' primati mhux umani li jkunu ġew imissla fil-kaptività.

*Artikolu 29*

**Skema għal tqegħid lura fi djar jew il-ħelsien tal-annimali**

Meta l-Istati Membri jippermetti t-tqegħid lura fi djar, min irabbi, il-fornituri u l-utenti li mingħandhom l-annimali huma maħsuba li jitqiegħdu lura fi djar għandu jkollhom stabbilita skema ta' tqegħid lura fi djar li tiżgura s-soċjalizzazzjoni tal-annimali li jitqiegħdu lura fi djar. Fil-każ ta' annimali slavaġ, meta jkun adatt, għandu jkun hemm stabbilit programm ta' riabilitazzjoni qabel ma jintbagħtu lura fl-abitat naturali tagħhom.

*Artikolu 30*

**Reġistri tal-annimali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull min irabbi, kull fornitur u kull utent iżommu reġistri ta' mill-anqas dan li ġej:

(a) l-għadd u l-ispeċi tal-annimali mrobbija, akkwistati, forniti, użati fi proċessi, meħlusin jew imqegħdin lura fi djar;

(b) l-oriġini tal-annimali, inkluż jekk jiġux mgħammra għall-użu fi proċessi;

(c) id-dati ta' meta l-annimali jkunu ġew akkwistati, forniti, meħlusin jew imqiegħda fi djar;

(d) mingħand min l-annimali jiġu akkwistati;

(e) l-isem u l-indirizz ta' min jirċievi l-annimali;

(f) l-għadd u l-ispeċi tal-annimali li mietu jew inqatlu f'kull stabbiliment. Għall-annimali li mietu, il-kawża tal-mewt għandha, meta magħrufa, tiġi nnotata; u

(g) fil-każ ta' utenti, il-proġetti li fihom l-annimali huma intużati.

2. Ir-reġistri msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jinżammu għal mill-inqas ħames snin u jsiru disponibbli għall-awtorità kompetenti fuq talba.

*Artikolu 31*

**Informazzjoni dwar klieb, qtates u primati mhux umani**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull min irabbi, kull fornitur u kull utent iżommu l-informazzjoni li ġejja dwar kull kelb, qattus u primat mhux uman:

(a) l-identità;

(b) il-post u d-data tat-twelid, meta jkunu disponibbli;

(c) jekk trabbiex għall-użu fi proċessi; u

(d) fil-każ ta' primati mhux umani, jekk ikunx il-wild ta' primati mhux umani li trabbew fil-magħluq;

2. Kull kelb, qattus u primat mhux uman għandu jkollu fajl individwali bl-istorja tiegħu, li jsegwi l-annimal sakemm jinżamm għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva.

Il-fajl għandu jiġi stabbilit mat-twelid jew kemm jista' jkun malajr wara u għandu jkopri kull informazzjoni riproduttiva, veterinarja u soċjali rilevanti dwar l-annimal individwali u l-proġetti li jintuża fihom.

3. L-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandha tinżamm għal mill-inqas tliet snin wara li l-annimal imut jew jitqiegħed lura f'dar, u meta tintalab għandha ssir disponibbli għall-awtorità kompetenti.

Fil-każ ta' tqegħid lura f'dar l-annimal għandu jkollu miegħu informazzjoni dwar kura veterinarja u soċjali rilevanti mill-fajl individwali tal-istorja tiegħu msemmi fil-paragrafu 2.

*Artikolu 32*

**Immarkar u identifikazzjoni ta' klieb, qtates u primati mhux umani**

1. Kull kelb, qattus jew primat mhux uman għandu jiġi pprovdut, mhux aktar tard miż-żmien tal-ftim, b'marka ta' identifikazzjoni individwali permanenti bil-mod li jikkawża l-anqas uġigħ possibbli.

2. Meta kelb, qattus jew primat mhux uman jiġi trasferit minn xi ħadd li jrabbi, fornitur jew utent wieħed għal ieħor qabel ma jinfatam, u ma jkunx prattiku li jiġi mmarkat minn qabel, għandu jinżamm reġistru mir-riċevitur, li jispeċifika b'mod partikolari lill-omm, sakemm jiġi mmarkat.

3. Meta kelb, qattus jew primat mhux uman li mhux immarkat, li jkun infatam, jasal għand xi ħadd li jrabbi, fornitur jew utent huwa għandu jiġi mmarkat b'mod permanenti mill-aktar fis possibbli u bil-mod li jikkawża l-inqas uġigħ possibbli.

4. Min irabbi, il-fornitur u l-utent għandu jipprovdi, fuq talba mill-awtorità kompetenti, raġunijiet għalfejn l-annimal ma jkunx immarkat.

*Artikolu 33*

**Kura u żamma**

1. L-Istati Membri għandhom, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kura u ż-żamma tal-annimali, jiżguraw li:

(a) l-annimali kollha jkunu pprovduti b'post fejn joqogħdu, ambjent, ikel, ilma u kura li huma adatti għal saħħithom u t-trattament xieraq tagħhom;

(b) kwalunkwe restrizzjoni fuq kemm annimal jista' jissodisfa l-ħtiġijiet fiżjoloġiċi u etoloġiċi tiegħu għandha tkun tinżamm għall-minimu possibbli;

(c) il-kondizzjonijiet ambjentali li fihom jitrabbew, jinżammu jew jintużaw l-annimali għandhom jiġu kkontrollati kuljum;

(d) ikun hemm arranġamenti sabiex jiżguraw li kull meta jinstab xi difett jew uġigħ, tbatija, skonfort jew ħsara dejjiema li tista' tiġi evitata, din tiġi eliminata malajr kemm jista' jkun; u

(e) l-annimali huma ttrasportati taħt kondizzjonijiet adatti.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istandards tal-kura u ta' żamma mniżżlin fl-Anness III jiġu applikati mid-dati previsti fih.

3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tal-paragrafi 1(a) jew tal-paragrafu 2 għal raġunijiet xjentifiċi, ta' trattament xieraq tal-annimali jew ta' saħħet l-annimal.

Taqsima 2

***Spezzjonijiet***

*Artikolu 34*

**Spezzjonijiet mill-Istat Membru**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu spezzjonijiet regolari ta' kull min irabbi, kull fornitur u kull utent, inklużi l-istabbilimenti tagħhom, sabiex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

2. L-awtorità kompetenti għandha tadatta l-frekwenza tal-ispezzjonijiet abbażi ta' analiżi tar-riskju għal kull stabbiliment, b'kont meħud ta':

(a) l-għadd u l-ispeċi ta' annimali fil-post;

(b) ir-rekord tal-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva ta' min irabbi, il-fornitur jew l-utent;

(c) l-għadd u t-tipi ta' proġetti mwettqa mill-utenti ikkonċernat; u

(d) kwalunkwe informazzjoni li tista' tindika nuqqas ta' konformità.

3. L-ispezzjonijiet għandhom jitwettqu fuq mill-anqas terz tal-utenti kull sena f'konformità mal-analiżi tar-riskju msemmija fil-paragrafu 2. Madanakollu, min irabbi, l-fornituri u l-utenti ta' primati mhux umani għandhom jiġu spezzjonati mill-anqas darba f'sena.

4. Proporzjon adatt tal-ispezzjonijiet għandu jitwettaq mingħajr avviż minn qabel.

5. Għandhom jinżammu reġistri għall-ispezzjonijiet kollha, mill-inqas għal ħames snin.

*Artikolu 35*

**Kontrolli tal-ispezzjonijiet tal-Istat Membru**

1. Il-Kummissjoni għandha, meta jkun hemm raġuni debita għal tħassib, waqt li tieħu kont inter alia tal-proporzjon ta' spezzjonijiet imwettqa mingħajr avviż minn qabel, tagħmel kontrolli fuq l-infrastruttura u l-operazzjoni tal-ispezzjonijiet nazzjonali fl-Istati Membri.

2. L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun qed isir il-kontroll imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jagħti l-assistenza kollha li hemm bżonn lill-esperti tal-Kummissjoni biex iwettqu dmirijiethom. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru konċerant bir-riżultati tal-kontroll.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru konċernat għandha tieħu l-miżuri biex ir-riżultati tal-kontroll imsemmi fil-paragrafu 1 jiġu kkunsidrati.

Taqsima 3

***Rekwiżiti għal proġetti***

*Artikolu 36*

**Awtorizzazzjoni tal-proġetti**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 42, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li proġetti ma jitwettqux mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti u li proġetti jitwettqu f'konformità mal-awtorizzazzjoni jew, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 42, f'konformità mal-applikazzjoni mibgħuta lill-awtorità kompetenti jew kwalunkwe deċiżjoni mill-awtorità kompetenti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ebda proġett ma jitwettaq sakemm ma jkunx irċieva evalwazzjoni favorevoli tal-proġett mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 38.

*Artikolu 37*

**Talba għall-awtorizzazzjoni tal-proġett**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi ppreżentata applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-proġett mill-utent jew mill-persuna responsabbli għall-proġett. L-applikazzjoni għandha tinkludi mill-inqas dan li ġej:

(a) il-proposta tal-proġett;

(b) sommarju mhux tekniku tal-proġett; u

(c) informazzjoni dwar l-elementi stipulati fl-Anness VII.

2. L-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għar-rekwiżit fil-paragrafu 1(b) għal proġetti msemmijin fl-Artikolu 42(1).

*Artikolu 38*

**Evalwazzjoni tal-proġett**

1. L-evalwazzjoni tal-proġett għandha titwettaq bi grad ta' dettall adatt għat-tip ta' proġett u għandha tivverifika li l-proġett jissodisfa l-kriterji li ġejjin:

(a) il-proġett hu ġġustifikat minn perspettiva xjentifika jew edukattiva jew rikjest mil-liġi;

(b) l-għanijiet tal-proġett jiġġustifikaw l-użu tal-annimali; u

(c) il-proġett huwa mfassal b'mod li jippermetti li l-proċessi jitwettqu bil-manjiera l-iktar umana u bl-akbar rispett għall-ambjent possibbli.

2. L-evalwazzjoni tal-proġett għandha tikkonsisti b'mod partikolari minn dan li ġej:

(a) evalwazzjoni tal-għanijiet tal-proġett, il-benefiċċji xjentifiċi mistennija u l-valur edukattiv;

(b) valutazzjoni tal-konformità tal-proġett mar-rekwiżit tas-sostituzzjoni, it-tnaqqis u r-raffinament;

(c) valutazzjoni u assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni tas-severità tal-proċessi;

(d) analiżi tal-ħsara mqabbla mal-benefiċċju tal-proġett, li tivvaluta jekk il-ħsara lill-annimali f'termini ta' tbatija, uġigħ u skonfort hix ġustifikata bl-eżitu mistenni, b'kont meħud tal-konsiderazzjonijiet etiċi, u tista' fl-aħħar nett tkun ta' benefiċċju għall-bnedmin, l-annimali jew l-ambjent;

(e) valutazzjoni ta' kwalunkwe ġustifikazzjoni msemmija fl-Artikoli 6 sa 12, 14, 16 u 33; u

(f) determinazzjoni dwar jekk u meta l-proġett jistax jiġi vvalutat b'mod retrospettiv.

3. L-awtorità kompetenti li twettaq l-evalwazzjoni tal-proġett għandha tikkunsidra kompetenza b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

(a) l-oqsma ta' użu xjentifiku li l-annimali ser jintużaw għalihom inklużi s-sostituzzjoni, it-tnaqqis u l-irfinar fl-oqsma rispettivi;

(b) id-disinn sperimentali, u fejn xieraq, bl-istatistika;

(c) prattika veterinarja fix-xjenza tal-annimali li jintużaw fil-laboratorju jew, fejn xieraq, prattika veterinarja fuq l-annimali slavaġ;

(d) tgħammir u kura tal-annimali, f'relazzjoni mal-ispeċi maħsuba li jintużaw.

4. Il-proċess ta' evalwazzjoni tal-proċess għandu jkun trasparenti.

Soġġett għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u l-informazzjoni kunfidenzjali, l-evalwazzjoni tal-proġett għandha ssir b'mod imparzjali u tista' tinkludi l-opinjoni ta' partijiet indipendenti.

*Artikolu 39*

**Valutazzjoni retrospettiva**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta tiġi ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 38(2)(f), il-valutazzjoni retrospettiva għandha titwettaq mill-awtorità kompetenti li għandha, abbażi tad-dokumentazzjoni meħtieġa ppreżentata mill-utent, tevalwa dan li ġej:

(a) jekk intlaħqux l-għanijiet tal-proġett;

(b) il-ħsara kkawżata lill-annimali, inkluż l-għadd u l-ispeċijiet ta' annimali użati u s-severità tal-proċessi; u

(c) l-elementi li jistgħu jikkontribwixxu għal implimentazzjoni aqwa tar-rekwiżit tas-sostituzzjoni, it-tnaqqis u r-raffinament.

2. Il-proġetti kollha li jużaw primati mhux umani u proġetti li jinvolvu proċessi klassifikati bħala "severi" inkluż dawk imsemmija fl-Artikolu 15(2), għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni retrospettiva.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 u b'deroga mill-Artikolu 38(2)(f) l-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-proġetti li jinvolvu biss proċessi kklassifikati bħala "ħafif" jew "mingħajr irkupru" mir-rekwiżit għal valutazzjoni retrospettiva.

*Artikolu 40*

**Għoti ta' awtorizzazzjonijiet ta' proġetti**

1. L-awtorizzazzjoni ta' proġett għandha tkun limitata għal proċessi li kienu suġġetti għal

(a) evalwazzjoni tal-proġett; u

(b) il-klassifikazzjonijiet tas-severità assenjati għal dawk il-proċessi.

2. L-awtorizzazzjoni tal-proġett għandha tispeċifika dan li ġej:

(a) l-utent li jwettaq il-proġett;

(b) il-persuni responsabbli għall-implimentazzjoni ġenerali tal-proġett u l-konformità tagħha mal-awtorizzazzjoni tal-proġett;

(c) l-istabbilimenti li fihom ser jitwettaq il-proġett, meta applikabbli; u

(d) kwalunkwe kondizzjoni speċifika li ssegwi l-evalwazzjoni tal-proġett, inkluż jekk u meta l-proġett għandux jiġi vvalutat b'mod retrospettiv.

3. L-awtorizzazzjonijiet ta' proġetti għandhom jingħataw għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin.

4. L-Istati Membri jistgħu jippermettu l-awtorizzazzjoni ta' proġetti ġeneriċi multipli mwettqa mill-istess utent jekk tali proġetti jkunu jridu jissodisfaw rekwiżiti regolatorji jew jekk dawk il-proġetti jużaw annimali għall-finijiet ta' produzzjoni jew skopijiet dijanjostiċi b'metodi stabbiliti.

*Artikolu 41*

**Deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni, tittieħed u tiġi kkomunikata lill-applikant mhux aktar tard minn 40 jum ta' ħidma minn meta tiġi riċevuta l-applikazzjoni sħiħa u korretta. Dan il-perijodu għandu jinkludi l-evalwazzjoni tal-proġett.

2. Meta ġġustifikat bil-kumplessità jew in-natura multidixxiplinari tal-proġett, l-awtorità kompetenti tista' testendi l-perijodu msemmi fil-paragrafu 1 darba, b'perijodu addizzjonali li ma jeċċedix il-15-il jum ta' ħidma. L-estensjoni u kemm iddum għandha tkun debitament motivata u għandha tiġi notifikata lill-applikant qabel ma jiskadi l-perijodu msemmi fil-paragrafu 1.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikonoxxu lill-applikant l-applikazzjonijiet kollha għal awtorizzazzjoni mill-aktar fis possibbli, u għandhom jindikaw il-perijodu msemmi fil-paragrafu 1 li fih id-deċiżjoni tkun sejra tittieħed.

4. Fil-każ ta' applikazzjoni mhux kompluta jew inkorretta, l-awtorità kompetenti għandha, mill-aktar fis possibbli, tinforma lill-appikant bil-ħtieġa li jipprovdi xi dokumenti supplimentari u dwar kwalunkwe effetti possibbli fuq il-perijodu ta' żmien applikabbli.

*Artikolu 42*

**Proċedura amministrattiva ssimplifikata**

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jintroduċu proċedura amministrattiva ssimplifikata għal proġetti li fihom proċessi kklassifikati bħala "mingħajr irkupru", "ħfief" jew "moderati" u għal dawk li ma jagħmlux użu minn primati mhux umani, li huma meħtieġa sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti regolatorji, jew dawk li jużaw annimali għal skopijiet ta' produzzjoni jew djanjostiċi b'metodi stabbiliti.

2. Meta jintroduċu proċedura amministrattiv ssimplifikata, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu sodisfatti d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-applikazzjoni tispeċifika elementi msemmija fl-Artikolu 40(2)(a), (b) u (c).

(b) jitwettaq proġett tal-evalwazzjoni f'konformità mal-Artikolu 38; u

(c) li l-perijodu msemmij fl-Artikolu 41(1) ma jinqabiżx.

3. Jekk proġett jinbidel b'tali mod li jista' jkollu impatt negattiv fuq it-trattament xieraq tal-annimali, l-Istati Membri għandhom jitolbu evalwazzjoni tal-proġett ulterjuri b'eżitu favorevoli.

4. L-Artikoli 40(3) u (4), l-Artikolu 41(3) u l-Artikolu 44(3) sa (5) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal proġetti li jitħallew jiġu mwettqa f'konformità ma' dan l-Artikolu.

*Artikolu 43*

**Sommarji mhux tekniċi tal-proġetti**

1. Soġġett għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u l-informazzjoni kunfidenzjali, is-sommarju mhux tekniku tal-proġett għandu jipprovdi dan li ġej:

(a) informazzjoni dwar l-għanijiet tal-proġett, inkluż il-ħsara u l-benefiċċji previsti u l-għadd u t-tipi ta' annimali li ser jintużaw;

(b) prova tal-konformità mar-rekwiżit tas-sostituzzjoni, it-tnaqqis u r-raffinament.

Is-sommarju mhux tekniku tal-proġett għandu jkun anonimu u għandu jkun fih l-ismijiet u l-indirizzi tal-utent u l-persunal tiegħu.

2. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li s-sommarju mhux tekniku tal-proġett jispeċifika jekk proġett għandiex issirlu valutazzjoni retrospettiva u sa meta. F'tali każ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sommarju mhux tekniku tal-proġett jiġi aġġornat bir-riżultati ta' kwalunkwe valutazzjoni retrospettiva.

3. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw is-sommarji mhux tekniċi tal-proġetti awtorizzati u kwalunkwe aġġornament għalihom.

*Artikolu 44*

**Emendar, tiġdid jew irtirar ta' awtorizzazzjonijiet ta' proġetti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun meħtieġa emenda jew tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta' proġett għal kull bidla tal-proġett li jista' jkollha impatt negattiv fuq it-trattament xieraq tal-annimali.

2. Kull emenda jew tiġdid ta' awtorizzazzjoni ta' proġett għandha tkun soġġetta għal eżitu ieħor favorevoli tal-evalwazzjoni tal-proġett.

3. Meta l-proġett ma jitwettaqx b'konformità mal-awtorizzazzjoni tiegħu, l-awtorità kompetenti tista' tirtira din l-awtorizzazzjoni tal-proġett.

4. Meta tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni ta' proġett, it-trattament xieraq tal-annimali użati jew intenzjonati li jintużaw fil-proġett ma għandux jintlaqat ħażin.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jippubblikaw kondizzjonijiet għall-emendar u t-tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet ta' proġetti.

*Artikolu 45*

**Dokumentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dokumentazzjoni rilevanti kollha, inkluż l-awtorizzazzjonijiet tal-proġett u r-riżultat tal-evalwazzjoni tal-proġett jinżammu għall-anqas tliet snin mill-iskadenza tad-data tal-awtorizzazzjoni tal-proġett jew mill-iskadenza tal-perijodu msemmi fl-Artikolu 41(1) u għandha tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti.

2. Bla ħsara għall-paragrafu 1, id-dokumentazzjoni għal proġetti li jkollha ssirilhom valutazzjoni retrospettiva għandha tinżamm sakemm titlesta l-valutazzjoni retrospettiva.

KAPITOLU V

**EVITAR TA' DUPLIKAZZJONI U APPROĊĊI ALTERNATTIVI**

*Artikolu 46*

**Evitar ta' duplikazzjoni ta' proċessi**

Kull Stat Membru għandu jaċċetta data minn Stati Membri oħra li hi ġġenerata minn proċessi rikonoxxuti mil-leġislazzjoni tal-Unjoni, sakemm ma jkunx meħtieġ li jitwettqu aktar proċessi rigward dik id-data għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika, is-sikurezza jew l-ambjent.

*Artikolu 47*

**Approċċi alternattivi**

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-validazzjoni ta' approċċi alternattivi li jkunu jistgħu jipprovdu l-istess livell jew livelli aħjar ta' informazzjoni bħal dawk li jinkisbu fi proċessi fejn jintużaw l-annimali, iżda li jinvolvu l-użu ta' inqas annimali jew tal-ebda annimal jew li jinkludu proċessi li jikkawżaw inqas uġigħ, u huma għandhom jieħdu dawk il-passi li jikkunsidraw xierqa sabiex jinkuraġġixxu r-riċerka f'dan il-qasam.

2. L-Istati Membri għandhom jassistu lill-Kummissjoni biex tidentifika u tinnomina laboratorji speċjalizzati u kkwalifikati adatti biex iwettqu tali studji ta' validazzjoni.

3. Wara li tikkonsulta lill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-prijoritajiet għal dawk l-istudji ta' validazzjoni u tqassam il-kompiti bejn il-laboratorji għat-twettiq ta' dawk l-istudji.

4. L-Istati Membri għandhom, fil-livell nazzjonali, jiżguraw il-promozzjoni ta' approċċi alternattivi u t-tixrid tal-informazzjoni dwarhom.

5. L-Istati Membri għandhom jinnominaw punt ta' kuntatt uniku biex jagħti parir ir-rilevanza regolatorja u l-adagwatezza ta' approċċi alternattivi proposti għall-validazzjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha twettaq azzjoni adatta bil-ħsieb li tikseb għarfien internazzjonali tal-approċċi alternattivi vvalidati fl-Unjoni.

*Artikolu 48*

**Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni**

1. Il-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni u d-dmirijiet u l-kompiti tiegħu għandhom ikunu dawk imsemmijin fl-Anness VII.

2. Il-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni jista' jiġbor ħlas għas-servizzi li jipprovdi li ma jikkontribwixxux direttament għal aktar progress fis-sostituzzjoni, it-tnaqqis u l-irfinar.

3. Ir-regoli dettaljati meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-Anness VII jistgħu jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 56(3).

*Artikolu 49*

**Kumitat nazzjonali għall-protezzjoni ta' annimali użati għal skopijiet xjentifiċi**

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi kumitat nazzjonali għall-protezzjoni ta' annimali użati għal skopijiet xjentifiċi. Huwa għandu jagħti parir lill-awtoritajiet kompetenti u korpi dwar it-trattament xieraq tal-annimali f'materji li jittrattaw l-akkwist, it-tnissil, iż-żamma, il-kura u l-użu ta' annimali fi proċessi u jiżgura l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki.

2. Il-kumitati nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar l-operat ta' korpi dwar it-trattament xieraq tal-annimali u evalwazzjoni ta' proġett u jikkondividu l-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 50*

**Adattament tal-annessi għall-progress tekniku**

Sabiex tassifura li d-dispożizzjonijet tal-Annessi I u III sa VIII jirriflettu l-istat tal-progress tekniku u xjentifiku, bit-teħid f'konsiderazzjoni tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari permezz tar-rappurtar imsemmi fl-Artikolu 54(1), il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 51 u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 52 u 53, modifikazzjonijiet għal dawk l-Annessi, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet I u II tal-Anness VIII. Id-dati msemmija fit-Taqsima B tal-Anness III m'għandhomx jiġu mmexxija 'l quddiem. Meta tkun qed tadotta tali atti delegati, il-Kummissjoni għandha taġixxi skont id-dispożizzjonijiet relevanti ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 51*

**L-eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħat sabiex jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 50 għandhom jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni għal perijodu ta' tmien snin li jibda fid-9 ta' Novembru 2010. Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport rigward is-setgħat delegati mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel it-tmiem tal-perijodu ta' tmien snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi awtomatikament estiża għal perijodi tal-istess dewmien, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jirrevokawhiex skont l-Artikolu 52.

2. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Is-segħat sabiex tadotta atti delegati huma konferiti lill-Kummissjoni suġġetti għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 52 u 53.

*Artikolu 52*

**Ir-revoka tad-delega**

1. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 50 tista' tiġi revokata mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tibda proċedura interna sabiex tiddeċiedi jekk tirrevokax id-delega tas-setgħat għandha tagħmel ħilitha biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, u tindika s-setgħat delegati li jistgħu ikunu suġġetti għal revoka u r-raġunijiet possibbli għal revoka.

3. Id-deċiżjoni tar-revoka għandha twassal għat-tmiem tad-delega tas-setgħat imsemmija f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tieħu effett immedjatament jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ. Hija għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 53*

**Objezzjonijiet għall-atti delegati**

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat fi żmien perijodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika.

Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn.

2. Jekk, meta jiskadi dak il-perijodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, dan għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarat fih.

L-att delegat jista' jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu informaw it-tnejn li huma lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux objezzjonijiet.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal att delegat adottat, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tagħti r-raġunijiet għall-objezzjoni tal-att delegat.

*Artikolu 54*

**Rappurtar**

1. L-Istati Membri għandhom sal-10 ta' Novembru 2018, u kull ħames snin wara, jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari l-Artikoli 10(1), 26, 28, 34, 38, 39, 43 u 46.

2. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jiġbru u jippubblikaw informazzjoni statistika dwar l-użu ta' annimali fi proċessi, inkluż informazzjoni dwar is-severità vera tal-proċessi u dwar l-oriġini u l-ispeċijiet ta' primati mhux umani użati fil-proċessi.

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw din l-informazzjoni statistika lill-Kummissjoni sal-10 ta' Novembru 2015 u kull sena wara.

3. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw kull sena informazzjoni dettaljata dwar l-eżenzjonijiet mogħtija taħt l-Artikolu 6(4)(a) lill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha sal-10 ta' Mejju 2012 tistabbilixxi format komuni għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 2 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 56(3).

*Artikolu 55*

**Klawsoli ta' salvagwardja**

1. Meta Stat Membru jkollu raġunijiet xjentifikament ġustifikabbli sabiex jemmen li huwa essenzjali l-użu ta' primati mhux umani għall-iskopijiet imsemmija fl-Artikolu 8(1)(a)(i) firrigward ta' bnedmin, imma meta l-użu tagħhom ma jsirx bilħsieb tal-evitar, il-prevenzjoni, id-dijanjożi jew it-trattament ta' kondizzjonijiet kliniċi debilitanti jew li potenzjalment iqiegħdu ħajjet il-bniedem fil-periklu, huwa jista' jadotta miżura proviżorja li tippermetti tali użu, bil-kondizzjoni li l-għan ma jistax jinkiseb bl-użu ta' speċijiet oħra barra minn primati mhux umani.

2. Meta Stat Membru jkollu raġunijiet ġustifikabbli biex jemmen li hija meħtieġa azzjoni għall-preservazzjoni tal-ispeċi jew f'każ ta' tfaqqigħ mhux mistenni ta' kondizzjoni klinika debilitanti jew li tipperikola l-ħajja fil-każ tal-bnedmin, huwa jista' jadotta miżura proviżorja li tippermetti l-użu ta' xadini kbar fi proċessi li jkollhom wieħed mill-iskopijiet imsemmijin fil-punti (b)(i), (c) jew (e); sakemm l-għan tal-proċess ma jkunx jista' jinkiseb bl-użu ta' speċijiet oħra għajr dik tax-xadini kbar jew bl-użu ta' metodi alternattivi. Madankollu, ir-referenza għall-Artikolu 5(b)(i) m'għandhiex tinftiehem li tinkludi r-referenza għall-annimali u l-pjanti.

3. Fejn, għal raġunijiet xjentifikament ġustifikabbli u eċċezzjonali Stat Membru jqis li huwa meħtieġ li jiġi permess l-użu ta' proċess li jinvolvi uġigħ kbir, tbatija jew skonfort li x'aktarx idum żmien twil u ma jistax jittaffa, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2), huwa jista' jadotta miżura proviżorja li tippermetti tali proċess. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jippermettux l-użu ta' primati mhux umani f'tali proċessi.

4. Stat Membru li jkun adotta miżura proviżorja skont il-paragrafu 1, 2 jew 3 għandu jinforma immedjatament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan, filwaqt li jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu u jressaq il-provi tas-sitwazzjoni kif deskritt fil-paragrafi 1, 2 u 3 li fuqha hija bbażata l-miżura provviżorja.

Il-Kummissjoni għandha tressaq il-każ quddiem il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 56(1) fi żmien 30 jum minn meta tiġi riċevuta l-informazzjoni mill-Istat Membru u għandha, f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 56(3) jew:

(a) tawtorizza l-miżura provviżorja għal perjodu ta' żmien definit fid-deċiżjoni; jew

(b) tirrikjedi lill-Istat Membru jirrevoka l-miżura proviżorja.

*Artikolu 56*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'rigward għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kunsiderazzjoni għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5 (6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun iffissat għal tliet xhur.

*Artikolu 57*

**Rapport tal-Kummissjoni**

1. Sal-10 ta' Novembru 2019 seba' u kull ħames snin wara, il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-informazzjoni li tirċievi mill-Istati Membri skont l-Artikolu 54(1), tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Sal-10 ta' Novembru 2019 u kull tliet snin wara, il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-informazzjoni statistika li l-Istati Membri jippreżentaw skont l-Artikolu 54(2), tippreżenta rapport sommarju dwar dik l-informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 58*

**Reviżjoni**

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi din id-Direttiva sal-10 ta' Novembru 2017, b'konsiderazzjoni għall-progress li jkun sar fl-iżvilupp ta' metodi alternattivi li ma jinkludux l-użu ta' annimali, u b'mod partikolari ta' primati mhux umani, u għandha tipproponi l-emendi li jidhrilha jkunu xierqa.

Il-Kummissjoni għandha, fejn adatt, u f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet interessati, twettaq reviżjonijiet perijodiċi tematiċi tas-sostituzzjoni, it-tnaqqis u r-raffinament tal-użu ta' annimali fi proċessi, filwaqt li tagħti attenzjoni speċifika għall-primati mhux umani, żviluppi teknoloġiċi, u għarfien xjentifiku ġdid u dwar it-trattament xieraq tal-annimali.

*Artikolu 59*

**Awtoritajiet kompetenti**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti tiegħu li jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Għall-implimentazzjoni tal-kompiti speċifiċi stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri ma jistgħux jaħtru korpi li ma jkunux awtoritajiet pubbliċi ħlief jekk ikun hemm prova li l-korp:

(a) għandu l-kompetenza u l-infrastruttura meħtieġa biex iwettaq il-kompiti; u

(b) huwa ħieles minn kull konflitt ta' interessi rigward it-twettiq tal-kompiti.

Dawn l-entitajiet maħtura għandhom jitqiesu bħala awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

2. Kull Stat Membru għandu jikkomunika d-dettalji ta' awtorità nazzjonali, li sservi bħala punt ta' kuntatt għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, lill-Kummissjoni sal-10 ta' Frar 2011 kif ukoll kwalunkwe aġġornaemnt għal tali data.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel pubblika l-lista ta' dawn il-punti ta' kuntatt.

*Artikolu 60*

**Pieni**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni pprovduti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk id-dispożizzjonijiet sal-10 ta' Frar 2013 u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

*Artikolu 61*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sal-10 ta' Novembru 2012, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2013

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodu li bih għandha ssir tali referenza għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 62*

**Revoka**

1. Id-Direttiva 86/609/KEE hi rrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2013 bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 13 li għandu jkun revokat b'effett mill-10 ta' Mejju 2013.

2. Ir-referenzi għad-Direttiva revokata għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva.

*Artikolu 63*

**Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009**

Il-punt (a)(iv) tal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 huwa sostitwit b'dan liġej:

"(iv) annimali użati fi proċess jew proċessi ddefiniti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2010/63/UE tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali użati għal skopijiet xjentifiċi (*), f'każijiet fejn l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li dawk l-annimali jew xi partijiet minn ġisimhom għandhom il-potenzjal li jikkawżaw riskji tas-saħħa serji għall-bnedmin jew għal annimali oħra, b'riżultat ta' dawk il-proċess(i) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003;

(*) ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33."

*Artikolu 64*

**Dispożizzjonijiet transitorji**

1. L-Istati Membri m'għandhomx japplikaw il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi adottati f'konformità mal-Artikoli 36 sa 45 għal proġetti li ġew approvati qabel l-1 ta' Jannar 2013 u li t-tul tagħhom ma jestendix lil hinn mill-1 ta' Jannar 2018.

2. Il-proġetti li ġew approvati qabel l-1 ta' Jannar 2013 u li t-tul tagħhom jestendi lil hinn mill-1 ta' Jannar 2018 għandhom jiksbu l-awtorizzazzjoni tal-proġett sal-1 ta' Jannar 2018.

*Artikolu 65*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 66*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, it-22 ta' Settembru 2010.

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | O. CHASTEL |

*ANNESS I*

**LISTA TA' ANNIMALI MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 10**

1. Ġurdien (*Mus musculus*)
2. Far (*Rattus norvegicus*)
3. Fenek tal-Indi (*Cavia porcellus*)
4. Ħamster tas-Sirja (dehbi) (*Mesocricetus auratus*)
5. Ħamster taċ-Ċina (*Cricetulus griseus*)
6. Ġerbill tal-Mongolja (*Meriones unguiculatus*)
7. Fenek (*Oryctolagus cuniculus*)
8. Kelb (*Canis familiaris*)
9. Qattus (*Felis catus*)
10. L-ispeċijiet kollha ta' primati mhux umani
11. Żrinġ (*Xenopus (laevis, tropicalis*), Rana (*temporaria, pipiens*))
12. Ħuta żebra (*Danio rerio*)

*ANNESS II*

**LISTA TA' PRIMATI MHUX UMANI U DATI MSEMMIJIN FIT-TIENI SUBPARAGRAFU TAL-ARTIKOLU 10(1)**

| Speċi | Dati |
|---|---|
| Marmosett (*Callithrix jacchus*) | 1 ta' Jannar 2013 |
| Xadina Cynomolgus (*Macaca fascicularis*) | 5 snin wara l-pubblikazzjoni tal-istudju ta' fattibbiltà msemmi fl-Artikolu 10(1), ir-raba' subparagrafu, dment li l-istudju ma jirrakkomandax perijodu estiż |
| Xadina Rhesus (*Macaca mulatta*) | 5 snin wara l-pubblikazzjoni tal-istudju ta' fattibbiltà msemmi fl-Artikolu 10(1), ir-raba' subparagrafu, dment li l-istudju ma jirrakkomandax perijodu estiż |
| Speċijiet oħra ta' primati mhux umani | 5 snin wara l-pubblikazzjoni tal-istudju ta' fattibbiltà msemmi fl-Artikolu 10(1), ir-raba' subparagrafu, dment li l-istudju ma jirrakkomandax perijodu estiż |

*ANNESS III*

## REKWIŻITI GĦALL-ISTABBILIMENTI U GĦALL-KURA U Ż-ŻAMMA TAL-ANNIMALI

**Taqsima A: Taqsima ġenerali**

1. Il-faċilitajiet fiżiċi:

1.1. Il-funzjonijiet u l-ippjanar ġenerali:

(a) Kull faċilità għandha tinbena b'tali mod li toħloq ambjent li jqis il-ħtiġijiet fiżjoloġiċi u etoloġiċi tal-ispeċi li jinżammu fihom. Barra min hekk, il-faċilitajiet għandhom ikunu ppjanati u ġestiti b'mod li ma jippermettix aċċess għal persuni mhux awtorizzati u d-dħul jew il-ħarba tal-annimali.

(b) L-istabbilimenti għandhom japplikaw programm attiv ta' manutenzjoni għall-prevenzjoni u r-rimedju għal kull difett fil-bini jew fit-tagħmir.

1.2. Kmamar għaż-żamma temporanja:

(a) L-istabbilimenti għandu jkollhom skeda regolari u effiċjenti għat-tindif tal-kmamar u għandhom uiżommu standards ta' iġjene sodisfaċenti.

(b) Il-ħitan u l-art għandu jkollhom wiċċ magħmul minn materjal li jkun reżistenti għax-xedd u kedd konsiderevoli kkawżat mill-annimali u waqt il-proċess tat-tindif. Il-materjal ma għandux ikun ta' detriment għas-saħħa tal-annimali u għandu jkun tali li l-annimali ma jkunux jistgħu jweġġgħu bih. Għandha tingħata protezzjoni wkoll lil kwalunkwe tagħmir jew oġġetti fissi fil-post sabiex la ssirilhom ħsara mill-annimali u lanqas ma jweġġgħu l-annimali magħhom.

(c) Speċi li huma inkompatibbli, pereżempju predatur u priża, jew annimali li jeħtieġu kondizzjonijiet ambjentali differenti, ma għandhomx jinżammu fl-istess kamra u lanqas, fil-każ ta' predatur u priża, fejn jistgħu jaraw, ixommu jew jisimgħu lil xulxin.

1.3. Postijiet ta' proċess għal skopijiet ġenerali u għal skopijiet speċjali:

(a) L-istabbilimenti għandhom, fejn ikun meħtieġ, ikollhom faċilitajiet ta' laboratorju sabiex isiru testijiet dijanjostiċi sempliċi, awtopsji, u/jew il-ġbir ta' kampjuni li fuqhom ikunu ser isiru investigazzjonijiet aktar estensivi f'laboratorju xi mkien ieħor. Kmamar ta' proċess għal skopijiet ġenerali u għal skopijiet speċjali għandhom ikunu disponibbli għal sitwazzjonijiet fejn mhuwiex mixtieq li jitwettqu proċessi jew osservazzjonijiet fil-kmamar għaż-żamma temporanja.

(b) Għandhom jiġu pprovduti faċilitajiet li jippermettu li l-annimali li għadhom kemm ġew akkwistati jkunu iżolati sakemm jiġi ddeterminat l-istat tas-saħħa tagħhom, u sakemm jiġi vvalutat u mnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju potenzjali għas-saħħa tal-annimali tal-post.

(c) Għandu jkun hemm faċilitajiet fejn l-annimali morda jew midruba jinżammu separatament.

1.4. Kmamar għas-servizzi:

(a) Il-kmamar tal-ħżin għandhom ikunu mfassla, użati u miżmuma tajjeb sabiex titħares il-kwalità tal-ikel u tal-friex fejn jorqdu l-annimali. Dawn il-kmamar għandhom ikunu kemm jista' jkun protetti mill-vermi u l-insetti. Materjali oħra, li jistgħu jkunu kkontaminati jew ikunu ta' periklu għall-annimali jew għall-persunal, għandhom jinħażnu separatament.

(b) Il-postijiet fejn isir it-tindif u l-ħasil għandhom ikunu kbar biżżejjed li jkun hemm fejn joqogħdu l-istallazzjonijiet meħtieġa biex jiddekontaminaw u jnaddfu t-tagħmir użat. Il-proċess tat-tindif għandu jkun ippjanat b'tali mod li t-tagħmir nadif u dak maħmuġ jibqgħu dejjem separati u b'hekk ma jiġix ikkontaminat it-tagħmir li jkun għadu kemm tnaddaf.

(c) L-istabbilimenti għandhom jipprovdu għall-ħżin iġjeniku u r-rimi sikur tal-karkassi u tal-iskart tal-annimali.

(d) Fejn ikunu meħtieġa proċessi kirurġiċi taħt kondizzjonijiet asettiċi għandhom ikunu pprovduti kamra waħda jew aktar minn waħda bit-tagħmir adatt, kif ukoll faċilitajiet għall-ikupru ta' wara l-operazzjoni.

2. L-ambjent u l-kontroll tiegħu:

2.1. Ventilazzjoni u temperatura:

(a) L-iżolament, it-tisħin u l-ventilazzjoni tal-kamra għaż-żamma temporanja għandhom jiżguraw li ċ-ċirkulazzjoni tal-arja, il-kwantitajiet ta' trab u l-konċentrazzjoni ta' gassijiet jinżammu f'limiti li mhumiex ta' ħsara għall-annimali miżmuma.

(b) It-temperatura u l-umdità relattiva fil-kmamar għaż-żamma temporanja għandhom jiġu adattati għall-ispeċi u għall-kategoriji ta' età li jinżammu fihom. It-temperatura għandha titkejjel u tiġi rreġistrata kuljum.

(c) L-annimali ma għandhomx jiġu ristretti f'postijiet fil-miftuħ fejn ikun hemm kondizzjonijiet klimatiċi li jistgħu jikkawżawlhom skonfort.

2.2. Id-dwal:

(a) F'każijiet fejn id-dawl naturali ma jipprovdix ċiklu xieraq ta' dawl/dlam, hu meħtieġ li tiġi pprovduta sistema kontrollata ta' dawl li tissodisfa l-ħtiġijiet bijoloġiċi tal-annimali kif ukoll tipprovdi ambjent tax-xogħol sodisfaċenti.

(b) Għandu jkun hemm illuminazzjoni adegwata għall-proċessi ta' trobbija u ta' spezzjoni tal-annimali.

(c) Għandu jkun hemm perjodi regolari ta' dawl, b'intensità adattata għall-ispeċijiet miżmumin.

(d) Fil-każ ta' annimali albini, id-dawl għandu jiġi adattat b'kunsiderazzjoni għall-fatt li dawn l-annimali huma sensittivi għad-dawl.

2.3. L-istorbju:

(a) Il-livelli tal-ħoss inkluż l-ultrasoniku ma għandhomx ikollom effett ħażin fuq it-trattament xieraq tal-annimali.

(b) L-istabbilimenti għandu jkollhom sistemi ta' allarm li ma jinstemgħux fil-firxa sensittiva tas-smigħ tal-annimali, basta jibqgħu jinstemgħu mill-bniedem.

(c) Il-kmamar għaż-żamma temporanja għandhom fejn meħtieġ ikollhom materjali għall-isolazzjoni u l-assorbiment tal-ħsejjes.

2.4. Sistemi tal-allarm:

(a) Stabbilimenti li jiddependu ħafna mit-tagħmir elettriku jew mekkaniku għall-kontroll u għall-protezzjoni tal-ambjent għandu jkollhom sistema stand-by sabiex tħaddem is-servizzi essenzjali u s-sistemi tad-dwal ta' emerġenza kif ukoll sabiex tiżgura li l-istess sistemi tal-allarm jibqgħu jaħdmu.

(b) Sistemi tat-tishin u sistemi tal-ventilazzjoni għandu jkollhom strumenti ta' monitoraġġ u sistemi tal-allarm.

(c) Struzzjonijiet ċari dwar proċessi ta' emerġenza għandhom jitqiegħdu fejn jarahom kulħadd.

3. Kura tal-annimali:

3.1. Is-saħħa:

(a) L-istabbilimenti għandu jkollhom strateġija stabbilita li tiżgura li jinżamm stat tas-saħħa tal-annimali li jissalvagwardja t-trattament xieraq tagħhom u li jissodisfa r-rekwiżiti xjentifiċi. Din l-istrateġija għandha tinkludi monitoraġġ regolari tas-saħħa, programm ta' sorveljanza mikrobijoloġika u pjanijiet sabiex jittrattaw problemi tas-saħħa, u għandha tiddefinixxi parametri tas-saħħa u proċessi għad-dħul ta' annimali ġodda.

(b) L-annimali għandhom jiġu eżaminati mill-inqas darba kuljum minn persuna kompetenti. Dawn il-visti għandhom jiżguraw li kull annimal marid jew midrub jiġi identifikat u li tittieħed azzjoni adatta.

3.2. Annimali li jinqabdu mis-selvaġġ:

(a) Kontenituri u mezzi ta' trasport adattati għall-ispeċijiet għandhom ikunu disponibbli fuq il-post tal-qabda, f'każ li jkun hemm il-ħtieġa li l-annimali jiġu ttrasportati sabiex jiġu eżaminati jew ittrattati.

(b) Għandha tingħata attenzjoni speċjali u jittieħdu miżuri adatti għall-klimatizzazzjoni, il-kwarantina, il-post fejn jinżammu, it-trobbija, kura tal-annimali meħuda mill-ambjent naturali, u kif ikun adatt, dispożizzjonijiet biex jinħelsu fi tmiem il-proċessi.

3.3. Żamma u arrikkiment:

(a) Żamma

L-annimali, ħlief dawk li għandhom natural solitarju, għandhom jiġu miżmuma flimkien fi gruppi stabbli ta' individwi li jkunu kompatibbli ma' xulxin. F'każijiet fejn ikun permess alloġġ solitarju f'konformità mal-Artikolu 33(3) id-durata għandha tkun limitata għall-perijodu minimu meħtieġ, u għandhom jinżammu l-kuntatti viżivi, tas-smigħ, tax-xamm u/jew tal-mess. L-introduzzjoni jew l-introduzzjoni mill-ġdid ta' annimali fi gruppi stabbiliti ta' annimali għandha tkun immonitorjata b'attenzjoni sabiex jiġu evitati problemi ta' inkompatibbiltà u ta' sfrattu tar-relazzjonijiet ta' bejniethom.

(b) Arrikkiment

L-annimali kollha għandu jkollhom spazju li jkun kumpless biżżejjed sabiex ikunu jistgħu jesprimu repertorju wiesa' mill-imġiba naturali tagħhom. Għandu jitħallielhom ċertu kontroll u għażla tal-ambjent tagħhom sabiex titnaqqas l-imġiba li tkun riżultat ta' skonfort. L-istabbilimenti għandu jkollhom stabbiliti tekniki xierqa ta' arrikkiment, li jkabbru l-possibbiltajiet ta' attivitajiet li l-annimali jkunu jistgħu jagħmlu u l-kapaċitajiet tagħhom, fosthom dawk li jagħmlu eżerċizzji fiżiċi, ifittxu għall-ikel, jagħmlu attivitajiet manipulattivi u konjittivi, kif ikun jixraq għall-ispeċijiet. L-arrikkiment mill-ambjent fil-kumpartimenti għall-annimali għandu jkun adattat għall-ispeċijiet u għall-ħtiġijiet individwali tal-annimali konċernati. L-istrateġiji ta' arrikkiment fl-istabbilimenti għandhom jiġu riveduti u aġġornati regolarment.

(c) Kumpartimenti għall-annimali

Il-kumpartimenti għall-annimali ma għandhomx ikunu magħmula minn materjali li huma ta' ħsara għas-saħħa tal-annimali. Id-disinn u l-bini tagħhom għandu jkun tali li ma jagħmilx ħsara lill-annimali. Sakemm ma jkunux ser jintremew wara l-użu, għandhom ikunu magħmulin minn materjali li jifilħu għat-tindif u għal tekniki ta' dekontaminazzjoni. Id-disinn tal-art tal-kumpartiment għall-annimali għandu jkun adattat għall-ispeċi u l-età tal-annimali u sabiex jitħaffef ix-xogħol tat-tneħħija tal-ħmieġ tal-annimali.

3.4. L-għalf:

(a) L-għamla, il-kontenut u l-preżentazzjoni tal-għalf għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' nutriment u ta' mġiba tal-annimal.

(b) Id-dieta tal-annimali għandu jkollha togħma tajba u ma għandhiex tkun ikkontaminata. Fl-għażla tal-materja prima, fil-produzzjoni, fil-preparazzjoni u fil-preżentazzjoni tal-għalf, l-istabbilimenti għandhom jieħdu l-miżuri sabiex il-kontaminazzjoni kimika, fiżika u mikrobijoloġika titnaqqas kemm jista' jkun.

(c) L-ippakkjar, it-trasport u l-ħażna għandhom ikunu tali li jiġu eliminati l-kontaminazzjoni, it-taħsir jew il-qerda tal-prodott. Id-delijiet tal-għalf, il-ħwat u l-utensili l-oħra li jintużaw għat-tmigħ għandhom jiġu mnaddfa regolarment u, jekk ikun neċessarju, jiġu sterilizzati.

(d) L-annimali kollha għandu jkollhom aċċess għall-ikel, u r-roqgħa li minnha jiekol l-annimal għandha tkun kbira biżżejjed biex tillimita l-kompetizzjoni għall-għalf.

3.5. Tisqija:

(a) L-annimali, għandu jkollhom aċċess il-ħin kollu għal ilma tax-xorb mhux ikkontaminat.

(b) Meta jintużaw sistemi tat-tisqija awtomatiċi, huma għandhom jiġu regolarment iċċekkjati, għandhom jingħataw manutenzjoni u jiġu mlaħalħa bl-ilma regolarment sabiex jiġu evitati l-inċidenti. Jekk jintużaw gaġeġ b'qiegħ solidu, għandha tingħata attenzjoni sabiex ir-riskju ta' għargħar jiġi mnaqqas kemm jista' jkun.

(c) Għandha tingħata attenzjoni sabiex il-provvista tal-ilma lill-akkwarji u l-vaski tiġi adattata għall-ħtiġijiet u għal-limiti ta' tolleranza ta' speċi individwali ta' ħut, anfibji u rettili.

3.6. Postijiet tal-mistrieħ u tal-irqad:

(a) L-annimali dejjem għandu jkollhom materjali għall-friex jew strutturi fejn jorqdu adattati għall-ispeċi tagħhom, fosthom, materjali għat-tbejjit jew strutturi għat-tgħammir tagħhom.

(b) Fil-kumpartiment tal-annimal, kif adatt għall-ispeċi, għandu jiġi pprovdut post tal-mistrieħ sod u komdu għall-annimali kollha. Il-postijiet tal-irqad kollha għandhom jinżammu ndaf u xotti.

3.7. Trattament:

L-istabbilimenti għandhom jipprovdu programmi ta' abitwazzjoni u taħriġ adatti għall-annimali, il-proċessi u t-tul tal-proġett.

**Taqsima B: Taqsima dwar speċijiet speċifiċi**

1. Ġrieden, firien, ġerbills, ħamsters u fniek tal-Indi

F'din it-tabella u f'oħrajn sussegwenti, għall-ġrieden, il-firien, il-ġerbills, il-ħamsters u l-fniek tal-Indi, "għoli tal-kumpartiment" tfisser id-distanza vertikali bejn l-art u s-saqaf tal-kumpartiment, u dan l-għoli għandu jkun japplika għal aktar minn 50 % tal-erja tal-art tal-kumpartiment minima qabel iż-żieda ta' mezzi ta' arrikkiment.

Waqt l-ippjanar tal-proċessi, għandu jiġi kkunsidrat l-iżvilupp fiżiku potenzjali tal-annimali sabiex ikun żgurat li jingħata l-ispazju adegwat (kif deskritt fit-Tabelli 1.1 sa 1.5) għat-tul taż-żmien tal-istudju.

*Tabella 1.1.*

**Ġrieden**

| | Piż tal-ġisem (f) | Daqs minimu tal-kumpartiment ($cm^2$) | Erja tal-art għal kull annimal ($cm^2$) | L-għoli minimu tal-kumpartiment (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Fl-istokk u waqt il-proċessi | sa 20 | 330 | 60 | 12 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| | bejn 20 u 25 | 330 | 70 | 12 | |
| | bejn 25 u 30 | 330 | 80 | 12 | |
| | aktar minn 30 | 330 | 100 | 12 | |
| Tgħammir | | 330<br>Tgħammir Għal par monogamu (li jiġu/ ma jiġux minn xulxin) jew trio (li jiġu minn xulxin) Għal kull żieda ta' mara u l-boton tagħha għandhom jiżdiedu 180 $cm^2$ | | 12 | |
| Stokk fil-post tat-tgħammir (*)<br>Daqs tal-kumpartiment<br>950 $cm^2$ | inqas minn 20 | 950 | 40 | 12 | |
| Daqs tal-kumpartiment<br>1 500 $cm^2$ | inqas minn 20 | 1 500 | 30 | 12 | |

(*) Ġrieden li jkun għadhom kemm infatmu jistgħu jinżammu f'dawn id-densitajiet ta' stokk ogħla għall-perijodu qasir ta' bejn il-fatma u l-ħruġ, sakemm l-annimali jkunu miżmuma f'kumpartimenti akbar b'arrikkiment adegwat, u dawn il-kondizzjonijiet ta' alloġġ ma jikkawżawx xi tnaqqis fit-trattament xieraq bħal livelli ogħla ta' aggressjoni, morbożità jew mortalità, sterjotipi u żbilanċi oħra fl-imġiba, telf fil-piż, jew reazzjonijiet oħra fiżjoloġiċi jew ta' tensjoni fl-imġiba.

*Tabella 1.2.*

**Firien**

| | Piż tal-ġisem (f) | Daqs minimu tal-kumpartiment ($cm^2$) | Erja tal-art għal kull annimal ($cm^2$) | Għoli minimu tal-kumpartiment (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Fl-istokk u waqt il-proċessi (*) | sa 200 | 800 | 200 | 18 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| | bejn 200 u 300 | 800 | 250 | 18 | |
| | bejn 300 u 400 | 800 | 350 | 18 | |
| | bejn 400 u 600 | 800 | 450 | 18 | |
| | aktar minn 600 | 1 500 | 600 | 18 | |

| | Piż tal-ġisem (f) | Daqs minimu tal-kumpartiment ($cm^2$) | Erja tal-art għal kull annimal ($cm^2$) | Għoli minimu tal-kumpartiment (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Tgħammir | | 800<br>L-omm u l-boton. Għal kull annimal adult ieħor miżjud fil-kumpartiment permanentament żid 400 $cm^2$ | | 18 | |
| Stokk fil-post tat-tgħammir (**)<br>Daqs tal-kumpartiment<br>1 500 $cm^2$ | sa 50 | 1 500 | 100 | 18 | |
| | bejn 50 u 100 | 1 500 | 125 | 18 | |
| | bejn 100 u 150 | 1 500 | 150 | 18 | |
| | bejn 150 u 200 | 1 500 | 175 | 18 | |
| Stokk fil-post tat-tgħammir (**)<br>Daqs tal-kumpartiment<br>2 500 $cm^2$ | sa 100 | 2 500 | 100 | 18 | |
| | bejn 100 u 150 | 2 500 | 125 | 18 | |
| | bejn 150 u 200 | 2 500 | 150 | 18 | |

(*) Fi studji għal żmien fit-tul, jekk l-allokazzjonijiet ta' spazju għal kull annimal individwali jkunu inqas minn dawk indikati hawn fuq lejn tmiem dawk l-istudji, għandha tingħata prijorità għaż-żamma ta' strutturi soċjali stabbli.

(**) Firien li jkun għadhom kemm infatmu jistgħu jinżammu f'dawn id-densitajiet ta' stokk ogħla għall-perijodu qasir ta' bejn il-fatma u l-ħruġ, sakemm l-annimali jkunu miżmuma f'kumpartimenti akbar b'arrikkiment adegwat, u dawn il-kondizzjonijiet ta' alloġġ ma jikkawżawx xi tnaqqis fit-trattament xieraq bħal livelli ogħla ta' aggressjoni, morbożità jew mortalità, sterjotipi u żbilanċi oħra fl-imġiba, telf fil-piż, jew reazzjonijiet oħra fiżjoloġiċi jew ta' tensjoni fl-imġiba.

*Tabella 1.3.*

**Ġerbills**

| | Piż tal-ġisem (f) | Daqs minimu tal-kumpartiment ($cm^2$) | Erja tal-art għal kull annimal ($cm^2$) | L-għoli minimu tal-kumpartiment (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Fl-istokk u waqt il-proċessi | sa 40 | 1 200 | 150 | 18 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| | aktar minn 40 | 1 200 | 250 | 18 | |
| Tgħammir | | 1 200<br>Par monogamu jew triju bil-frieħ | | 18 | |

*Tabella 1.4.*

**Ħamsters**

| | Piż tal-ġisem (f) | Daqs minimu tal-kumpartiment ($cm^2$) | Erja tal-art għal kull annimal ($cm^2$) | L-għoli minimu tal-kumpartiment (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Fl-istokk u waqt il-proċessi | sa 60 | 800 | 150 | 14 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| | bejn 60 u 100 | 800 | 200 | 14 | |
| | aktar minn 100 | 800 | 250 | 14 | |

| | Piż tal-ġisem (f) | Daqs minimu tal-kumpartiment (cm²) | Erja tal-art għal kull annimal (cm²) | L-għoli minimu tal-kumpartiment (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Tgħammir | | 800<br>Omm jew par monogamu bil-boton | | 14 | |
| Stokk fil-post tat-tgħammir (*) | inqas minn 60 | 1 500 | 100 | 14 | |

(*) Ħamsters li jkun għadhom kemm infatmu jistgħu jinżammu f'dawn id-densitajiet ta' stokk ogħla għall-perijodu qasir ta' bejn il-fatma u l-ħruġ, sakemm l-annimali jkunu miżmuma f'kumpartimenti akbar b'arrikkiment adegwat, u dawn il-kondizzjonijiet ta' alloġġ ma jikkawżawx xi tnaqqis fit-trattament xieraq bħal livelli ogħla ta' aggressjoni, morbożità jew mortalità, sterjotipi u żbilanċi oħra fl-imġiba, telf fil-piż, jew reazzjonijiet oħra fiżjoloġiċi jew ta' tensjoni fl-imġiba.

*Tabella 1.5.*

**Fniek tal-Indi**

| | Piż tal-ġisem (f) | Daqs minimu tal-kumpartiment (cm²) | Erja tal-art għal kull annimal (cm²) | L-għoli minimu tal-kumpartiment (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Fl-istokk u waqt il-proċessi | sa 200 | 1 800 | 200 | 23 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| | bejn 200 u 300 | 1 800 | 350 | 23 | |
| | bejn 300 u 450 | 1 800 | 500 | 23 | |
| | bejn 450 u 700 | 2 500 | 700 | 23 | |
| | aktar minn 700 | 2 500 | 900 | 23 | |
| Tgħammir | | 2 500<br>Par bil-boton. Par bil-boton Għal kull mara tat-tgħammir żid 1 000 cm² | | 23 | |

2. Fniek

Matul riċerka agrikola, meta l-għan tal-proġett jitlob li l-annimali jinżammu f'kondizzjonijiet simili għal dawk kif jinżammu l-annimali tal-irziezet kummerċjali, iż-żamma tal-annimali għandha mill-inqas issegwi l-istandards stabbiliti fid-Direttiva 98/58/KE ([1]).

Fil-kumpartiment għandu jkun hemm erja li tkun xi ftit ogħla mill-kumplament tal-art. Din l-erja għandha tkun tali li taħtha, l-annimal ikun jista' jimtedd u jpoġġi u jiċċaqlaq faċilment, u ma għandhiex tkun akbar minn 40 % tal-ispazju totali tal-art. Meta għal raġunijiet xjentifiċi jew veterinarji ma tkunx tista' tintuża medda mgħollija, il-kumpartiment għandu jkun 33 % akbar fil-każ ta' fenek waħdu u 60 % akbar fil-każ ta' żewġt ifniek. Meta tkun ipprovduta medda mgħollija għal fniek ta' inqas minn 10 ġimgħat, id-daqs tal-medda mgħollija għandu jkun mill-inqas 50 cm b'25 cm u l-għoli 'l fuq mill-art għandu jkun tali li l-annimali jkunu jistgħu jużawh.

*Tabella 2.1.*

**Fniek ta' aktar minn 10 ġimgħat ta' età**

Tabella 2,1 għandha tintuża kemm għall-gaġeġ kif ukoll għall-btieħi. L-erja addizzjonali ta' art hi mill-inqas 3 000 cm² għal kull fenek għat-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt fenek, filwaqt li mill-inqas 2 500 cm² għandhom jiġu miżjuda għal kull fenek ieħor wara s-sitt fenek.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23).

| Piż finali tal-ġisem (kg) | Medda minima ta' art għal annimal wieħed jew għal tnejn li huma f'armonija soċjali ($cm^2$) | Għoli minimu (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|
| inqas minn 3 | 3 500 | 45 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| minn 3 sa 5 | 4 200 | 45 | |
| aktar minn 5 | 5 400 | 60 | |

*Tabella 2.2.*

**Fenka u l-boton**

| Il-piż tal-fenka (kg) | Daqs minimu tal-kumpartiment ($cm^2$) | Żieda għall-kaxex għat-tbejjit ($cm^2$) | Għoli minimu (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|
| inqas minn 3 | 3 500 | 1 000 | 45 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| minn 3 sa 5 | 4 200 | 1 200 | 45 | |
| aktar minn 5 | 5 400 | 1 400 | 60 | |

*Tabella 2.3.*

**Fniek ta' anqas minn 10 ġimgħat ta' età**

Tabella 2.3 għandha tintuża kemm għall-gaġeġ kif ukoll għall-btieħi.

| L-età | Daqs minimu tal-kumpartiment ($cm^2$) | Erja minima ta' art għal kull annimal ($cm^2$) | Għoli minimu (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|
| Ftim sa 7 ġimgħat | 4 000 | 800 | 40 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| Mill-ftim sa 7 ġimgħat | 4 000 | 1 200 | 40 | |

*Tabella 2.4.*

**Fniek: L-aħjar qisien għaż-żoni mgħollija mill-art f'kumpartimenti li jkollhom il-qisien murija fit-Tabella 2.1.**

| Età f'ġimgħat | Piż tal-ġisem finali (kg) | (kg) L-aħjar daqs (cm × cm) | L-aħjar għoli mill-art tal-kumpartiment (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|
| aktar minn 10 | inqas minn 3 | 55 × 25 | 25 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| | minn 3 sa 5 | 55 × 30 | 25 | |
| | aktar minn 5 | 60 × 35 | 30 | |

3. Qtates

Il-qtates ma għandhomx jinżammu waħedhom għal aktar minn 24 siegħa kull darba. Qtates li jkunu ripetutament aggressivi ma' qtates oħra għandhom jinżammu waħedhom fil-każ biss li ma jkunx jista' jinstab sieħeb jew sieħba kompatibbli. It-tensjoni soċjali fl-individwi kollha alloġġjati f'pari jew fi gruppi għandha tkun segwita mill-inqas darba fil-ġimgħa. Qtates nisa li jkollhom frieħ ta' inqas minn erba' ġimgħat jew li jkunu fl-aħħar ġimagħtejn tat-tqala jistgħu jinżammu waħedhom.

*Tabella 3*

**Qtates**

L-iċken spazju li fih jistgħu jinżammu qattusa omm u l-boton tagħha huwa dak għal qattus wieħed, liema spazju għandu jiżdied gradwalment sabiex meta l-boton ikollu erba' xhur ikun ingħata alloġġ ġdid simili għar-rekwiżiti ta' spazju għall-adulti.

L-erjas għat-tmigħ u t-trejs fejn iħammġu l-qtates ma għandhomx ikunu mbiegħda aktar min-nofs metru u ma għandhomx jiġu mibdula ma' xulxin.

| | Art (*) ($m^2$) | Xkafef ($m^2$) | Għoli (m) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|
| Il-minimu għal annimal adult wieħed | 1,5 | 0,5 | 2 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| Għal kull annimal ieħor żid | 0,75 | 0,25 | — | |

(*) Il-medda tal-art minbarra l-ixkafef.

4. Klieb

Il-klieb għandhom kemm jista' jkun jingħataw opportunitajiet ta' ġirjiet barra. Huma ma għandhomx jinżammu waħedhom għal aktar minn 4 sigħat kull darba.

Il-kumpartiment fuq ġewwa ma għandux ikun inqas minn 50 % tal-ispazju minimu disponibbli għall-klieb, kif deskritt fit-Tabella 4.1.

L-allokazzjonijiet ta' spazju deskritti hawn taħt huma bbażati fuq il-ħtiġijiet tal-beagles, iżda razez kbar bħall-klieb ta' San Bernard jew l-Irish Wolfhounds għandu jkollhom allokazzjonijiet ferm akbar minn dawk deskritti fit-Tabella 4.1. Għal razez differenti minn tal-beagle li jintużaw fil-laboratorju, it-tolleranzi ta' spazju għandhom jiġu determinati b'konsultazzjoni mal-persunal veterinarju.

*Tabella 4.1.*

**Klieb**

Klieb li jkunu qed jinżammu bħala par jew fi grupp għandu mnejn ikollhom l-ispazju mnaqqas bin-nofs, (2 $m^2$ għal kelb li jkun jiżen anqas minn 20 kg, 4 $m^2$ għal kelb li jkun jiżen aktar minn 20 kg) waqt li jkunu għaddejjin minn proċessi kif definiti f'din id-Direttiva, jekk din is-separazzjoni tkun meħtieġa għal raġunijiet xjentifiċi. Iż-żmien ta' dan it-tnaqqis bin-nofs għal kelb ma għandux ikun itwal minn 4 sigħat kull darba.

Il-kelba li tkun qed tredda' u l-boton tagħha għandu jkollhom l-istess tolleranza ta' spazju daqs kelba adulta ta' piż ekwivalenti. Il-kumpartiment tat-tnissil għandu jkun imfassal b'mod li jkun possibbli li l-kelba tkun tista' tmur f'kumpartiment addizzjonali jew f'post fl-għoli 'l hinn mill-ġriewi.

| Piż (kg) | Daqs minimu tal-kumpartiment ($m^2$) | Erja minima ta' art għal annimal wieħed jew għal tnejn ($m^2$) | Għal kull annimal ieħor żid minimu ta' ($m^2$) | Għoli minimu (m) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| sa 20 | 4 | 4 | 2 | 2 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| aktar minn 20 | 8 | 8 | 4 | 2 | |

*Tabella 4.2.*

**Klieb – wara l-ftim**

| Il-piż tal-kelb (kg) | Daqs minimu tal-kumpartiment ($m^2$) | Erja minima ta' art għal kull annimal ($m^2$) | Għoli minimu (m) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|
| sa 5 | 4 | 0,5 | 2 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| over 5 to 10 | 4 | 1,0 | 2 | |
| bejn 10 u 15 | 4 | 1,5 | 2 | |
| bejn 15 u 20 | 4 | 2 | 2 | |
| aktar minn 20 | 8 | 4 | 2 | |

5. Inmsa

*Tabella 5.*

**Inmsa**

| | Daqs minimu tal-kumpartiment ($cm^2$) | Erja minima ta' art għal kull annimal ($cm^2$) | Għoli minimu (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|
| Annimali li jiżnu anqas minn 600 gm | 4 500 | 1 500 | 50 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| Annimali li jiżnu aktar minn 600 gm | 4 500 | 3 000 | 50 | |
| Irġiel adulti | 6 000 | 6 000 | 50 | |
| Inmsa nisa u l-boton tagħhom | 5 400 | 5 400 | 50 | |

6. Primati mhux umani

Il-primati mhux umani li għadhom żgħar ma għandhomx jiġu separati minn ommhom sakemm ikollhom minn 6 sa 12-il xahar, jiddependi mill-ispeċi.

L-ambjent għandu jippermetti li l-primati mhux umani jkunu jistgħu jwettqu programm kumpless ta' attivitajiet kuljum. Il-kumpartiment għandu jippermetti li l-primati mhux umani jkunu jistgħu jadottaw repertorju ta' mġiba wiesa' kemm jista' jkun, għandu jipprovdilhom sens ta' sigurtà u ambjent kumpless biżżejjed li jippermettilhom jiġru, jimxu, jixxabbtu u jaqbżu.

*Tabella 6.1.*

**Marmosetti u tamarini**

| | Erja minima ta' art għal kumpartiment għal 1 (*) jew 2 annimali u l-frieħ ta' mhux aktar minn 5 xhur ($m^2$) | Volum minimu għal kull annimal addizzjonali ta' aktar minn 5 xhur ($m^3$) | Għoli minimu tal-kumpartiment (m) (**) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|
| Marmosetti | 0,5 | 0,2 | 1,5 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| Tamarins | 1,5 | 0,2 | 1,5 | |

(*) L-annimali għandhom jinżammu waħedhom biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali.
(**) Is-saqaf tal-kumpartiment għandu jkun mill-inqas 1.8 m 'l fuq mill-art.

Għall-marmosetti u t-tamarini, is-separazzjoni mill-omm ma għandhiex isseħħ qabel ma jagħlqu 8 xhur.

*Tabella 6.2.*

**Xadini skojjattlu**

| Erja minima ta' art għal 1 (*) jew 2 annimali ($m^2$) | Volum minimu għal kull annimal addizzjonali ta' aktar minn 6 xhur ($m^3$) | Għoli minimu tal-kompartiment (m) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|
| 2,0 | 0,5 | 1,8 | fl-1 ta' Jannar 2017. |

(*) L-annimali għandhom jinżammu waħedhom biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

Għax-xadini skojjattlu, is-separazzjoni mill-omm ma għandhiex isseħħ qabel ma jagħlqu 6 xhur.

*Tabella 6.3.*

**Makaki u vervetti** (*)

| | Daqs minimu tal-kumpartiment ($m^2$) | Volum minimu tal-kumpartiment ($m^3$) | Volum minimu għal kull annimal ($m^3$) | Għoli minimu tal-kompartiment (m) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Annimali ta' anqas minn 3 snin (**) | 2,0 | 3,6 | 1,0 | 1,8 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| Annimali ta' aktar minn 3 snin (***) | 2,0 | 3,6 | 1,8 | 1,8 | |
| Annimali miżmuma għal skop ta' tgħammir (****) | | | 3,5 | 2,0 | |

(*) L-annimali għandhom jinżammu waħedhom biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali.
(**) Jistgħu jinżammu sa tliet annimali f'kumpartiment li jkollu qisien minimi.
(***) Jistgħu jinżammu sa żewġ annimali f'kumpartiment li jkollu qisien minimi.
(****) F'kolonji tat-tgħammir mhux meħtieġa allokazzjoni miżjuda ta' spazju/volum għal annimali ta' anqas minn sentejn li jkunu miżmuma ma' ommhom.

Għall-makaki u l-vervetti, is-separazzjoni mill-omm ma għandhiex isseħħ qabel ma jagħlqu 8 xhur.

*Tabella 6.4.*

**Babwini** (*)

| | Daqs minimu tal-kumpartiment ($m^2$) | Volum minimu tal-kumpartiment ($m^3$) | Volum minimu għal kull annimal ($m^3$) | Għoli minimu tal-kompartiment (m) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Annimali ta' anqas minn 4 snin (**) | 4,0 | 7,2 | 3,0 | 1,8 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| Annimali ta' 4 snin jew aktar (**) | 7,0 | 12,6 | 6,0 | 1,8 | |
| Annimali miżmuma għal skop ta' tgħammir (***) | | | 12,0 | 2,0 | |

(*) L-annimali għandhom jinżammu waħedhom biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali.
(**) Jistgħu jinżammu sa żewġ annimali f'kumpartiment li jkollu qisien minimi.
(***) F'kolonji tat-tgħammir mhux meħtieġa allokazzjoni miżjuda ta' spazju/volum għal annimali ta' anqas minn sentejn li jkunu miżmuma ma' ommijiethom.

Għall-babwini, is-separazzjoni mill-omm ma għandhiex isseħħ qabel ma jagħlqu 8 xhur.

7. Annimali tal-irziezet

Matul riċerka agrikola, meta l-għan tal-proġett jitlob li l-annimali jinżammu f'kondizzjonijiet simili għal dawk kif jinżammu l-annimali tal-irziezet kummerċjali, iż-żamma tal-annimali għandha tikkonforma mill-inqas mal-istandards stabbiliti fid-Direttivi 98/58/KE, 91/629/KEE ([1]) u 91/630/KEE ([2]).

([1]) Direttiva tal-Kunsill 91/629/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela (ĠU L 340, 11.12.1991, p. 28).
([2]) Direttiva tal-Kunsill 91/630/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali (ĠU L 340, 11.12.1991, p. 33).

*Tabella 7.1.*

**Annimali tal-ifrat**

| Piż tal-ġisem (kg) | Daqs minimu tal-kumpartiment ($m^2$) | Erja minima ta' art għal kull annimal ($m^2$/annimal) | Tul tal-ħawt għal tmigħ ad libitum lil annimali mingħajr qarn (m/annimal) | Tul tal-ħawt għal tmigħ ristrett lil annimali mingħajr qarn (m/annimal) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| sa 100 | 2,50 | 2,30 | 0,10 | 0,30 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| bejn 100 u 200 | 4,25 | 3,40 | 0,15 | 0,50 | |
| bejn 200 u 400 | 6,00 | 4,80 | 0,18 | 0,60 | |
| bejn 400 u 600 | 9,00 | 7,50 | 0,21 | 0,70 | |
| bejn 600 u 800 | 11,00 | 8,75 | 0,24 | 0,80 | |
| aktar minn 800 | 16,00 | 10,00 | 0,30 | 1,00 | |

*Tabella 7.2.*

**Ngħaġ u mogħoż**

| Piż tal-ġisem (kg) | Daqs minimu tal-kumpartiment ($m^2$) | Erja minima ta' art għal kull annimal ($m^2$/annimal) | Għoli minimu tad-diviżorji (m) | Spazju tal-ħawt għal tmigħ ad libitum (m/annimal) | Spazju tal-ħawt għal tmigħ ristrett (m/annimal) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| inqas minn 20 | 1,0 | 0,7 | 1,0 | 0,10 | 0,25 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| bejn 20 u 35 | 1,5 | 1,0 | 1,2 | 0,10 | 0,30 | |
| bejn 35 u 60 | 2,0 | 1,5 | 1,2 | 0,12 | 0,40 | |
| aktar minn 60 | 3,0 | 1,8 | 1,5 | 0,12 | 0,50 | |

*Tabella 7.3.*

**Majjali u majjaletti**

| Piż tal-annimal ħaj (kg) | Daqs minimu tal-kumpartiment (*) ($m^2$) | Erja minima ta' art għal kull annimal ($m^2$/annimal) | Spazju minimu fejn jimtedd l-annimal (f'kondizzjonijiet termonewtrali) ($m^2$/annimal) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|
| Sa 5 | 2,0 | 0,20 | 0,10 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| over 5 to 10 | 2,0 | 0,25 | 0,11 | |
| bejn 10 u 20 | 2,0 | 0,35 | 0,18 | |
| bejn 20 u 30 | 2,0 | 0,50 | 0,24 | |
| bejn 30 u 50 | 2,0 | 0,70 | 0,33 | |
| bejn 50 u 70 | 3,0 | 0,80 | 0,41 | |
| bejn 70 u 100 | 3,0 | 1,00 | 0,53 | |

| Piż tal-annimal ħaj (kg) | Daqs minimu tal-kumpartiment (*) ($m^2$) | Erja minima ta' art għal kull annimal ($m^2$/annimal) | Spazju minimu fejn jimtedd l-annimal (f'kondizzjonijiet termonewtrali) ($m^2$/annimal) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|
| bejn 100 u 150 | 4,0 | 1,35 | 0,70 | |
| aktar minn 150 | 5,0 | 2,50 | 0,95 | |
| Ħalluġ adult (konvenzjonali) | 7,5 | | 1,30 | |

(*) Il-majjali jistgħu jinżammu f'kumpartimenti iżgħar għal perijodi qosra, pereżempju billi l-kumpartiment ewlieni jinqasam permezz ta' diviżorji, meta dan ikun iġġustifikat għal raġunijiet veterinarji jew sperimentali, pereżempju meta jinħtieġ konsum ta' ikel individwali.

*Tabella 7.4.*

**Ekwini**

L-iqsar ġenb tal-kumpartiment għandu jkun minimu ta' 1,5 drabi l-għoli mill-gerriesa tal-annimal. L-għoli tal-kumpartiment taħt saqaf għandu jippermetti lill-annimali li jkunu jistgħu jsulu sal-għoli tagħhom kollu.

| Għoli mill-gerriesa (m) | Erja minima ta' art għal kull annimal ($m^2$/annimal) | | | Għoli minimu tal-kompartiment (m) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| | Għal kull annimal miżmum waħdu jew fi gruppi ta' 2 jew 3 annimali | Għal kull annimal miżmum fi gruppi ta' 4 annimali jew aktar | Stalla għall-mohriet/debba u mohor | | |
| 1,00 sa 1,40 | 9,0 | 6,0 | 16 | 3,00 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| bejn 1,40 u 1,60 | 12,0 | 9,0 | 20 | 3,00 | |
| aktar minn 1,60 | 16,0 | $(2 \times GĦG)^2$ (*) | 20 | 3,00 | |

(*) Biex ikun żgurat li jingħata spazju biżżejjed, l-allokazzjonijiet ta' spazju għal kull annimal individwali għandhom ikunu bbażati fuq l-għoli tal-ispalla ("wither height" – WH).

8. Għasafar

Matul riċerka agrikola, meta l-għan tal-proġett jitlob li l-annimali jinżammu f'kondizzjonijiet simili għal dawk kif jinżammu l-annimali tal-irziezet kummerċjali, iż-żamma tal-annimali għandha tikkonforma mill-inqas mal-istandards stabbiliti fid-Direttivi 98/58/KE, 99/74/KE ([1]) u 2007/43/KE ([2]).

*Tabella 8.1.*

**Tjur domestiċi**

Meta dawn id-daqsijiet minimi tal-kumpartimenti ma jistgħux jiġu pprovduti għal raġunijiet xjentifiċi, il-perjodu fl-għeluq għandu jkun iġġustifikat mill-esperimentatur, b'konsultazzjoni mal-persunal veterinarju. F'ċirkostanzi bħal dawn, it-tjur jistgħu jinżammu f'kumpartiment iżgħar li jkun fih arrikkiment xieraq u b'erja minima ta' art ta' 0,75 $m^2$.

| Piż tal-ġisem (gm) | Daqs minimu tal-kumpartiment ($m^2$) | Erja minima għal kull tajra ($m^2$) | Għoli minimu (cm) | Tul minimu tal-ħawt tal-għalf għal kull għasfur (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Sa 200 | 1,00 | 0,025 | 30 | 3 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| bejn 200 u 300 | 1,00 | 0,03 | 30 | 3 | |
| bejn 300 u 600 | 1,00 | 0,05 | 40 | 7 | |

([1]) Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ tal-bajd (ĠU L 203, 3.8.1999, p. 53).
([2]) Direttiva tal-Kunsill 2007/43/KE tat-28 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi regoli minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam (ĠU L 182, 12.7.2007, p. 19).

| Piż tal-ġisem (gm) | Daqs minimu tal-kumpartiment ($m^2$) | Erja minima għal kull tajra ($m^2$) | Għoli minimu (cm) | Tul minimu tal-ħawt tal-għalf għal kull għasfur (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| bejn 600 u 1 200 | 2,00 | 0,09 | 50 | 15 | |
| bejn 1 200 u 1 800 | 2,00 | 0,11 | 75 | 15 | |
| bejn 1 800 u 2 400 | 2,00 | 0,13 | 75 | 15 | |
| aktar minn 2 400 | 2,00 | 0,21 | 75 | 15 | |

*Tabella 8.2.*

**Dundjani domestiċi**

Il-ġnub kollha tal-kumpartimenti għandhom ikunu twal mill-inqas 1.5 m. Meta għal raġunijiet xjentifiċi ma jistgħux jiġu pprovduti dawn id-daqsijiet minimi tal-kumpartimenti, il-perijodu fl-għeluq għandu jkun iġġustifikat mill-isperimentatur b'konsultazzjoni mal-persunal veterinarju. F'dawk iċ-ċirkostanzi, l-għasafar jistgħu jinżammu f'kumpartimenti iżgħar li jkun fihom arrikkiment adatt u b'qies minimu ta' art ta' 0.75 $m^2$ u għoli minimu ta' 50 cm għall-għasafar eħfef minn 0.6 kg, 75 cm għall-għasafar eħfef minn 4 kg, u 100 cm għall-għasafar itqal minn 4 kg. awn jistgħu jintużaw biex jinżammu gruppi żgħar ta' għasafar konformement mal-allokazzjonijiet ta' spazju mogħtija fit-Tabella 8.2.

| Piż tal-ġisem (kg) | Daqs minimu tal-kumpartiment ($m^2$) | Medda minima għal kull għasfur ($m^2$) | Għoli minimu (cm) | Tul minimu tal-ħawt tal-għalf għal kull għasfur (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Sa 0,3 | 2,00 | 0,13 | 50 | 3 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| bejn 0,3 u 0,6 | 2,00 | 0,17 | 50 | 7 | |
| bejn 0,6 u 1 | 2,00 | 0,30 | 100 | 15 | |
| bejn 1 u 4 | 2,00 | 0,35 | 100 | 15 | |
| bejn 4 u 8 | 2,00 | 0,40 | 100 | 15 | |
| bejn 8 u 12 | 2,00 | 0,50 | 150 | 20 | |
| bejn 12 u 16 | 2,00 | 0,55 | 150 | 20 | |
| bejn 16 u 20 | 2,00 | 0,60 | 150 | 20 | |
| aktar minn 20 | 3,00 | 1,00 | 150 | 20 | |

*Tabella 8.3.*

**Summien**

| Piż tal-ġisem (gm) | Daqs minimu tal-kumparti-ment ($m^2$) | Erja minima għal kull tajra miżmuma f'par ($m^2$) | Erja għal kull tajra addizzjonali miżmuma fi grupp ($m^2$) | Għoli minimu (cm) | Tul minimu tal-ħawt tal-għalf għal kull għasfur (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Sa 150 | 1,00 | 0,5 | 0,10 | 20 | 4 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| Aktar minn 150 | 1,00 | 0,6 | 0,15 | 30 | 4 | |

*Tabella 8.4.*

**Papri u wiżż**

Meta dawn id-daqsijiet minimi tal-kumpartimenti ma jistgħux jiġu pprovduti għal raġunijiet xjentifiċi, il-perjodu fl-għeluq għandu jkun iġġustifikat mill-esperimentatur, b'konsultazzjoni mal-persunal veterinarju. F'ċirkostanzi bħal dawn, it-tjur jistgħu jinżammu f'kumpartiment iżgħar li jkun fih arrikkiment xieraq u b'erja minima ta' art ta' 75 $m^2$. Dawn jistgħu jintużaw biex jinżammu gruppi żgħar ta' tjur skont l-allokazzjonijiet ta' spazju msemmija hawn fit-Tabella 8.4.

| Piż tal-ġisem (gm) | Daqs minimu tal-kumpartiment ($m^2$) | Erja għal kull tajra ($m^2$) (*) | Għoli minimu (cm) | Tul minimu tal-ħawt tal-għalf għal kull għasfur (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| *Papri* | | | | | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| Sa 300 | 2,00 | 0,10 | 50 | 10 | |
| Bejn 300 u 1 200 (**) | 2,00 | 0,20 | 200 | 10 | |
| Akar minn 1 200 sa 3 500 | 2,00 | 0,25 | 200 | 15 | |
| Aktar minn 3 500 | 2,00 | 0,50 | 200 | 15 | |
| *Wiżż* | | | | | |
| Sa 500 | 2,00 | 0,20 | 200 | 10 | |
| Akar minn 500 sa 2 000 | 2,00 | 0,33 | 200 | 15 | |
| Aktar minn 2 000 | 2,00 | 0,50 | 200 | 15 | |

(*) Dan għandu jinkludi vaska b'medda minima ta' 0,5 $m^2$ għal kull 2 $m^2$ ta' kumpartiment b'fond minimu ta' 30 cm. Il-vaska tista' tieħu sa 50 % tad-daqs tal-kumpartiment.
(**) Tjur li jkun għadhom ma bdewx itiru jistgħu jinżammu f'kumpartimenti b'għoli minimu ta' 75 cm.

*Tabella 8.5.*

**Papri u wiżż: Daqsijiet minimi tal-vaski** (*)

| | Erja ($m^2$) | Fond (cm) |
|---|---|---|
| Papri | 0,5 | 30 |
| Wiżż | 0,5 | minn 10 sa 30 |

(*) Id-daqsijiet tal-vaski huma għal kull 2 $m^2$ ta' kumpartiment. Il-vaska tista' tieħu sa 50 % tad-daqs tal-kumpartiment.

*Tabella 8.6.*

**Ħamiem**

Il-kumpartimenti għandhom ikunu twal u dojoq (pereżempju 2 m b'1 m) aktar milli kwadri biex it-tjur ikunu jistgħu jittajjru xi ftit.

| Daqs tal-grupp | Daqs minimu tal-kumpartiment ($m^2$) | Għoli minimu (cm) | Tul minimu tal-ħawt tal-għalf għal kull għasfur (cm) | Tul minimu tal-perċa għal kull għasfur (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Sa 6 | 2 | 200 | 5 | 30 | fl-1 ta' Jannar 2017. |

| Daqs tal-grupp | Daqs minimu tal-kumpartiment ($m^2$) | Għoli minimu (cm) | Tul minimu tal-ħawt tal-għalf għal kull għasfur (cm) | Tul minimu tal-perċa għal kull għasfur (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| minn 7 sa 12 | 3 | 200 | 5 | 30 | |
| għal kull għasfur meta l-għadd jaqbeż 12 | 0,15 | | 5 | 30 | |

*Tabella 8.7.*

**Żebri finch**

Il-kumpartimenti għandhom ikunu twal u dojoq (pereżempju 2 m b'1 m) biex l-għasafar ikunu jistgħu jittajjru xi ftit. Għal studji dwar it-tgħammir, il-pari jistgħu jinżammu f'kumpartimenti iżgħar li jkun fihom arrikkiment adatt b'art ta' daqs minimu ta' 0,5 $m^2$ u għoli minimu ta' 40 cm. l-perijodu tal-għeluq għandu jkun iġġustifikat mill-isperimentatur b'konsultazzjoni mal-persunal veterinarju.

| Daqs tal-grupp | Daqs minimu tal-kumpartiment ($m^2$) | Għoli minimu (cm) | L-għadd minmu ta' ħwat tal-għalf | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|
| Sa 6 | 1,0 | 100 | 2 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| 7 sa 12 | 1,5 | 200 | 2 | |
| 13 sa 20 | 2,0 | 200 | 3 | |
| Għal kull għasfur addizzjonali meta l-għadd jaqbeż 20 | 0,05 | | 1 għal kull 6 għasafar | |

9. Anfibji

*Tabella 9.1.*

**Urodeli akkwatiċi**

| Tul tal-ġisem (*) (cm) | Erja minima tal-wiċċ tal-ilma ($cm^2$) | Erja minima tal-wiċċ tal-ilma għal kull annimal addizjonali miżmum fil-grupp ($cm^2$) | Fond minimu tal-ilma (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|
| Sa 10 | 262,5 | 50 | 13 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| bejn 10 u 15 | 525 | 110 | 13 | |
| bejn 15 u 20 | 875 | 200 | 15 | |
| bejn 20 u 30 | 1 837,5 | 440 | 15 | |
| Aktar minn 30 | 3 150 | 800 | 20 | |

(*) Imkejjel mill-imnieħer sal-ventru.

*Tabella 9.2.*

**Anurans akkwatiċi** (*)

| Tul tal-ġisem (**) (cm) | Erja minima tal-wiċċ tal-ilma ($cm^2$) | Erja minima tal-wiċċ tal-ilma għal kull annimal addizjonali miżmum fil-grupp ($cm^2$) | Fond minimu tal-ilma (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|
| Inqas minn 6 | 160 | 40 | 6 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| minn 6 sa 9 | 300 | 75 | 8 | |

| Tul tal-ġisem (**) (cm) | Erja minima tal-wiċċ tal-ilma ($cm^2$) | Erja minima tal-wiċċ tal-ilma għal kull annimal addizjonali miżmum fil-grupp ($cm^2$) | Fond minimu tal-ilma (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|
| bejn 9 u 12 | 600 | 150 | 10 | |
| aktar minn 12 | 920 | 230 | 12,5 | |

(*) Dawn il-kondizzjonijiet japplikaw għat-tankijiet għaż-żamma (jiġifieri t-trobbija) iżda mhux għal dawk it-tankijiet użati għat-tgħammir naturali u s-superovulazzjoni għal raġunijiet ta' effiċjenza, peress li dawn tal-aħħar jeħtieġu tankijiet individwali iżgħar. Rekwiżiti ta' spazju ddeterminati għall-adulti fil-kategoriji tad-daqs indikati; iż-żgħar u l-marżebb għandhom jiġu esklużi, inkella d-dimensjonijiet mibdula skont id-daqs tagħhom.

(**) Imkejjel mill-imnieħer sal-ventru.

*Tabella 9.3.*

**Anurans semi akkwatiċi**

| Tul tal-ġisem (*) (cm) | Daqs minimu tal-kumpartiment (**) ($cm^2$) | Erja minima għal kull annimal addizjonali miżmum fil-grupp ($cm^2$) | L-għoli minimu tal-kumparti-ment (***) (cm) | Fond minimu tal-ilma (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| sa 5,0 | 1 500 | 200 | 20 | 10 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| bejn 5,0 u 7,5 | 3 500 | 500 | 30 | 10 | |
| Aktar minn 7,5 | 4 000 | 700 | 30 | 15 | |

(*) Imkejjel mill-imnieħer sal-ventru.

(**) Imqassam f'terz art u żewġ terzi ilma fond biżżejjed biex l-annimali jgħoddsu.

(***) Imkejjel mill-wiċċ tat-taqsima tal-art sal-parti ta' ġewwa tan-naħa ta' fuq tat-terrarju; barra minn hekk, l-għoli tal-kumpartimenti għandu jiġi adattat għad-disinn ta' ġewwa.

*Tabella 9.4.*

**Anurans semi terrestri**

| Tul tal-ġisem (*) (cm) | Daqs minimu tal-kumpartiment (**) ($cm^2$) | Medda minima għal kull annimal miżjud fil-grupp ($cm^2$) | L-għoli minimu tal-kumparti-ment (***) (cm) | Fond minimu tal-ilma (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Sa 5,0 | 1 500 | 200 | 20 | 10 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| bejn 5,0 u 7,5 | 3 500 | 500 | 30 | 10 | |
| aktar minn 7,5 | 4 000 | 700 | 30 | 15 | |

(*) Imkejjel mill-imnieħer sal-ventru.

(**) Imqassam f'żewġ terzi art u terz ilma fond biżżejjed biex l-annimali jgħoddsu.

(***) Imkejjel mill-wiċċ tat-taqsima tal-art sal-parti ta' ġewwa tan-naħa ta' fuq tat-terrarju; barra minn hekk, l-għoli tal-kumpartimenti għandu jiġi adattat għad-disinn ta' ġewwa.

*Tabella 9.5.*

**Anurans tas-Siġar**

| Tul tal-ġisem (*) (cm) | Daqs minimu tal-kumpartiment (**) (cm$^2$) | Medda minima għal kull annimal miżjud fil-grupp (cm$^2$) | L-għoli minimu tal-kumpartiment (***) (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|
| sa 3,0 | 900 | 100 | 30 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| Aktar minn 3,0 | 1 500 | 200 | 30 | |

(*) Imkejjel mill-imnieħer sal-ventru.
(**) Imqassam f'żewġ terzi art u terz ilma fond biżżejjed biex l-annimali jgħoddsu.
(***) Imkejjel mill-wiċċ tat-taqsima tal-art sal-parti ta' ġewwa tan-naħa ta' fuq tat-terrarju; barra minn hekk, l-għoli tal-kumpartimenti għandu jiġi adattat għad-disinn ta' ġewwa.

10. Rettili

*Tabella 10.1.*

**Kelonji akkwatiċi**

| Tul tal-ġisem (*) (cm) | Erja minima tal-wiċċ tal-ilma (cm$^2$) | Erja minima tal-wiċċ tal-ilma għal kull annimal addizzjonali miżmum fil-grupp (cm$^2$) | Fond minimu tal-ilma (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|
| sa 5 | 600 | 100 | 10 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| Akar minn 5 sa 10 | 1 600 | 300 | 15 | |
| Akar minn 10 sa 15 | 3 500 | 600 | 20 | |
| Over 15 to 20 | 6 000 | 1 200 | 30 | |
| Akar minn 20 sa 30 | 10 000 | 2 000 | 35 | |
| Aktar minn 30 | 20 000 | 5 000 | 40 | |

(*) Imkejjel f'linja dritta mix-xifer ta' quddiem sax-xifer ta' wara tal-qoxra.

*Tabella 10.2.*

**Sriep terrestri**

| Tul tal-ġisem (*) (cm) | Erja minima ta' art (cm$^2$) | Erja minima għal kull annimal addizzjonali miżmum fil-grupp (cm$^2$) | L-għoli minimu tal-kumpartiment (**) (cm) | Data msemmija fl-Artikolu 33(2) |
|---|---|---|---|---|
| sa 30 | 300 | 150 | 10 | fl-1 ta' Jannar 2017. |
| Akar minn 30 sa 40 | 400 | 200 | 12 | |
| Akar minn 40 sa 50 | 600 | 300 | 15 | |
| Akar minn 50 sa 75 | 1 200 | 600 | 20 | |
| Aktar minn 75 | 2 500 | 1 200 | 28 | |

(*) Imkejjel mill-imnieħer sad-denb.
(**) Imkejjel mill-wiċċ tat-taqsima tal-art sal-parti ta' ġewwa tan-naħa ta' fuq tat-terrarju; barra minn hekk, l-għoli tal-kumpartimenti għandu jiġi adattat għad-disinn ta' ġewwa.

11. Ħut:

11.1. Provvista u kwalità tal-ilma:

F'kull ħin għandu jkun hemm provvista adegwata ta' ilma ta' kwalità adatta. Il-fluss tal-ilma f'sistemi ta' riċirkulazzjoni jew filtrazzjoni f'tankijiet għandu jkun biżżejjed li jiżgura li l-parametri tal-kwalità tal-ilma jinżammu f'livelli aċċettabbli. Fejn ikun meħtieġ, il-provvista tal-ilma għandha tiġi ffiltrata jew ittrattata biex jitneħħew is-sustanzi li jagħmlu l-ħsara lill-ħut. Il-parametri tal-kwalità tal-ilma għandhom dejjem jinżammu fil-firxa aċċettabbli li ssostni l-attività normali u l-fiżjoloġija tal-ispeċi u l-istadju tal-iżvilupp partikolari. Il-fluss tal-ilma għandu jkun tali li jippermetti lill-ħut jgħumu tajjeb u jġibu rwieħhom b'mod normali. Il-ħut għandu jingħata biżżejjed żmien biex jikklimatizza u jadatta għal tibdil fil-kondizzjonijiet tal-kwalità tal-ilma.

11.2. Ossiġenu, komposti tan-nitroġenu, pH u salinità:

Il-konċentrazzjoni tal-ossiġenu għandha tkun adatta għall-ispeċi u l-kuntest li fihom jinżamm il-ħut. Fejn ikun meħtieġ għandha tiġi pprovduta arjazzjoni supplementari lill-ilma tat-tank. Il-konċentrazzjonijiet tal-komposti tan-nitroġenu għandhom jinżammu baxxi.

Il-livell tal-pH għandu jiġi adattat għall-ispeċi u jinżamm kemm jista' jkun stabbli. Is-salinità għandha tiġi adattata għall-ħtiġijiet tal-ispeċi tal-ħut u għall-istadju tal-ħajja tal-ħut. Tibdil fis-salinità għandu jsir gradwalment.

11.3. Temperatura, dwal u ħsejjes:

It-temperatura għandha tinżamm fil-limiti ottimali għall-ispeċi tal-ħut ikkonċernati u tinżamm kemm jista' jkun stabbli. Tibdil fit-temperatura għandu jsir gradwalment. Il-ħut għandu jingħata perijodi ta' dawl adatti. Il-livelli tal-ħoss għandhom jinżammu kemm jista' jkun baxxi u meta jkun possibbli t-tagħmir li joħloq ħsejjes jew vibrazzjoni, bħal ġeneraturi tal-elettriku jew sistemi tal-filtrazzjoni, għandhom ikunu separati mit-tankijiet fejn jinżamm il-ħut.

11.4. Densità tal-istokkjar u kumplessità ambjentali:

Id-densità tal-istokkjar tal-ħut għandha tkun ibbażata fuq il-ħtiġijiet totali tal-ħut fir-rigward tal-kondizzjonijiet ambjentali, is-saħħa u t-trattament xieraq tagħhom. Il-ħut għandu jkollu volum ta' ilma biżżejjed li jippermettilu jgħum b'mod normali b'kont meħud tad-daqs, l-età, l-istat tas-saħħa u l-metodu tal-għalf tagħhom. Il-ħut għandu jkollu pprovdut ambjent ta' arrikkiment adatt, bħal ma huma postijiet fejn jistaħba jew sottostrat tal-qiegħ, dment li l-karatteristiċi tal-imġiba ma jissuġġerixxux li dan ma jkunx meħtieġ.

11.5. Għalf u maneġġar:

Il-ħut għandu jingħalef b'dieta li tgħodd għalih u bi frekwenza adatta. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-għalf tal-ħut larvali waqt kwalunkwe transizzjoni minn dieta ħajja għal waħda artifiċjali. Il-maneġġar tal-ħut għandu jinżamm limitat kemm jista' jkun.

*ANNESS IV*

**METODI TA' QTIL TAL-ANNIMALI**

1. Fil-proċess ta' qtil ta' annimali, għandhom jintużaw il-metodi elenkati fit-tabella hawn taħt.

   Metodi oħra minbarra dawk elenkati fit-tabella jistgħu jintużaw:

   (a) fuq annimali li ma jkunux f'sensihom, dment li l-annimali ma jiġux f'sensihom qabel ma jmutu;

   (b) fuq annimali użati fir-riċerka agrikola, meta l-għan tal-proġett jitlob li l-annimali jinżammu f'kondizzjonijiet simili għal dawk kif jinżammu l-annimali tal-irziezet kummerċjali; dawn l-annimali jistgħu jinqatlu skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qtil ([1]).

2. Il-qtil ta' annimali għandu jiġi kkompletat b'wieħed minn dawn il-metodi:

   (a) konferma tal-waqfien permanenti taċ-ċirkulazzjoni;

   (b) distruzzjoni tal-moħħ;

   (c) diżlokazzjoni tal-għonq;

   (d) żvinar; jew

   (e) konferma tal-bidu tar-*rigor mortis*.

3. Tabella

| Annimali-rimarki/metodi | Ħut | Anfibji | Rettili | Għasafar | Rodenti | Fniek | Klieb, qtates, inmsa | Mammiferi kbar | Primati mhux umani |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Doża żejda ta' anestetiku | (1) | (1) | (1) | (1) | (1) | (1) | (1) | (1) | (1) |
| Pistola pnewmatika | X | X | (2) | X | X | | X | | X |
| Diossidu tal-karbonju | X | X | X | | (3) | X | X | X | X |
| Diżlokazzjoni ċervikali | X | X | X | (4) | (5) | (6) | X | X | X |
| Konkussjoni/daqqa perkussiva fuq ir-ras | | | | (7) | (8) | (9) | (10) | X | X |
| Qtugħ ir-ras | X | X | X | (11) | (12) | X | X | X | X |
| Sturdament b'mezz elettriku | (13) | (13) | X | (13) | X | (13) | (13) | (13) | X |
| Gassijiet inerti (Ar, $N_2$) | X | X | X | | | X | X | (14) | X |
| Sparatura b'tir ta' azzarin, pistola u ammunizzjon xieraq | X | X | (15) | X | X | X | (16) | (15) | X |

([1]) ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1.

Rekwiżiti

1. Għandu, fejn adatt, jintuża b'sedazzjoni minn qabel.
2. Għandu jintuża biss fuq rettili kbar.
3. Għandhom jingħataw dożi gradwali biss. M'għandux jintuża għal rodenti f'forom ta' fetu jew tat-twelid.
4. Għandu jintuża biss għal għasafar taħt il-1 kg. Għasafar ta' aktar minn 250 g għandhom jingħataw sedattiv.
5. Għandu jintuża biss għal rodenti taħt il-1 kg. Rodenti ta' aktar minn 150 g għandhom jingħataw sedattiv.
6. Għandu jintuża biss għal fniek taħt il-1 kg. Fniek ta' aktar minn 150 g għandhom jingħataw sedattiv.
7. Għandu jintuża biss għal għasafar taħt il-5 kg.
8. Għandu jintuża biss għal rodenti taħt il-5 kg.
9. Għandu jintuża biss għal fniek taħt il-5 kg.
10. Għandu jintuża fuq annimali tat-twelid.
11. Għandu jintuża biss għal għasafar taħt il-250 g.
12. Għandu jintuża biss jekk metodi oħra mhumiex possibbli.
13. Meħtieġ tagħmir speċjali.
14. Għandu jintuża biss fuq majjali.
15. Għandu jintuża biss f'kondizzjonijiet fil-miftuħ minn persuni b'esperjenza fl-isparar.
16. Għandu jintuża biss f'kondizzjonijiet fil-miftuħ minn persuni b'esperjenza fl-isparar meta metodi oħra mhumiex possibbli.

*ANNESS V*

**LISTA TA' ELEMENTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 23(3)**

1. Il-leġislazzjoni nazzjonali fis-seħħ b'rilevanza għall-ksib, it-tgħammir, il-kura u l-użu tal-annimali għal skopijiet xjentifiċi;

2. Prinċipji tal-etika fir-rigward tar-relazzjoni bejn il-bnedmin u l-annimali, il-valur intrinsiku tal-ħajja u argumenti favur u kontra l-użu tal-annimali għal skopijiet xjentifiċi;

3. Bijoloġija bażika u adatta speċifika għall-ispeċi fir-rigward tal-anatomija, l-aspetti fisjoloġiċi, it-trobbija, il-ġenetika u l-modifikazzjoni ġenetika;

4. L-imġiba tal-annimali, it-trobbija u l-arrikiment tal-ambjent tagħhom;

5. Metodi ta' maneġġar u proċessi speċifiċi għall-ispeċi, fejn meħtieġ;

6. Il-ġestjoni tas-saħħa tal-annimali u l-iġjene;

7. Rikonoxximent speċifiku għall-ispeċi tal-iskonfort, l-uġigħ u t-tbatija tal-ispeċi l-aktar komuni ta' annimali tal-laboratorju;

8. Anestesija, metodi li jtaffu l-uġigħ u qtil;

9. L-użu ta' postijiet tal-qtil inqas krudili;

10. Rekwiżit tas-sostituzzjoni, it-tnaqqis u r-raffinament;

11. Tfassil ta' proċessi u proġetti, fejn meħtieġ.

*ANNESS VI*

**LISTA TA' ELEMENTI MSEMMIJA FL-ARIKOLU 37(1)(c)**

1. Rilevanza u ġustifikazzjoni ta' dan li ġej:

   (a) użu tal-annimali, inkluż l-oriġini, l-għadd stmat, l-ispeċijiet u l-istadji tal-ħajja tagħhom;

   (b) proċessi.

2. Applikazzjoni ta' metodi biex jiġi sostitwit, imnaqqas u rfinat l-użu tal-annimali fi proċessi.

3. L-użu previst ta' anestesija, analġeżija u metodi oħra li jtaffu l-uġigħ.

4. Meta adatt, it-tnaqqis, l-evitar u t-taffija ta' kwalunkwe forma ta' tbatija għal annimal mit-twelid sal-mewt.

5. L-użu ta' postijiet tal-qtil inqas krudili.

6. Strateġija sperimentali jew ta' osservazzjoni u mudell statistiku użati biex il-kwantità, l-uġigħ, it-tbatija, l-iskonfort tal-annimali u l-impatt ambjentali jitnaqqsu kemm jista' jkun.

7. L-użu ripetut ta' annimali u l-effett kumulattiv ta' dan fuq l-annimali.

8. Il-klassifikazzjoni tas-severità tal-proċessi proposta.

9. Meta adatt, l-evitar ta' repetizzjoni mhux ġustifikata ta' proċessi.

10. Kondizzjonijiet għaż-żamma, it-trobbija u l-kura tal-annimali.

11. Metodi ta' qtil.

12. Kompetenza tal-persuni involuti fil-proġett.

*ANNESS VII*

**DMIRIJIET U KOMPITI TAL-LABORATORJU TA' REFERENZA TAL-UNJONI**

1. Il-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju msemmi fl-Artikolu 48 hu ċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni.

2. Il-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni għandu jkun responsabbli, b'mod partikolari, sabiex:

   (a) jikkoordina u jippromwovi l-iżvilupp u l-użu ta' alternattivi għal proċessi inkluż fl-oqsma ta' riċerka bażika u applikata u ttestjar regolatorju;

   (b) jikkoordina l-validazzjoni ta' approċċi alternattivi fil-livell tal-Unjoni;

   (c) jaġixxi bħala punt fokali għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-iżvilupp ta' approċċi alternattivi;

   (d) jistabbilixxi, jieħu ħsieb u jamministra bażijiet tad-data u sistemi ta' informazzjoni pubbliċi dwar approċċi alternattivi u l-istat ta' żvilupp tagħhom;

   (e) jippromovi d-djalogu bejn il-leġislaturi, ir-regolaturi u l-partijiet kollha interessati, b'mod partikolari l-industrija, xjenzjati bijomediċi, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u gruppi dwar it-trattament xieraq tal-annimali, bil-ħsieb tal-iżvilupp, il-validazzjoni, ir-rikonoxximent internazzjonali, u l-applikazzjoni ta' approċċi alternattivi.

3. Il-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni għandu jieħu sehem fil-validazzjoni ta' approċċi alternattivi.

*ANNESS VIII*

## KLASSIFIKAZZJONI TAS-SEVERITÀ TAL-PROĊESSI

Is-severità ta' proċess għandha tiġi stabbilita mill-ammont ta' wġigħ, tbatija, skonfort jew ħsara dejjiema li annimal wieħed mistenni li jġarrab matul il-proċess.

### Taqsima I: Kategoriji ta' severità

Mingħajr irkupru:

Proċessi li jitwettqu kollha kemm huma taħt anestesija ġenerali li minnhom l-annimal ma jerġax jiġi lura f'sensih għandhom jiġu klassifikati bħala "mingħajr irkupru".

Ħafif:

Proċessi fuq annimal li b'riżultat tagħhom l-annimali x'aktarx li jġarrbu xi ftit uġigħ, tbatija jew skonfort għal żmien qasir, kif ukoll proċessi bl-ebda xkiel sinifikanti għat-trattament xieraq jew il-kondizzjoni ġenerali tal-annimal għandhom jiġu klassifikati bħala "ħfief".

Moderat:

Proċessi fuq annimal li b'riżultat tagħhom l-annimali x'aktarx li jġarrbu uġigħ, tbatija jew skonfort moderat għal żmien qasir, kif ukoll proċessi li x'aktarx jikkawża xkiel moderat għat-trattament xieraq jew il-kondizzjoni ġenerali tal-annimal għandhom jiġu klassifikati bħala "moderati".

Sever:

Proċessi fuq annimal li b'riżultat tagħhom l-annimali x'aktarx li jġarrbu uġigħ, tbatija jew skonfort sever jew uġigħ, tbatija jew skonfort moderat għal żmien twil, kif ukoll proċessi li x'aktarx jikkawżaw xkiel moderat għat-trattament xieraq jew il-kondizzjoni ġenerali tal-annimal għandhom jiġi klassifikati bħala "severi".

### Taqsima II: Kriterji ta' assenjazzjoni

L-assenjazzjoni tal-kategorija tas-severità għandha tieħu kont ta' kull intervent jew manipulazzjoni ta' annimal fi proċess definit. Hija għandha tkun ibbażata fuq l-aktar effetti severi li x'aktarx jgħaddi minnhom annimal individwali wara l-applikazzjoni tat-teknika kollha adatta tal-irfinar.

Meta jiġi assenjat proċess għal kategorija partikolari, għandu jittieħed kont tat-tip ta' proċess u għadd ta' faturi oħra. Dawn il-fatturi kollha għandhom jiġu kkunsidrati fuq bażi ta' każ b'każ.

Il-fatturi relatati mal-proċess għandhom jinkludu:

— it-tip ta' manipulazzjoni, maniġġar,

— in-natura tal-uġigħ, tbatija, skonfort jew ħsara dejjiema kkawżata mill-(elementi kollha ta') il-proċess, u l-intensità, it-tul ta' żmien, il-frekwenza u l-multipliċità tat-teknika użata,

— tbatija kumulattiva fi proċess,

— trażżin tal-espressjoni tal-imġiba naturali inkluż restrizzjonijiet fuq l-istandards tal-alloġġ, it-trobbija u l-kura.

Fit-Taqsima III huma mogħtija eżempji ta' proċessi assenjati għal kull kategorija ta' severità abbażi ta' fatturi relatati mat-tip tal-proċess biss. Huma għandhom jipprovdu l-ewwel indikazzjoni dwar liema klassifikazzjoni tkun l-aktar adatta għal ċertu tip ta' proċess.

Madanakollu, għall-iskopijiet tall-klassifikazzjoni finali ta' severità tal-proċess, għandhom jitqiesu wkoll il-fatturi addizzjonali li ġejjin, ivvalutati abbażi ta' każ b'każ:

— it-tip tal-ispeċi u l-ġenotip,

— il-maturità, l-età u s-sess tal-annimal,

— l-esperjenza u t-taħriġ tal-annimal fir-rigward tal-proċess,

— jekk l-annimal ser jerġa' jintuża, is-severità reali tal-proċessi ta' qabel,

— il-metodi użati biex inaqqsu jew ineħħu l-uġigħ, it-tbatija u l-iskonfort, inklużi l-irfinar tal-alloġġ, it-trobboja u l-kondizzjonijiet ta' kura,

— tmiem mhux krudili.

**Taqsima III:**

Eżempji ta' tipi differenti ta' proċess assenjati għal kull kategorija ta' severità abbażi ta' fatturi relatati mat-tip tal-proċess

1. Ħafif

(a) L-għoti tal-anestesija minbarra għall-iskop uniku ta' qtil;

(b) Studju farmakokinetiku fejn tingħata doża waħda u jittieħed għadd limitat ta' kampjuni tad-demm (total < 10 % tal-volum fiċ-ċirkulazzjoni) u s-sustanza mhix mistennija tikkawża xi effett negattiv evidenti;

(c) Teħid non-invażiv ta' ritratti tal-annimali (eżempju MRI) b'sedazzjoni jew anestesija kif meħtieġ;

(d) Proċessi superfiċjali, eż. bijopsiji tal-widna u tad-denb, introduzzjoni taħt il-ġilda ta' mini-pompi u transponders bla użu ta' kirurġija;

(e) Applikazzjoni ta' apparat estern ta' telemetrija li jikkawża biss xkiel ħafif għall-annimali jew xi ftit interferenza fl-attività u l-imġiba normali;

(f) Għoti ta' sustanzi taħt il-ġilda, fil-muskoli, fil-vojt taż-żaqq, bi tmigħ furzat u fil-vini superfiċjali, fejn is-sustanza għandha biss impatt ħafif fuq l-annimal, u l-volumi huma f'limiti adatti għad-daqs u l-ispeċi tal-annimal;

(g) Provokazzjoni ta' tumuri, jew tumuri spontanji, li ma jikkawżaw ebda effetti kliniċi negattivi evidenti (eż. noduli non-invażivi żgħar taħt il-ġilda);

(h) Tgħammir ta' annimali mibdulin ġenetikament li mistenni jirriżulta f'fenotip b'effetti ħfief;

(i) Għalf ta' dieti modifikati li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet ta' nutriment tal-annimali u mistennija jikkawżaw anormalità klinika ħafifa matul iż-żmien tal-istudju;

(j) Żamma f'gaġeġ metabiliċi għal żmien qasir (< 24 siegħa);

(k) Studji li jinvolvu ċ-ċaħda għal żmien qasir ta' sieħba soċjali, għeluq solitarju f'gaġeġ għal żmien qasir ta' firien jew ġrieden adulti ta' razez soċjevoli;

(l) Mudelli li jesponu lill-annimali għal stimoli noċivi assoċjati għal ħin qasir ma' wġigħ, tbatija jew skonfort ħafif, u li l-annimali jistgħu jevitaw b'suċċess;

(m) Kombinazzjoni jew akkumulazzjoni tal-eżempji li ġejjin tista' tirriżulta fi klassifikazzjoni bħala "ħafif";

(i) evalwazzjoni tal-kompożizzjoni tal-ġisem b'miżuri non-invażivi u trażżin minimu;

(ii) monitoraġġ bl-ECG b'teknika non-invażiva bi ftit jew xejn trażżin ta' annimali abitwati;

(iii) applikazzjoni ta' apparat estern tat-telemetrija li ma hu mistenni jikkawża l-ebda xkiel għal annimali soċjalment adattati u li ma jfixkilx l-attività u l-imġiba normali;

(iv) tgħammir ta' annimali mibdulin ġenetikament li ma huma mistennija jkollhom l-ebda fenotip negattiv klinikament evidenti;

(v) żieda ta' marki inerti fid-dieta biex jissegwa l-passaġġ tad-diġestjoni;

(vi) irtirar tal-ikel għal inqas minn 24 siegħa għal firien adulti;

(vii) testjar fil-miftuħ.

2. Moderat

(a) Applikazzjoni frekwenti ta' sustanzi għall-ittestjar li jipproduċu effetti kliniċi moderati, u teħid ta' kampjuni taddemm (> 10 % tal-volum fiċ-ċirkulazzjoni) f'annimal konxju fi żmien ftit jiem mingħajr sostituzzjoni tal-volum;

(b) Studji tad-dożi li joħolqu effetti akuti, testijiet għat-tossiċità/karċinoġeniċità kronika, bi tmiem mhux letali;

(c) Kirurġija taħt anestesija ġenerali u analġeżija adatta, assoċjata ma' wġigħ, tbatija jew kondizzjoni ġenerali batuta wara l-operazzjoni. Eżempji jinkludu: torakotomija, kranjotomija, laparotomija, orkidektomija, linfadenektomija, tirojdektomija, kirurġija ortopedika bi stabbilizzazzjoni u ġestjoni effettivi tal-ferita, trapjant ta' organu b'ġestjoni effettiva tar-riġett, impjant kirurġiku ta' kateteri jew apparat bijomediku (eż. trasmettituri telemetriċi, mini-pompi eċċ.);

(d) Mudelli ta' provokazzjoni ta' tumuri, jew tumuri spontanji, li mistennijin jikkawżaw uġigħ jew skonfort moderat jew tfixkil moderat fl-imġiba normali;

(e) Irradjazzjoni jew kemoterapija b'doża subletali, jew b'doża altrimenti letali iżda b'rikostituzzjoni tas-sistema immunitarja. L-effetti negattivi jkunu mistennija li jkunu ħfief jew moderati u ma jdumux ħafna (< 5 ġranet);

(f) Tgħammir ta' annimali mibdulin ġenetikament li mistenni jirriżulta f'fenotip b'effetti moderati;

(g) Ħolqien ta' annimali mibdulin ġenetikament permezz ta' proċessi kiruġiċi;

(h) Użu ta' gaġeġ metaboliċi li jinvolvi r-restrinġiment moderat taċ-ċaqliq għal perijodu twil (sa 5 ġranet);

(i) Studji b'dieti modifikati li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet ta' nutriment tal-annimali u mistennija jikkawżaw anormalità klinika moderata matul iż-żmien tal-istudju;

(j) Irtirar tal-ikel għal 48 siegħa għal firien adulti;

(k) Provokazzjoni ta' reazzjonijiet ta' ħarba u evitar fejn l-annimal ma jkunx jista' jaħrab jew jevita l-istimolu, li mistennija tirriżulta fi skonfort moderat.

3. Sever:

(a) Ittestjar tat-tossiċità fejn it-tmiem huwa l-mewt, jew fejn mistennija fatalitajiet u jiġu pprovokati stati patofiżjoloġiċi severi. Pereżempju, ittestjar tat-tossiċità akuta b'doża waħda (ara l-linji gwida tal-ittestjar tal-OECD);

(b) Ittestjar ta' apparat fejn in-nuqqas ta' suċċess jista' jikkawża wġigħ jew skonfort sever jew il-mewt tal-annimal (eż. apparat għall-assistenza kardijaka);

(c) Ittestjar tal-qawwa tat-tilqim ikkaratterizzat b'indeboliment persistenti tal-kondizzjoni, mard progressiv li jwassal għall-mewt, assoċjat ma' wġigħ, skonfort jew tbatija moderata għal żmien twil tal-annimal;

(d) Irradjazzjoni jew kemoterapija b'doża letali mingħajr rikostituzzjoni tas-sistema immunitarja, jew rikostituzzjoni bi produzzjoni tal-GVHD (graft versus host disease);

(e) Mudelli bi provokazzjoni ta' tumuri, jew b'tumuri spontanji, li mistennija jikkawżaw mard letali progressiv assoċjat ma' wġigħ, skonfort jew tbatija moderata fit-tul. Pereżempju tumuri li jikkawżaw kakessja, tumuri invażivi tal-għadam, tumuri li jirriżultaw f'tifrix metastatiku, u tumuri li jitħallew julċeraw;

(f) Interventi kirurġiċi u m'humiex f'annimali taħt anestesija ġenerali, li mistennija jirriżultaw f'uġigħ, tbatija jew skonfort moderat persistenti jew sever wara l-operazzjoni jew indeboliment sever u persistenti tal-kondizzjoni ġenerali tal-annimali. Produzzjoni ta' ksur instabbli, torakotomija mingħajr analġeżija adegwata, jew trawma li tipproduċi insuffiċjenza multipli tal-organi;

(g) Trapjant ta' organu fejn ir-riġett tal-organu x'aktarx li jwassal għal skonfort sever jew indeboliment sever tal-kondizzjoni ġenerali tal-annimali (eż. ksenotrapjant);

(h) Tgħammir ta' annimali bi problemi ġenetiċi li mistennija jġarrbu indeboliment sever u persistenti tal-kondizzjoni ġenerali, pereżempju mudelli tal-marda ta' Huntington, distrofija muskolari, newrite rikorrenti kronika;

(i) Użu ta' gaġeġ metaboliċi li jinvolvi r-restrinġiment sever taċ-ċaqliq għal perijodu twil;

(j) Xokk elettriku inevitabbli (eż. biex jipproduċi t-telf totali tal-kontroll ("learned helplessness"));

(k) Iżolament totali għal żminijiet twal tal-ispeċi soċjevoli, eż. klieb u primati mhux umani;

(l) Tensjoni tal-immobilizzazzjoni biex tipprovoka ulċeri fl-istonku jew insuffiċjenza kardijaka fil-firien;

(m) Testijiet furzati ta' għawm jew eżerċizzju bit-tmiem jikkonsisti fl-eżawriment.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i<br>tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT